# L-Imnara

GĦAQDA TAL-FOLKLOR

## L-IMNARA

**Vol. 9 Numru 4 2011 Ħarġa Numru 35**

**IL-ĦAMSA U TLETIN SENA TA' PUBBLIKAZZJONI**

**WERREJ**

**Id-Dgħajjes Tradizzjonali Maltin:** Joseph Muscat 144

**Tifkiriet mill-Imgħoddi: Barklori, u Użanzi fil-Knejjes ta' Qabel il-Konċilju** Lorenzo Zahra 157

**L-Armar ta' Barra fil-Festi Reliġjużi Maltin – Terminoloġija u Tagħrif Ieħor:** Saviour Camilleri 159

**It-Toponomastika ta' Malta: Il-Mellieħa u Madwarha:** Alex Camilleri 166

**Aktar Intietef mill-Għasri ta' Tfuliti:** Toni Calleja 175

**Folklor marbut mall-Kappella ta' Santa Marija tar-Rokna:** Joseph C. Camilleri 178

**Taqbil Folkloristiku f'Bormla - L-Ikel u l-Kċina:** Angelo Dougall 180

**Oħxon L-Imħar, Ara Kemm Hu Ħaj!:** Karmenu Pace 181

**Ikla Kirxa:** Karmenu Pace 183

**Toponomi t'Għajnsielem** Joseph Caruana' 187

Bullettin tal-Għaqda Maltija tal-Folklor. Joħroġ darba fis-sena. L-opinjonijiet li jidhru hawn m'humiex neċessarjament dawk ta' l-Għaqda jew tal-Editur, jekk ma jkunux hekk speċifikati.

*L-Indirizz tal-Editur: 7C "Perry Courts", Triq B'kara, San Ġiljan. STJ 1307*

"L-Imnara" hu perjodiku li joħroġ darba fis-sena mill-Għaqda Maltija tal-Folklor. Jitqassam b'xejn lill-membri ta' l-Għaqda u ma jinstabx għall-bejgħ. Il-ħlas tas-sħubija fl-Għaqda (li jista' jiġi rivedut) hu ta' 5 Ewro fis-sena għall-membri f'Malta, 7 Ewro fis-sena għall-membri fl-Ewropa, u 10 Ewro fis-sena għall-membri fl-Awstralja.

**Min irid jissieħeb fl-Għaqda Maltija tal-Folklor u jirċievi "L-Imnara" taħt il-kundizzjonijiet msemmija, għandu jibgħat il-ħlas dovut lit-Teżorier: Is-Sur George Glanville, "Spring", Triq Mater Boni Consilii, Il-Fgura, FGR 1614.**

Il-perjodiku "L-Imnara" ilu joħroġ mill-1978. L-artikoli jittrattaw il-folklor lokali u huma riżultat ta' osservazzjonijiet u riċerki oriġinali. Il-kitbiet huma prinċipalment bil-Malti, iżda jistgħu ikunu bl-Ingliż.

**Kitbiet oriġinali jistgħu jintbagħtu lill-Editur: Is-Sur Ġużi Gatt, 7C "Perry Courts", Triq B'kara, San Ġiljan STJ 1307.**

**L-GĦAQDA MALTIJA TAL-FOLKLOR:**

Il-Kumitat għas-sena 2011:

President Onorarju: Is-Sur Guido Lanfranco.

President: Is-Sur Angelo Dougall; Viċi-President: is-Sur Anton Attard; Segretarju: Is-Sur Ġużi Gatt; Teżorier: Is-Sur George Glanville; Assistent Segretarju: is-Sur Carmelo Pace, Assistent Teżorier: Is-Sur Alfred Borg, Membri: is-Sur Joseph Fenech; u s-Sur John Zammit,

# ID-DGĦAJJES TRADIZZJONALI MALTIN

**Joseph Muscat**

**Kien hemm żmien qrib is-sena 1900 meta fil-Port il-Kbir ta' Malta kont tara geġwiġija ta' bċejjeċ tradizzjonali tal-baħar iħufu madwar il-bastimenti tal-gwerra Ingliżi u bastimenti oħra tal-merkanzija jew tal-passiġġieri. Fi stħarriġ li kien sar fl-1920 intqal li kien ikun hemm qrib 2000 biċċa tal-baħar fil-Port.** [1]

Wieħed ma jridx jinsa li qabel ma daħlu fl-użu l-karozzi tal-linja, l-uniku mezz biex taqsam mill-Kottonera għall-Belt jew bil-maqlub kienet id-dgħajsa tal-pass. Kien hemm dgħajjes oħra ikbar, dawk tax-xogħol li kellhom servizz għal Marsamxett, San Ġiljan, San Ġorġ u saħansitra kienu jaslu sal-Mellieħa, iva kont trid tħallas tliet skudi għal vjaġġ bħal dak.

Is-servizz tal-lanċa beda fl-1881 u ġab miegħu ħafna oppożizzjoni min-naħa tal-barklori għax kienu jistennew li se jitilfu ħobżhom. Is-servizz tal-karozzi tal-linja beda fl-1918 u sar iżjed tħassib min-naħa tal-barklori.[2] B'danakollu kien għad hemm ħafna xogħol għall-barklori, biżżejjed wieħed iżomm f'rasu li ġieli fil-Port kien ikun hemm 90 bastiment tal-gwerra Inglizi. Dawn kellhom madwar seba' ammiralli biex imexxuhom, b'1400 fizzjal, 20,000 baħri u 3,000 baħri Malti oħra mpjegati man-Navy Ingliża. Madwar 200 barklor kienu jiddependu fuq ix-xogħol tagħhom man-Navy Ingliża u kien hemm madwar 600 oħra li ħobżhom kienu jsibuh f'servizzi fil-Port il-Kbir.

Daqqa t'għajn lejn ix-xatt tal-Isla ta' dawk iż-żmenijiet kont tara ħanut imiss mal-ieħor ta' parrukkiera, ħajjata, tal-*laundry*, ħwienet tax-xorb, dawk li jgħaddu l-ilbiesi, ħwienet taż-żebgħa u tant u tant oħrajn. Wieħed iġib quddiem għajnejh it-taħlit tal-familji b'kunjomijiet Ingliżi li għadek issibhom hemm sallum. Sar taqlib demografiku, tekniku, ekonomiku, reliġjuż, soċjali u kulturali u dan kollu jimmarka ż-żmien li jgħaddi u ma jerġax lura!

## L-EWWEL TAQSIMA[3]

Id-dgħajsa tal-pass jew tal-passiġġieri fost id-dgħajjes tradizzjonali Maltin għandha storja twila ħafna. Jidher li se jkun mogħti lilha wisq iżjed spazju u dettalji mill-bċejjeċ l-oħra kollha Maltin. Dan bir-raġun kollu għax hi kienet ħaġa waħda mal-istorja tal-Port il-Kbir speċjalment minn żmien il-kavallieri kważi sallum. Żgur li minn mindu fil-Port il-Kbir kienu jidħlu xi bastimenti kbar jew żgħar kont issib xi tip ta' dgħajsa biex twassal in-nies minn fuq bastiment sax-xatt tal-Birgu, forsi wisq iżjed minn partijiet oħra tal-Port il-Kbir. F'dan iż-żmien bikri tal-istorja ta' Malta m'għandniex l-iċken ħjiel ta' kif setgħet kienet dik id-dgħajsa.

L-ewwel ħjiel tad-dgħajsa tal-pass jissemma' għas-sena 1601[4] iżda minn hemm 'il quddiem tibda tidher fi stampi ta' kitbiet ta' Schellinks (1664-65), fil-manuskritt ta' La Touche (1750) li jinsab fil-Mużew tal-Arti l-Belt, fil-pittura hekk magħrufa bħala Piccola Barriera (1750) f'akkwarell ta' Vincenzo Fenech (1790) u fil-pittura tal-aħwa Schranz mal-bidu tal-perjodu Ingliż f'Malta. Tidher imbagħad f'ħafna ritratti li bdew jidhru fl-aħħar tas-seklu dsatax li bejniethom dawn kollha jagħtuna l-evoluzzjoni tad-dgħajsa tal-pass.

Fil-kodici ta' Vilhena tal-1724 u wara f'dak ta' DeRohan tal-1784, insibu bosta tagħrif dwar id-dgħajsa tal-pass. Kien hemm dik iż-żgħira magħrufa bħala ferilla li kienet tagħti servizz biss bejn L-Isla u l-Birgu, kellha qaddief wieħed ta' 'l fuq minn tmintax-il sena. Kien hemm ukoll id-dgħajsa tal-pass il-kbira li kienet taħdem bejn il-Kottonera u l-Belt; din kellha żewġ barklori li ma setgħux ikunu inqas minn tmintax-il sena. Kull qaddief taż-żewg xorta ta' dgħajjes kien obbligat igorr miegħu lanzetta biex jiddefendi ruħu minn xi Isiera li jippruvaw jieħdu f'idejhom xi dgħajsa biex jaħarbu minn Malta. Waqt li barklor tad-dgħajsa l-kbira seta' jinżel l-art biex iħajjar xi passiġġieri jużaw id-dgħajsa tiegħu, sieħbu kellu jibqa' fuqha għassa għal xi Isiera li jippruvaw jeħduha f'idejhom.[5] Kull dgħajsa tal-pass mad-daqq tal-Ave Marija kellha tittieħed fil-mandraġġ ta' Bormla jew dak ta' taħt Sant'Anġlu u hemm tintrabat

[1] Busuttil, V., u Borg, T., *English Encyclopaedia*, (Malta, 1921), vol. D - F, 1127; ara wkoll Faure, G., *Li Storia ta Malta u Ghawdex*, (Malta, 1913), vol.5, 776.

[2] Belli, G., *Storja ta' Malta u Ghawdex*, (Malta, 1932), vol. 7, 2574 *et seq.*

[3] Dan ix-xoghol sar bis-sahha ta' bosta mghallmin tad-dghajjes u barklori li gentilment wiegbu ghal kull mistoqsija li kont naghmlilhom fl-intervisti tieghi.

[4] Contreras, A., *The Life of Captain Aloisio de Contreras*, (Londra, 1926), 52.

[5] National Library Malta Library ('il qudiem naghtu biss NLM LIB) 429, vol.1, *Per le Barche del Passo.*

b'katina bħala sigurezza kontra l-ilsiera.[6]

Ix-xoghol tal-bini tad-dgħajjes seta' jsir bis-saħħa ta' ħafna mgħallmin tas-sengħa professjonali u mhumiex u mħabba l-ħafna barklori li kien hemm li kienu jaqilgħu ħobżhom minn dak ix-xogħol. Għedna mgħallmin professjonali għax kienu dawk li kienu jaħdmu biex jgħixu minn dik is-sengħa. Kien hemm oħrajn impjegati fit-tarzna tal-Ingliżi li wara x-xogħol kienu jaħdmu d-dgħajjes tagħhom. Kien hemm min tgħallem waħdu. Del Ceppo kien wieħed minn dawn li darba xtara frejgatina u żarmaha biex ikun jaf kif tinbena; illum għandu negozju kbir ta' jottijiet għall-manutenzjoni u tiswijiet.[7]

Kont tara mghallem professjonali jaghmel xi dgħajsa kien jagħti l-impressjoni li ma kienx hemm għaġġla biex ilestiha. Niftehmu, id-dgħajjes tadizzjonali qatt ma saru bit-tużżani jew bil-*mass production*. Il-fraxxnu, l-injam l-iżjed użat fil-bini tad-dgħajjes, kien dan l-aħħar l-iżjed li jiġi Malta mill-Albanija. Iż-żmien li qafas ta' dgħajsa jdum fuq l-iskall iservi biex l-injam ikompli jinxef f'postu. Mgħallem tajjeb u professjonali kien jaħseb biex jaħżen l-injam li jkollu bżonn biex jilħaq jinxef. Wieħed minnhom qalli li jkollu njam li kien ilu għandu fil-ħanut tax-xogħol għal ħmistax-il sena.

Meta wieħed joqgħod jaħseb li l-injam għad-dgħajjes kien jiġi kollu minn barra ara kemm kien iqum flus. Jintuża l-fraxxnu, tal-aħmar, tal-abjad, il-kewba għat-tappiera, fagu għal imqadef, xi biċċa tik għar-roti, *greenheart* jew linju sant għal xi skalm u kultant kien jintuża xi biċċa ħarrub jew żebbuġ għaz-zokk li biha kienu jgħaqqdu r-rota mal-prim. Illum is-sapele daħal flok il-kewba u t-tik lanqas biss ixxommu. Flok il-fagu daħal injam ieħor biex il-moqdief ikun eħfef minn wieħed tal-fagu. Mgħallem tajjeb joqgħod attent ħafna biex kemm jista' jkun ma jdaħħalx fix-xogħol injam stradiljat f'xi biċċa mill-partijiet tad-dgħajsa; injam hekk ikun bla saħħa. L-imgħallem Spiru Toscano qalli darba li hu kien jiftakar żmien meta qatgħa ta' zokk għat-tul kienu jħallsu 1/4d jew 1/2d. Dak kien żmien meta kien għadu jiġi Malta njam ta' zkuk ħoxnin li minnu kienu joħorġu l-majjieri u l-istamnari u bċejjeċ oħra ta' dgħajsa li jkunu għat-tond, ngħidu aħna brazzoli u l-bqija. Peter Caruana minn Għawdex jiftakar meta kienu jġibu l-*greenheart* minn barra maqtugħ tal-qies lest biex bih jagħmlu l-prim ta' dgħajsa tal-latini, kien ixarrab biċċa, jagħti daqqa jew tnejn biċ-ċana biex jippuli l-prim, jerġa' jsinn iċ-ċana u jkompli hekk għat tul kollu. Wieħed iżomm f'rasu li qed nitkellmu mil-linju sant li l-ebusija tiegħu hi magħrufha sewwa.

Ix-xogħol tad-dgħajjes tradizzjonali kien isir ġo ħanut tax-xogħol u dejjem fil-magħluq. L-ewwelnett ix-xogħol ta' dgħajsa kien hekk delikat u fin li ma tistax tħallih għax-xemx u x-xita fil-beraħ. Barra minn hekk l-imgħallmin kienu dutturi wisq u kienu jibżgħu li jeħdulhom is-sengħa jew l-għodda. Din l-attitudni għadha tinħass sallum bħallikieku kienu għadhom nies tas-sengħa privileġġjati u li jinqatgħu għalihom.

Darba kelli x-xorti li flimkien ma' Honor Frost[8] inżur il-ħanut tax-xogħol ta' Karmenu Sgendu meta kien qed jibni dgħajsa tat-tiġrija. Tiskanta kif Karmenu kien jaħdem hemm fil-ħanut żgħir tiegħu u li trid tinżel fih bi ftit turġien. Din Honor Frost baqgħet skantata u daret fuqi tistaqsini jekk kienx possibbli li d-dgħajsa joħorġuha minn hemm meta tkun lesta. Jien żgurajtha li Karmenu kien jaf x'inhu jagħmel. Niftehmu, kien hemm xi każ jew tnejn ta' mgħallem li bena dgħajsa u wara li tlestiet induna li ma kienx possibbli li joħrogħa mill-ħanut bla ma jwaqqa' biċċa minnhu. Dan ifakkarni f'dak li kienu jagħmlu fl-arsenal tal-galeri li kien hemm fil-mina llum tal-lift u li nħaraq fl-1685.[9] Waqt li galera tkun qed tinbena bil-pruwa 'l barra d-daħla wiesgħa kienu jimbarrawha bil-ġebel li jitneħħa meta l-galera tasal biex tkun varata. Kienu jaħdmu taħt is-saqaf u bil-magħluq biex ma jsirx serq ta' materjal.[10]

Fi triq prinċipali li tagħti, int u nieżel in-niżla tax-Xewkija fil-Kalkara, kien hemm ħanut tax-xogħol ta' xi bċejjeċ tal-baħar. Wieħed seta' jara ċar u tond kanal kull naħa fil-koxox tal-bieb u għalhekk fiċ-ċaċċiżi wkoll biex il-biċċa tal-baħar lesta minn kollox tkun tista' toħrog mill-bieb żgħir tal-ħanut jekk mhux wieqfa fuq il-prim tagħha joħorġuha la ġenbha bl-għajnuna tal-ispazju maħluq bil-kanal li kien hemm kull naħa tal-bieb. Wieħed jifhimha mill-ewwel li qabel kollox l-imgħallem kien jiżbokka l-bieb minn postu.

Meta wieħed jifli l-manuskritti tad-Dwana li ssibhom fl-Arkivju Nazzjonali tar-Rabat, jinduna li l-permessi maħruġin għall-bini ta' xi ħwienet għax-xogħol tad-dgħajjes kienu kollha maħsubin biex ikunu temporanji bl-użu ta' soqfa tal-landa jew *corrugated*. Hawn wieħed jinduna li l-awtoritajiet Ingliżi tal-Port kienu joqogħdu attenti għall-ambjent. Meta wieħed jinżel ix-Xewkija fil-Kalkara jinduna kif ċerti ħwienet għax-xogħol tad-dgħajjes nibtu u żdiedu jmissu kważi ma' xulxin sa taħt is-sur; tista' tgħid li dawn illum huma mużew jew biċċa mill-wirt marittimu ta' Malta.

Fil-Kottonera, iżda mhux biss, kien hemm mgħallmin tad-dgħajjes li baqgħu msemmijin ħafna għal xogħolhom. Kont titkellem ma' Spriu Toscano kont tieħu gost għax tassew kien bniedem tas-sengħa. Dan kien imfittex ħafna għax-xogħol ta' tiswija u kellu l-ħanut tiegħu fis-sur fil-Ponta ta' L-Isla. Il-Guli għadu msemmi għad-dgħajjes tat-tiġrija u għall-frejgatini li kien jagħmel. Maniscalco f'Marsaxlokk kien

[6] *Laws and Regulations of Police*, (Malta, 1853), ('il quddiem naghtu biss LRP), *passim*.

[7] Taghrif migbur minghand Del Ceppo stess.

[8] Din Honor Frost kienet arkeologa ta' taht il-bahar u sibtha ta' ghajnuna kbira fir-ricerki tieghi dwar l-istorja tal-bahar.

[9] Dal Pozzo, B., *Historia della S. Religione Militare di S. Giovanni Gerosolimitano detta di Malta*, (Venezja, 1715), vol.2, 548.

[10] Schellinks, W., *Journey to the South 1664-1665*, (Ruma, 1983), stampa, 51a.

jagħmel ħafna xogħol ta' tiswija u kien tassew tas-sengħa. Karmenu Sgendu u ibnu Wenzu li ħa s-sengħa ta' missieru taw kontribut kbir fis-sengħa tad-dgħajjes. Pulè kien imsemmi ħafna b'mod speċjali għall-giggijiet tat-tiġrija li ġieli nxtraw minnhom għal Gibilta[11] u għal Iżrael. Del Ceppo nqata' għalih waħdu billi mexxielu jibni negozju kbir għall-jottijiet. Tunanu llum għadu mfittex għax-xogħol tiegħu b'mod speċjali dawk li huma bċejjeċ tat-tiġrija. B'daqshekk ma semmejt xejn għax kien hemm bosta oħrajn fil-Kalkara, Birżebbuġa, Wied iż-Żurrieq, il-Gżira, l-Imsida, Għawdex u postijiet oħra li taw xogħlijiet mill-isbaħ u mill-aħjar.

Qabel ma nkomplu niddeskrivu d-dgħajsa ta' Malta ta' min wieħed ikun jaf li għal żmien twil ħafna fi żmien il-kavallieri l-imgħallmin tas-sengħa kienu jaħdmu fuq sistema ta' bini ta' galeri tal-kavallieri. Dan għaliex huma kienu jaħdmu fl-arsenal tal-galeri u għalhekk kienu jaħdmu b'sistema ta' teknoloġija Franċiża għax il-kavallieri kienu jipprattikaw dik is-sistema. Il-kultura timxi mill-missier għal iben u dak kollu li kien isir fl-arsenal tal-galeri tal-Ordni għadda bla tbatija ta' xejn u llum tista' tarah fil-bini tad-dgħajjes tradizzjonali Maltin. Meta llum titkellem mal-aħħar ftit mgħallmin tad-dgħajjes tismagħhom isemmu l-prim, rota u kontra rota, trieżi, majjieri, stamnari, skużi, durment, żengul, biċċerija, varingli, permizzan u ħafna u ħafna kliem ieħor tekniku li mhux għall-qabda ta' kulħadd. Dan kollu ġej minn żmien il-kavallieri meta kien hemm ħafna Maltin jaħdmu fl-arsenali tal-Ordni. Ħalli nagħtu lista qasira ta' kliem Malti li ġej mill-Franċiż bis-saħħa taż-żmien meta kien hemm bosta Maltin jaħdmu fl-arsenali tal-Ordni u meta l-kavallieri kienu japplikaw teknoloġija Franċiża. Illum għadhom jissemmew trieżi – *tiers,* skużi – *escoute,* żengul – *sanglon,* biċċerija – *bicherie,* varingli – *varangue* u oħrajn. Illum masturdaxxa jsemmi ċamfrin – *chamfrin,* david – *david,* gulierm – *guillaume,* rabott – *rabot,* varloppa – *varlope,* furmatur – *fermoir,* u oħrajn. Illum għalxejn tistaqsi lil xi mgħallem minn fejn ġab il-kelma skużi jew żengul għax ma jgħidlekx ħlief li hekk kien jisma' lil missieru jgħid.[12] Mgħallem Malti tad-dgħajjes qatt ma jaħdem l-opra tiegħu minn fuq xi pjanta; qatt ma jkollu bżonn ta' waħda għax jaħdem b'sekwenza ta' xogħol li qiegħdha f'moħħu. Dan kollox kont issibu bħal ma kien isir fil-bini ta' galera tal-Ordni.[13]

Meta ġew l-Ingliżi f'Malta fl-1800 it-teknoloġija fil-bini tal-bastimenti kellha tinbidel għal kollox. Il-ħaddiema li kienu jaħdmu fl-arsenali tal-Ordni bdew jaħdmu mal-Ingliżi. L-imgħallmin tad-dgħajjes bdew jaddottaw ruħhom mas-sistema tal-Ingliżi. Ċertu kliem mill-Franċiż baqa' iżda bdiet tidħer bidla sħiħa billi ħafna mgħallmin bdew jieħdu l-ideat mit-tarzna tal-Ingliżi. Għall-ewwel bdew jidħru mudelli ta' dgħajjes[14] li minnhom kienu joħorġu d-disinn, daħlu l-*clinches* biex isaħħu l-qafas, bdew jidħru brazzoli fuq il-bankijiet biex isaħħuhom mal-murata, daħlet l-idea tal-firjola għal taħt il-prim iżda fuq kollox beda mgħallem Malti jibni l-wejla minn *whaler,* il-gigg minn *gig,* l-iskiff minn *skif,* il-kenura minn *canoe,* il-frejgatina tal-qlugħ u oħrajn. Mela l-imgħallmin Maltin bdew jaddattaw ruħhom maż-żmien il-ġdid fil-Port il-Kbir u jikkupjaw minn bċejjeċ Inglizi; dan biex ma nsemmux il-bidliet il-kbar li seħħew fil-bini ta' bastimenti tal-qlugħ tal-merkanzija Maltin tas-seklu dsatax bħalma kienu l-bark, brig, skuna, bombarda, navi u oħrajn.

Id-dgħajsa tal-pass għaddiet minn snin twal ta' evoluzzjoni kif wieħed kien jistenna iżda minn dejjem kellha poppa u pruwa bil-ponta, tnejn jew qaddief wieħed, tinda għall-passiġġieri u falki mal-ġnub in-naħa tal-passiġġieri. Tibdil u modifikazzjonijiet kienu jsiru iżda min-naħa tal-awtoritajiet tal-Port u mhux min-naħa tal-imgħallmin jew tal-barklori. Fiċ-Ċentru tal-Arti l-Belt kien hemm darba mudell ta' dgħajsa li sar f'kompetizzjoni biex jaraw kif wieħed seta' jtejjeb it-tlugħ u l-inżul tal-passiġġieri.[15] Hu magħruf, per eżempju, li r-rota tal-pruwa f'għamla ta' ximitarra kif nafuha llum saret hekk twila mal-bidu tas-seklu għoxrin, biex passiġġier iżomm magħha hu u tiela' jew nieżel minn fuq dgħajsa. Fid-depot tal-Pulizija l-Furjana kien hemm fanal tar-ram aħmar[16] bħala eżempju billi kull barklor kellu jieħu ħsieb li jkollu wieħed ingastat go pern in-naħa ta' fuq tar-rota tal-poppa.

Dgħajsa tal-pass kellha ftit skultura jew urnar fuq it-tappiera u 'l hawn u 'l hinn iżda din qatt ma kienu jindurawha. Mat-tappiera iżjed fil-pruwa milli fil-poppa kont tara disinn tradizzjonali ta' fjuri li jispiċċaw f'għamla ta' dragun iħares 'il quddiem jew lura. Għalxejn tistaqsi lill-barklori x'tifsira kellu dak id-dragun għax ir-risposta tkun dejjem l-istess: 'Għax missieri dejjem hekk jagħmel.' Jidher li l-għamla tad-dragun ġejja min-nisel tal-Mislem għax huma kienu jħobbu juru dik ir-rappreżentazzjoni fuq l-imriekeb tagħhom. F'dixx taċ-ċeramika li hu esibit f'Pisa tidher qoxra tat-tnax-il seklu u hi tal-ekopa Sikula-Magreb[17] li turi xebħ kbir mad-dgħajsa ta' Malta. Fil-pruwa kont tara l-għajn ta' Horus jew Isis iżda minn ftit tas-snin 'l hawn sid ta' dgħajsa jippreferi li jara l-għasfur minflok l-għajn. Fin-naħa ta' ġewwa ta' dgħajsa u mal-pestieri tara ċima jew serp minquxin fl-injam u simbolizmi oħra.

[11] Camenzuli, P., *Is-Sengha tal-Bini tad-Dghajjes f'Malta u f'Ghawdex,* tezi tal-B.A. mhux ippubblikata, s.v. Gigg.

[12] Ghal taghrif fit-tul ara Muscat, J., French Influence on Maltese Ship and Boat Building fis-Seminar: *Aspects of Maritime Relations with France Through the Years,* The Maritime Museum Vittoriosa 31 May 1998.

[13] Ara Muscat, J., *The Maltese Galley,* (Malta, 1998) u t-tieni edizzjoni fis-sena 2000.

[14] Wiehed jista' jara xi mudelli ghall-bini ta' dghajjes fil-Muzew Marittimu ta' Malta.

[15] Hajr lil Antonio Espinosa Rodriguez li ghaddieli din l-informazzjoni.

[16] National Archives Malta, Occurences ('il quddiem naghtu biss NAM Occ), 1-1-1927. Billi dan id-dokument mhux paginat qed naghtu d-data minflok.

[17] Id-dixx kien instab fil-Knisja ta' San Michele degli Scalzi f'Pisa datat 1175-1200 AD; hajr lil Honor Frost li tatni din l-informazzjoni.



**L-URNAR fuq d-dgħajsa tal-pass – disinn ta' fjuri li jispiċċa f'għamla ta' dragun.**

In-naħa ta' wara tal-bankijiet tal-passiġġieri tolqtok l-ispalliera dik li magħha passiġġier seta' jserraħ dahru. Dik kienet tkun magħmula minn biċċa njama waħda, ħafna drabi tal-kewba, u kienet tkun kollha kemm hi mżejna bl-iskultura baxxa, b'disinn fin-nofs li jiddistingwiha minn oħrajn. Iżda l-ispalliera ta' San Ġorġ kienet tinqata' għaliha; fin-nofs tal-ispalliera kont tara x-xbiha tal-qaddis fuq iż-żiemel joqtol id-dragun.[18] Ta' min ikun jaf li bosta minn dawn l-ispallieri nbiegħu Londra meta bosta u bosta barklori żarmaw wara l-1979 u ġieli nbiegħu £450 il-waħda. Spallieri oħrajn, iżda mhux ta' San Ġorġ kienu jinbiegħu wisq inqas. Ġieli kont tara mal-ispalliera miktuba b'ittri kbar *10 Passengers*. Dawk id-dgħajjes li kienu mpjegati ma' bastimenti tal-gwerra kienu jżidu bosta simboliżmi Ingliżi fuq l-ispalliera bħal ngħidu aħna: *St George for England!* Taħt l-ispalliera kien hemm il-bank u l-kontra bank jew banketta. Il-fanal tar-ram isfar li kont issib mar-rota tal-poppa ta' kull dgħajsa kien igib LM20.

Meta tħares in-naħa ta' ġewwa ta' dgħajsa lejn il-pruwa u sewwa sew taħt it-tamburett tara dik li l-barklori jsejħulha l-kamra. Din ma kenitx ħlief spazju żgħir li jingħalaq b'bieba zgħira u tissakkar biex fiha barklor iżomm xi stropp, xi skalm, xi biċċa ħobż u forsi dawk il-ftit soldi li jkun daħħal minn xogħlu. Barklor kien jeħodha bis-serjeta l-kamra li kellu u tiltaqa' ma' rapporti ta' barklori li jkunu fethulhom il-kmamar tad-dgħajjes tagħhom.

L-ebda barklor ma seta' jagħti tagħrif dwar l-għamla tar-rota b'mod speċjali dik tal-pruwa hekk magħrufa bħala ximitarra. Nafu li r-rota ta' dgħajsa tal-pass mhux dejjem kienet kif nafuha llum. Jidher li ħadet din l-aħħar għamla mal-bidu tas-seklu għoxrin. Min mhux imdorri jħares sew lejn ir-roti ta' dgħajsa ma jindunax li huma t-tnejn ikunu mxenglin ftit 'il gewwa lejn in-nofs tad-dgħajsa. Meta tistaqsi lil xi barklor jew mgħallem dwar dan jgħidulek għax kieku jkunu kartabun mal-prim ikunu jidhru qishom se jaqgħu fil-baħar. Mur ifhem, iżda l-esperjenza tgħallem bosta affarijiet!

Mal-ġnub tad-dgħajsa minn ġewwa tara l-kraten jew it-trinkarini li kienu bħal kaxxi twal tul il-ġnub tad-dgħajjes tradizzjonali Maltin. Fuq dgħajsa tal-pass il-kraten min-nofs lura jkunu miksijin bl-injam biex iservu ta' bankijiet għall-passiġġieri. Dawn il-bankijiet li ġeneralment ikunu miksijin bid-drapp jissejħu wkoll settijiet.[19] Dik il-parti trijangulari ta' quddiem fuq dgħajsa magħrufha bħala tamburett kienet tinkesa b'tapit biex passiġġier l-ewwel imidd siequ fuqu bla ma jiżloq u wara jinżel lejn il-kriesi u jmur isib post fuq il-bankijiet. Taħt riġlejh passiġġier kien ikollu l-paljol jew tavlar biex joqgħod komdu.

Il-battusa s-sinjura jew ir-reġina, fuq dgħajsa tal-pass kienet dik li kważi qatt ma kienet tintuża. Dgħajsa moderna, irrid ngħid waħda tal-bidu tas-seklu għoxrin, tkun armata b'ħames skalmi għall-imqadef iżda qatt ma kienu jintużaw kollha fl-istess ħin. Fit-tarf tal-falki dekorattivi[20] iżda bla funzjoni, ta' dgħajsa kien hemm battusa bl-iskalm fiha kull naħa, dik il-battusa tan-naħa tax-xellug jew tas-sinistra qrib il-falka ta' dik in-naħa kienet il-battusa s-sinjura u rari kienet tintuża. F'każ ta' ħafna xita barklor seta' juża ż-żewg imqadef ta' qrib il-bankijiet tal-passiġġieri u għalhekk ikollu xi ftit tal-kenn imħabba t-tinda. Ġeneralment meta qaddief kien jaħdem waħdu juża l-imqadef fuq il-battusi li jkun hemm l-eqreb lejn it-tamburett tal-pruwa. Meta jaħdmu żewġ qaddiefa wieħed joqgħod bilqiegħda mal-moqdief ta' qrib it-tamburett lejn id-dritta u l-ieħor iħaddem il-moqdief tan-naħa tas-sinistra iżda mhux dak tal-battusa s-sinjura.

Ma jistax jonqos li n-nies tas-sengħa li kienu jaħdmu fit-tarzna tal-Ingliżi, li dawk l-ideat li kienu jaraw li jgħoddu biex isebbħu jew iġibu għal aħjar id-dgħajsa kienu jgħadduhom lill-imgħallmin jew lill-barklori. Ara kemm kien hemm *shipwrights*, qlafat, żebbiegħa u oħrajn li setgħu jgħinu lil sħabhom il-Maltin bl-ideat tajbin għad-dgħajsa. Ta' min isaħħaħ hawn li kienu l-awtoritajiet tal-Port li kienu jinfurzaw xi modifikazzjonijiet għad-dgħajsa dejjem bil-ħsieb li l-passiġġieri u nies tas-servizz jinqdew aħjar. Mgħallem u barklor ma setgħux jagħmlu li jridu skont il-gosti tagħhom. Waqt li d-dgħajjes kollha kienu l-istess f'dik li hi binja iżda l-ilwien taż-żebgħa kienu dejjem skont ix-xewqa tas-sidien. L-iżjed kuluri popolari kienu l-abjad u l-aħmar u l-abjad u l-ikħal; l-abjad kien jitħalla dejjem għaż-żaqq mill-livell tal-ilma jew il-qtugħ tal-ilma 'l isfel. Mill-bqija kienu jintużaw l-ilwien kollha li tista' timmaġina; illum

[18] Wiehed jista' jara spalliera bhal din fil-Muzew Marittimu ta' Malta.

[19] Is-settijiet kienu dawk il-bcejjec kollha tal-injam fuq dghajsa li setghu jinqalghu minn posthom bhal nghidu ahna l-falki, l-bankijiet, il-kriesi u l-bqija.

[20] F'ras kull wahda kont tara dak li qisu jkun iljun.

iżjed minn qabel tara żebgħa stramba fuq id-dgħajjes.

Iż-żebbiegħa tad-dgħajjes ma kellhomx xi xogħol artistiku x'jagħmlu ħlief xi disinn tal-fjuri fuq il-pruwa, in-numru tal-liċenzja, xi faxx mal-livell tal-ilma u l-isem tad-dgħajsa. Iż-żebbiegħa Tal-Bubbli John, Harry Boy, Domancic, Taż-Żiemel u taċ-Ciantar fost l-oħrajn baqgħu msemmijin għax-xogħol tagħhom. Fejn kien jidħol ix-xogħol tal-metall kien hemm Rizzo & Sons. Luqa Grech minn Bormla kien jagħmel l-imqadef bit-tuzzani, l-antiki kienu jkunu tal-fagu iżda dan l-aħħar beda jintuża d-*douglas fir*, il-fraxxnu u kultant l-abjad ukoll. Moqdief normali kien tnax-il pied u nofs twil u l-ġiljun kien fih 40 pulzier; id-distanza bejn skalm u ieħor kienet ta' 40 pulzier. Snin ilu żewġ imqadef kienu jqumu £7.

Ma kinux jonqsu l-ismijiet bombastiċi li l-barklori kienu jagħżlu għad-dgħajjes tagħhom speċjalment dawk li jkunu mpjegati ma' bastimenti tal-gwerra Ingliżi. Kien hemm ismijiet bħal *HMS Ramillies, Ark Royal, Dreadnought, King George V, St Angelo, Iron Duke* u kultant xi *Carmen* jew ismijiet tal-Madonna. Forsi ftit huma dawk li jafu li waqt li bastiment kbir tal-gwerra n-nies tal-Kottonera kienu jgħidulu qoxra, dgħajsa kienu jsejħulha opra; dan forsi għax dgħajsa trid xogħol ta' perfezzjoni biex tinbena! Fost kemm dgħajjes qodma nstabu waħda minnhom kellha fuqha l-emblema tal-barri jew tal-*Buffs* li kienu għamla ta' mażuni. Mhix ħaġa kbira li kellhom dgħajsa għalihom billi fil-Kottonera kien hemm loġġa għalihom. Seta' jagħti l-każ li xi barklori kienu juru r-ras tal-barri minquxa fuq il-kamra tal-pruwa biex jiġbdu s-simpatija tagħhom.

Meta mgħallem kien ilesti l-bini ta' dgħajsa kien iħalli x-xogħol tat-tqalfit għal wieħed ta' din is-sengħa, hekk tinduna li l-imgħallem jiffranka l-ħin barra li forsi qalfat tas-sengħa kien jista' jagħmel xogħol aħjar. Min-naħa l-oħra hekk kien jinħoloq xogħol iżjed għal ħaddieħor.

John Camilleri, il-Kukla, mill-Marsa fl-1961 ħareġ bl-idea li jħaddem dgħajsa b'magna; l-esperiment ma mexxiex għax il-magna ma' saqajn il-passiġġieri kienet tagħmel riħa qawwija.
Snin ilu kienet għadha teżisti dgħajsa n-naħa tal-Isla li kellha l-bejta għal iskrun iżda dan ma kienx f'postu. Fl-1968 ħarġu bl-idea li magna *outboard* titpoġġa fil-poppa fuq traversa ħoxna. Saru esperimenti oħra billi ngħidu aħna żiedu tmun fil-poppa u dan kien jitħaddem b'sistema ta' laċċ hekk imsejjaħ madmad. Kien hemm ukoll min żied skalm żgħir qrib ir-rota tal-poppa u miegħu rabat moqdief biex hekk iservi ta' tmun.

Meta dgħajsa tkun lesta jew tibdel l-idejn kont tara uffiċjal tad-dwana b'xifa f'idejh u jtaqqab 'l hawn u 'l hinn biex ikun jaf li d-dgħajsa m'għandiex injam imsewwes iżjed u iżjed meta waħda qadima tinxtara minn barklor ġdid. Wieħed jiltaqa' wkoll ma' ċertifikati tal-bejgħ iffirmati minn mgħallmin magħrufin biex jiċċertifikaw li d-dgħajsa tkun għadha tajba għall-baħar.[21]

Illum biex tara l-għodda antika ta' mastrudaxxa jew ta' mgħallem tad-dgħajjes trid issib ħanut tax-xogħol antik jew tmur sal-Mużew Marittimu ta' Malta. Min għadu juża d-denb il-far jew il-boqxiex illum? Dan kien meħtieġ wisq biex mgħallem jikseb l-angulatura ta' kument ta' majjiera jew stamnara li xi drabi kien ikollhom bżonn ta' xi ħamsa differenti ma' l-istess majjiera jew stamnara. Tiskanta kif mgħallem ikun jaf x'testatur ikollu bżonn għal dawk il-biċċiet fil-bini ta' dgħajsa. Illum qajla tara xi ħadd juża l-munxar; l-istess mgħallmin tad-dgħajjes li baqa' kollha taralhom *bandsaw* tal-elettriku. Fl-antik kien xi ftit diffiċli li ssib trapani rqaq biex mgħallem itaqqab toqba rqiqa li minnha jgħaddi xi *clinch*. Allura kienu jipprofittaw ruħhom minn xi umbrella mqatta' biex jieħdu minnha l-azzar irqiq u jsonnuh f'għamla ta' trapan. Srieraq kien ikollhom iżjed minn wieħed minn dak tad-dahar għal wieħed kbir ħafna li kienu jħaddmuh tnejn biex jifthu zkuk tas-siġar li kienu jiġu minn barra. Fl-antik ukoll kien hemm il-passatur ta' kull daqs biex bihom itaqqbu toqob xi ftit ikbar minn kwart ta' pulzier 'il fuq. Passatur ta' ħxuna ta' pulzier jew iżjed ġieli kien ikollu tul ta' bniedem. Fl-antik billi mgħallem kien ikollu jipprepara xi njam oħxon minn zokk ta' siġra kien hemm l-ewwel qatgħa bis-serrieq il-kbir u wara x-xogħol jitkompla bil-lexxun. Dan kellu xafra qisek qed tara mgħażqa b'manku kbir. Sirt naf li mgħallmin tajbin li kienu jaħdmu fit-tarzna u li kien ikollhom ħafna xogħol bil-lexxun kienu jriduha ta' esperti u kont taralhom *badge* tad-deheb għamla ta' lexxun fuq il-pavru ta' ġlekk meta jkunu lebsin sabiħ. Kien hemm min jagħmel imħatra ma' shabu li kappaċi jiftaħ il-pett taż-żarbun jew li jtajjar sold li jkun miżmum bil-ponta ta' żarbun, b'daqqa waħda tal-lexxun. Iżda sibt min jgħid li missieru kien ilibbes il-maskra taż-żarbun qisu b'kisja tal-ħadid biex jipproteġi sieqú. Barra minn Malta għad hemm mgħallmin li jużaw il-lexxun billi x-xogħol tad-dgħajjes tal-injam tagħhom hu goff; hawn Malta x-xogħol hu izjed fin u tintuża ċ-ċana għal ippulir.




**A Il-parti ta' fuq tal-Battusa,**
**B L-Iskalm,**
**C Il-parti t'isfel tal-Battusa.**

Kull dgħajsa jkollha t-tinda[22] għall-passiġġieri u meta dgħajsa ma jkollhiex it-tinda f'postha passiġġier kellu d-dritt li jitlob lill-barklor biex ipoġġiha f'postha. Tinda titwaqqaf fuq l-issati jew il-battaljoli tagħha li jimbukkaw ruħhom f'toqob apposta li jkun hemm mal-ġnub tad-dgħajsa magħrufin bħala takki. In-naħa ta' fuq tal-issati kien hemm ark kull tarf biex jorbothom ma' xuxlin. Kien

[21] Ara *Police Laws*, (Malta, 1883), ('il quddiem naghtu biss PL 1883), *passim*; National Archives Malta Register of Boatmen, ('il quddiem naghtu biss (NAM RB), 2 – 6, 1904, n, licence no.16; Police Laws, Malta, 1919), ('il quddiem naghtu biss PL 1919), 56 no 253.

[22] Tinda kien ikollha l-parasuli jew speci ta' purtieri ghax-xemx.

hemm xi provi biex tinda titwaqqaf fuq vireg b'għamla ta' nofs tond u li jaħdmu bħal ma konna naraw xi tinda ta' pram ta' tarbija. Jidher car li dik l-għamla ta' tinda ma' kenitx popolari u ma baqgħetx tintuża.[23]

Illum ma ssibx tixtri dgħajsa kif ġieb u laħaq; xi ftit inxtraw mil-lukandi u stabbilimenti tal-ikel waqt li l-aħjar dgħajjes li kien baqa' qed jaħdmu xi ftit għat-turisti. Wieħed ma jridx jinsa li m'għadhomx jinbnew ġodda għax iqumu wisq; barklor ma jifdiha qatt bix-xogħol tiegħu. Kien hemm żmien meta waħda qadima u bi ftit ħsara nxtrat LM40 għall-Mużew Marittimu ta' Malta; illum trid tal-inqas LM3000.

Meta daħlet il-venda għad-dgħajjes mhux il-barklori kollha ħadu gost biha.[24] Kien jinqala' ħafna ġlied bejn il-barklori għalhekk il-liġi tal-venda kienet hemm biex min kien jasal l-ewwel mal-moll fejn fl-antik kien hemm il-barriera ta' żmien il-kavallieri, kien jgħabbi l-ewwel. Kien ikun hemm pulizija biex iniżżel l-isem ta' kull barklor hekk kif jasal fil-venda. Il-barklor kien obbligat li jagħti b'leħen għoli ismu u l-laqam biex il-pulizija jkun jista' jniżżlu fil-lista tal-venda. Fi ftit żmien il-venda indrat u kif jidħol bastiment tal-passiġġieri kienu jmorru biex jiġbru jew jgħabbu l-passiġġieri. Meta kien ikun hemm dgħajjes iżjed milli meħtieg għan-numru ta' passiġġieri sew biex jinżlu jew biex jimbarkaw fuq bastiment, l-aħħar ftit dgħajjes tal-venda kienu jgħabbu inqas minn dak li suppost jgħabbu biex iħallu biżżejjed għal dawk id-dgħajjes li jkunu waslu l-aħħar fil-venda. Ritratti antiki juru d-dgħajjes tal-venda f'posthom, waqt li fuq l-art tara serbut ta' karozzini, qisha venda oħra, jistennew biex iwasslu l-passiġġieri l-Belt jew fejn meħtieġ.

Hu magħruf li meta barklor ma kienx idaħħal il-ġurnata mill-qadi tal-passiġġieri, kien jarma biex imur jistad. Normalment dgħajsa kienet tintrama' bi qlugħ tarkija għax dak kien l-eħfef mod u l-iżjed sempliċi ta' qlugħ għall-barklor wieħed waħdu fuq dgħajsa. Hag'oħra li wieħed irid iżomm f'moħħu hija li barklor ta' dgħajsa ma kienx jitbiegħed wisq mill-art fl-antik imħabba l-biża' tal-kursari ta' Barbarija iżda fuq kollox imħabba xi maltemp li jista' jinqala'.

Bosta mid-dgħajjes kienu jinżebgħu bl-abjad mil-livell tal-ilma 'l isfel u xi barklori kienu jemmnu li l-lewn abjad jattira l-ħut il-kbir. Għalhekk xi barklori ma kinux iridu jaħdmu barra mill-*breakwater*. Din l-affari tal-ħut kbir madwar Malta tissemma ftit li xejn. Fi kwadru wegħda li hemm fil-Mużew tas-Santwarju ta' Ħaż-Żabbar jidher kajjikk li kien attakkat minn żewġt iklieb il-baħar. Iżjed qrib lejna kien hemm każ ieħor ta' attakk ta' kelb il-baħar kbir.

Barklor li kien jiddobba xi ikel minn fuq il-bastimenti Ingliżi kont tarah jarma karettun biex ibiegħ dak l-ikel nadif li jkun akkwista. Dan il-barklor magħruf bħala tal-gaxin kien idur 'l hawn u 'l hinn biex ibiegħ l-ikel, saħansitra kien jasal ukoll sa Birkirkara għalkemm l-iżjed li kien idur max-xatt tal-Belt biex jaqdi lill-ħaddiema tal-faħam. Din l-affari tal-gaxin bi ftehim mal-kok ta' xi bastiment kienet taqbel għaż-żewġ naħat għax il-kok ma kienx jibqa' b'xejn. Dak kien mod ta' ħajja għan-nies tal-Kottonera u tal-Belt li juri l-bżonnijiet ta' dak iż-żmien iżda wkoll juri kif il-bniedem jivvinta mezzi biex jaqla' ħobżu. Barklor illum fejn trid issibu li jkun jista' jaqla' ħobżu ta' kuljum mix-xogħol tad-dgħajsa? Illum barklor hu mitlub li jaqla' biss 'il barra mill-moll u mbagħad ikompli bil-magna. Dari barklor jibda bħala żagħżugħ biex jieħu s-sengħa ta' missieru u biex jieħu l-liċenzja ta' barklor kien irid jagħmel eżami billi jidher quddiem uffiċjal tad-Dwana biex iwieġeb għal xi mistoqsijiet. Wara sitt xhur taħriġ barklor żagħżugħ, quddiem uffiċjal tad-Dwana kien ikollu jaqdef biċċa sewwa 'il barra mill-moll u għal nofs id-daħla ta' bejn il-Birgu u l-Isla, isijja, jittrakka mal-moll, jiddrizza d-dgħajsa minn xi ċaqlieq, jaqdef biċċa 'l barra b'moqdief wieħed u jiċċomba stropp ma' skalm. Jekk jissodisfa lill-uffiċjal il-barklor jirċievi ċ-ċomba li kienet pjanċa tal-landa f'għamla ovali qisha xi erba' pulzieri twila u kien ikun fiha n-numru tal-liċenzja. Iċ-ċomba kien jorbotha ma' drieghu u barklor kien obbligat li jkollu dejjem miegħu kopja tat-tariffi tad-dgħajsa hekk imsejħa tan-noll. Ma ninsewx li barklor li jirċievi ċ-ċomba[25] jkun ireġistrat mal-Pulizija tal-Port bl-isem, il-laqam, indirizz u d-data ta' meta beda jaħdem bħala barklor. Fir-reġistri tal-liċenzji tal-Pulizija tax-Xatt tal-Belt issib listi ta' ismijiet ta' barklori li ma jispiċċaw qatt.[26]

Hu magħruf li barklor veteran kien ikun jaf b'kull ċaqlieqa jew moviment tad-dgħajsa tiegħu. Tibni kif tibni dgħajsa dejjem kont issibilha dak id-difett żgħir fil-mixi. Wara ftit taż-żmien li dgħajsa tkun f'idejn barklor veteran dan jinduna li tgħaddas rasha xi ftit, jew tiġbed lejn naħa waħda. Il-barklor ikollu dik il-kapaċita li bil-piż ta' persuntu u skont in-numru ta' passiġġieri li jkollu fid-dgħajsa jirrikompensa xi difett, bil-mod tal-ġibda tal-moqdief jikkoreġi ġibda ta' dgħajsa lejn naħa waħda u meta tarah jieqaf u jiġbed l-attenzjoni tat-turisti lejn xi naħa storika tal-Port kun żgur li l-barklor qed jieħu n-nifs jew iċedi għal xi traffiku li jara ġej in-naħa tiegħu jew biex jiskappa minn xi mewġa maħluqa mill-mixi qawwi ta' xi lanċa kbira tas-servizz.

Il-mod ta' qdif ta' barklor Malti kien dak li jibqa' arbulat jew bil-wieqfa l-ħin kollu f'nofs il-kriesi, iħares 'il quddiem u bil-ġiljuni tal-imqadef imsallbin f'idejh it-tnejn. Dan il-mod ta' qdif l-Ingliżi laqqmuh bħala '*Diso*'.[27] Ċertu Tilley Ingliż li għamel riċerka hawn Malta dwar id-dgħajsa ħareġ bl-idea li hi ġejja minn żmien il-Feniċi billi rapprezentazzjoni ta' waħda tagħhom fejn jidhru qaddiefa arbulati voldieri bil-wieqfa u jħarsu lejn il-pruwa tad-dgħajsa. Dan l-argument ma jgħodd xejn għax fil-Mediterran dejjem kien hawn qaddiefa li jaqdfu bħal dawk Maltin.[28]

---

[23] Għad baqa' xi ritratti li juru d-dgħajsa armata b'tinda għat-tond.

[24] Is-sistema kienet magħrufha bħala: iċċama l-venda.

[25] Wieħed jista' jara comba ta' barklor fil-Muzew Marittimu ta' Malta.

[26] Dawn ir-registri llum tista' tarahom fl-Arkivju Nazzjonali ta' Malta fir-Rabat.

[27] *Admiralty Manual of Seamanship*, (Londra, 1979), vol.1, 266.

[28] Tilley, A.F., A Phoenician Survival, fil-*The Mariner's Mirror*, vol. 55

Barklor ftit tas-snin ilu kien qal li wieħed bħalu seta' jaqla' flus kemm irid hu jekk ikun irid jaħdem sewwa. Barklor ieħor veteran stqarr li kien hemm żmien meta l-Port kien fl-aqwa tiegħu għax ikun mimli bil-bastimenti tal-gwerra. Nafu li l-Ingliżi kienu jħallu ħafna flus mod jew ieħor iżda mhux hekk l-Amerikani.

Dgħajsa tan-noll kienet taħdem bejn 1 ta' April u 31 ta' Ottubru sa nofs il-lejl u mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Marzu sal-għaxra u nofs illejl. Barklor kien jieħu kwarta biex jaqsam mill-Isla għall-Belt iżda sa Marsamxett kellu ġibda ta' siegħa. Meta tistaqsi barklori differenti joħorġu bi tweġibiet differenti. Qadfa mill-Kottonera sa tas-Sliema kienet tieħu nofs siegħa; hekk tara li kien hemm xi diskrepanzi iżda kollox kien jiddependi fuq l-għadd ta' passiġġieri li jkun hemm fuq dgħajsa u jekk ikunx hemm żewġ barklori jew erbgħa fuq l-istess dgħajsa.

Ġieli sar tgergir mit-turisti mħabba abbużi dwar il-ħlas ta' noll ftit tas-snin ilu. Għal dawra ta' nofs siegħa madwar il-Port żammewlhom £5. Oħrajn kellhom, iħallsu LM10 għall-qadfa ta' sagħtejn madwar il-Port. Sal-1986 turist kien iħallas LM3.50 għal dawra mal-Port. Kienet daħlet hawn Malta d-drawwa li wieħed isejjaħ barklor billi jgħajjat: 'Dgħajsa, dgħajsa!' Kien hemm żmien meta barklor kien jikkuntenta b'ħabba mill-passiġġieri; tassew dak kien żmien ieħor iżda dak il-barklor imlaqqam Tal-Ħabba laħaq faddal somma flus sewwa sa qabel ma miet. Billi semmejna xi ħlasijiet tan-noll kien hemm żmien fl-1930 meta barklor ġieli ħadem sittax-il siegħa kuljum u b'xorti tajba biex forsi kien idaħħal 5s kuljum. Huwa stmat li 5s kienu biżżejjed għall-familja għal tul ta' ġimgħa biex ma tbatix il-ġuħ.

Id-dgħajsa tal-pass kellha parti importanti b'konnessjoni man-Navy Ingliża. Il-bastimenti tal-gwerra kien ikollhom, magħhom għas-servizz tal-baħrin u l-fizzjali xi dgħajjes u dan is-servizz kien jissejjaħ *ship's company*. Billi mill-kuntatti ta' Malta biss speċjalment mill-Kottonera seta' jkun taħriġ xi ftit jew le żbilanċjat ktibt lill-Mariner's Mirror ta' Londra u għamilt appell lil dawk il-baħrin li kienu jservu f'Malta biex jagħtu l-impressjonijiet tagħhom. Kelli tweġiba tajba għax mhux biss baħrin komuni wieġbu iżda fizzjali u saħansitra dak li darba kien il-gvernatur ta' Ġibilta wara li spiċċa minn Malta.

jagħti lagħqa żebgħa mit-*topping line* 'l isfel u kienu hemm ukoll biex jiffrankaw ix-xogħol lill-baħrin tal-għassa.

Għalkemm barklor ma' biċċa tal-gwerra Ingliża ma kellux xi paga tajba b'danakollu kellu d-dritt għal dak kollu li kien jinżel mill-*gash chute* voldieri l-gaxin, kellu uniformi regulari, ikel b'xejn, ikollu dak kollu meħtieġ biex inaddaf ir-ram tad-dgħajsa, għażel dejjem ġdid u nadif għall-kisi tal-bankijiet u twapet jew drapp oħxon għall-paljol u għat-tamburetti. Barklori dejjem kienu jirrikmandaw lil uliedhom u lill-qraba tagħhom meta mitlubin biex jgħinu




**Tinda ta' dgħajsa tal-Pass:**
**A) Issati/Battaljoli, B) Tinda, C) Parasuli**

Il-barklori mqabbdin bħala *ship's company* ma kinux jieħdu xi paga speċjali iżda wara s-sitta ta' wara nofs inhar kienu jagħtuhom sold għal kull bniedem tas-servizz li kienu jġorru mill-bastiment lejn l-art jew bil-maqlub. Wara l-aħħar gwerra barklor kien jirċievi 3d għas-servizz tiegħu. Meta kienet tidħol *aircraft carrier* Ingliża din kienet timpjega magħha minn 16 sa 20 dgħajsa bħala *ship's company*, *cruiser* kienet tieħu tmienja, *destroyer* tnejn u fregata waħda. Barklor kien ikollu l-uniformi tiegħu u jitqies bħala wieħed miċ-ċorma tal-bastiment u kellu ħlas fiss biex iwassal il-fizzjali fejn ikollhom bżonn. Id-dgħajjes tax-*ship's company* ġieli kienu ta' propjetarju wieħed u ġieli kienu jkunu ta' iżjed. Salvo Borg mill-Isla kellu sitt dgħajjes tiegħu u dejjem kien iħaddem tal-familja u lil dawk li jiġu minnu; oħrajn kienu jqabbdu barklori oħrajn. Barklor tax-*ship's company* kien hemm ukoll biex

fl-għażla ta' barklori oħra għax-*ship's company*.

Fizzjal Ingliż kien iqisu ta' unur li juża dgħajsa tal-pass miżmuma nadifa xummiema u kont tisma' wieħed jgħid lil ieħor bħallikieku d-dgħajsa u l-barklor kienu tiegħu personali. Barklor fuq tiegħu dejjem *smart* u pulit, b'dak il-ftit Ingliż li kien ikun jaf kienu l-ftit kwalitajiet meħtiġin għalih u biex iwassal fizzjal fejn ikun irid. '*Yes sir, yes sir, three bags full,*' kienu biżżejjed biex barklor jiġbed is-simpatija ta' fizzjal. Mix-xhieda ta' fizzjali li wieġbu għal xi mistoqsijiet li kont għamiltilhom jidher ċar li kien hemm rispett kbir tan-Navy Ingliża lejn id-dgħajsa; kienu jqisuha bħala biċċa waħda man-*Navy*.

Xi ħsarat li kienu jsiru lil xi dgħajsa jew għax tintlaqat minn xi qoxra Ingliża jew minħabba xi baħrin fis-sakra l-Ingliżi kienu jħallsu għaliha sew. L-Amerikani xi ftit kesħin qalli

(1969), 467 - 9; ara wkoll Tilley, A.F. The Survival of Ancient Mediterranean Boat Designs, fil-*The Mariner's Mirror*, vol. 59, (1975), 373 -84. Basch, L., De La survivance de Traditions Navales Pheniciennes dans la Mediterranee de nos Jours, fil-*The Mariner's Mirror*, vol. 61, (1975), 229 - 53.

darba barklor kienu mod ieħor. Maliċken talba ta' barklor għal xi ftit żebgħa għad-dgħajsa tiegħu impjegata bħala *ship's company*, ta' gallun kien jiddobba tlieta. Wieħed kien jinduna b'dan millewwel għax fi ftit ġranet kont tara l-aperturi tad-djar tat-triq fejn kien ikun joqgħod dak il-barklor kollha miżbugħin l-istess. U x'ingħidu għal meta barklor kien jitlob għal xi ftit għażel abjad biex jiksi l-bankijiet li kienu biċċa mis-settijiet li jkun hemm fuq dgħajsa. Minn dak li kienu jagħtuh l-Ingliżi ħafna drabi kien jibqa' biżżejjed biex jagħmel lożor u investi għad-dota tat-tifla kemm irid. L-Ingliżi kienu stretti wisq dwar l-għażel għax b'dik il-bjuda tiegħu kien iżid is-seħer tas-sbuħija ta' dgħajsa li ma tistax tfisser.

Kull meta qoxra tal-gwerra Ingliża kienet toħroġ għal xi dawra mal-Mediterran kienet dejjem iġġorr id-dgħajsa magħha. Din il-ħaġa kienet qisha ħlas ieħor għall-barklor ta' dik id-dgħajsa li ġeneralment dejjem kien jieħu miegħu lil xi wieħed minn uliedu ta' 'l fuq minn tmintax-il sena jew xi ħadd mill-qraba. Ġeneralment id-dawra mal-Mediteran ta' bastimenti Ingliżi kienet tieħu lejn l-ibħra Griegi jew Torok iżda barklori semmew kif laħqu marru Messina, Lixandra, Venezja, Trieste, Korfu u d-Dardanelli. Barklor minnhom irrakkonta kif hu meta kien fuq l-*HMS Surprise* fl-1958 u daħlu Venezja d-dgħajsa tniżżlet fil-Kanal il-Kbir u tellqet ma' gondla Venezjana li ħallietha lura b'xi żewġ tulijiet jew tlieta. Kull meta xi bastiment ieħor Ingliż kien iżur Venezja ma kienx jitħalla jniżżel id-dgħajsa tiegħu bħala *ship' company* fil-kanal; min jaf għaliex?

Salvo Borg mill-Isla kien imsejjaħ il-barklor ta' Mountbatten. Kien raġel qasir, dejjem pulit, *smart*, kien jaf dak il-ftit Ingliż biex jinqeda bħala barklor mal-Ingliżi. Id-dgħajsa tiegħu magħrufha bħala l-Ħadra għax kienet miżbugħa hekk, u bin-numru tal-licenzja 174, kienet l-għożża ta' qalbu. L-inkwiet tiegħu kien meta d-dgħajsa tkun miġbuda l-art u jara t-tfal jilagħbu qribha għax kien jibża' li jagħmlulu l-ħsara. Huwa ried li wara mewtu d-dgħajsa titkisser u tinħaraq biex ħadd ma jużaha floku. Is-soltu dgħajsa wara l-mewt ta' sidha kienet tinbiegħ b'irkant u ġeneralment kienet tibqa' fid-distrett tal-barklor tagħha ngħidu aħna Bormla, l-Birgu jew L-Isla. Tant laħaq Salvo intrabat ma' Mountbatten li kull darba li dan kien jiġi Malta kien jistiednu biex imur għal xi *party* mogħti minnu.

Salvo kien semma d-dgħajsa tiegħu Il-Ħadra bħala d-*Defender* iżda huwa, fl-aqwa tan-Navy Ingliża f'Malta kien iħaddem sittax-il waħda. Għamel żmien meta kien imqabbad ma' *HMS Tiger* kellu l-permess li jbiegħ xi luminata u għamel il-flus, tafx! Ħafna drabi meta kien iwassal xi nies tas-servizz minn u lejn id-Dwana, *Canteen Wharf* u Sant' Anġlu kien jitħallas bid-disa' soldi r-ras iżda wara d-disgħa ta' filgħaxija kien iżomm 1s.6d.

Forsi ftit huma dawk li jafu li Salvo kien ta' ftit skola u li kienet il-mara tiegħu li żżomm il-kontijiet billi hu kien jinqeda wkoll b'qaddiefa oħrajn. Kieku taf kemm Salvo ħalla ċertifikati warajh li hu kien jiddobba mingħand kaptani ta' bastimenti li kien iservi fuqhom. B'xorti tajba tal-familja ta' Salvo għandhom bosta ritratti tiegħu li juruh fil-qadi ta' dmirijietu u kienet ħaġa ħafifa li wieħed iqalleb f'dak li ħalla, ħajr dejjem lil tal-familja.

Charlie Attard kien barklor ieħor li baqa' magħruf bħala l-barklor tal-Prinċep għax kull meta dan kien jiġi Malta dejjem kienu jqabbdu lil Charlie bħala barklor. Ħasra li ma kienx possibbli li wieħed jara ċ-ċertifikati u r-ritratti tiegħu bħala barklor. Il-Kukla tal-Marsa fil-bidu tas-seklu għoxrin għamel isem għalih ukoll għax kien tassew armat bil-kbir, biżżejjed ngħidu li kellu madwar 30 barklor miegħu li kien iħallashom bis-6d kuljum.

Is-sena 1929 baqgħet tissemma mad-dinja kollha għal għaks li ġiebet magħha[29]. Hawn Malta bosta barklori batew il-ġuħ. L-ammiraljat talab biex issir ġabra għall-barklori u saħansitra isem Mabel Strickland jidher fil-lista tad-donaturi. Lista uffiċjali turi li 478 barklor irċevew 5s kull wieħed, 31 irċevew 7s.6d u tnejn biss 10s; ta' min ikun jaf li 5s kienu biżżejjed biex isostnu familja għall-ġimgħa.[30]

Mhux barklor jew tnejn sostnew li xi drabi l-baħrin nofshom fis-sakra kienu jagħtu kull ma kien ikollhom fil-but qabel ma jinżlu minn fuq dgħajsa u speċjalment meta jkunu se jmorru lura lejn l-Ingilterra. Ġlied kien ikun hemm bejn barklori u baħrin iżda kif kitibli wieħed fizzjal Ingliż wieħed ma kellux jesaġera; ma kienx hemm ħafna ġlied. Xi drabi barklor kien jinduna li l-baħrin ikunu se jaqilgħu l-inkwiet għalhekk kien isejjaħ l-għajnuna ta' sħabu. Kellhom ħabta l-baħrin huma u neżlin minn dgħajsa wieħed wara l-ieħor jindikaw lil ta' warajhom li kien se jħallas ta' kulħadd. U tassew hekk kien ikun għax jekk tal-aħħar ma jkollux minn fejn iħallas ta' kulħadd isib ruħu fil-baħar. Barklor stqarr li l-affari tal-baħar ma kenitx xi ħaġa ta' spiss. Kull meta barklor irrappoprta f'xi *main guard* li xi baħrin ma kinux ħallsuh tax-xogħol li jkun għamel kienu jagħtuh dak li haqqu. Ħdejn il-*Canteen Steps* fejn kienu jiltaqgħu ħafna baħrin b'mod speċjali l-Ġimgħa u s-Sibt fil-għaxija kien jinqala' ħafna ġlied ukoll bejn il-barklori min ikun se jgħabbi l-ewwel qabel ħaddieħor. Li jġorru xi baħrin fis-sakra l-barklori kien jaqblilhom għax kien ikollhom iċ-ċans li jdaħħlu xi ħaġa iżjed. Ġlied kien ikun hemm, iva, iżda mhux ħafna! Xi drabi kienu jintużaw l-imqadef biex jagħtu bihom billi l-barklori ma setgħux iġorru skieken magħhom.

Xi barklori kienu jirrifjutaw li jgħabbu baħrin fis-sakra biex jevitaw ħafna nkwiet. Iżda barklori oħra kienu qishom ifittxuh l-inkwiet speċjalment meta xi baħrin ikollhom magħhom xi wieħed *bully* jiswa daqs tlieta. F'każ bħal dak barklor kien isib żgur l-għajnuna ta' sħabu għax minn daqshekk u f'każ bħal dak il-barklori kont issibhom magħqudin. L-użu ta' kliem baxx sew min-naħa tal-baħrin kif ukoll min-naħa tal-barklori kien hemm kemm trid; dak kien qisu l-lingwa franka ta' bejniethom! Tant indara li barklor qalli li ma kinux jagħtu kas ta' kliem bħal dak. Barklori Maltin kienu jżejnu kliemhom xi drabi bid-dagħa. Fir-reġistri tal-Kummissarju u tal-Maġistrati li jinsabu fl-Arkivju Nazzjonali ta' Malta fir-Rabat tiltaqa' ma' ħafna każi. Barklor li ġibed waħda b'Alla u waħda bil-Madonna weħel 2s.6d. Barklor ieħor kien akkużat li qal kliem pastaż iżda ma kienx dagħa; ma weħel xejn għax wara kollox intqal li kelma pastaża mhix offiża.[31]

L-aħħar xogħol li kien isir fuq dgħajsa qabel ivarawha kien dak li jiffittjaw il-bronż u r-ram li xi drabi kien joħroġ mid-Dockyard. Jingħad li darba minnħom barklor li kien ilu jkewwes fuq id-dgħajsa tiegħu ħin twil fis-sħana tas-sajf bla ma ried rifes fuq xi strixxi tar-ram li kienu jżejnu d-dgħajsa tiegħu u billi kien ħafi ħaraq il-qiegħan ta' saqajh. Ma ħasibhiex darbtejn għax neħħa r-ram kollu li kien iżejjen id-dgħajsa tiegħu.

Meta barklor kien ivara dgħajsa ġdida kien jistieden lill-kappillan biex iberikha, jgħid erba' kelmiet ta' ġid, xi ftit daqq kien ikun hemm ukoll mill-ħbieb tal-barklor, xi ftit inbid u ħafna paroli minn min imur għaċ-ċerimonja. Meta d-

[29] Għal tagħrif fit-tul ara Muscat, J. *The Dghajsa and Other Traditional Maltese Boats*, (Malta, 1999), *passim*.

[30] National Archives Malta Government ('il quddiem issibha bhala NAM GOV), 1956/1936, file: Help for Dghajsamen.

[31] National Archives Malta Commisioners' Book ('il quddiem issibha bhala NAM Com), 17-7-1928; data mghotija flok il-pagna.

dgħajsa tkun ta' xi mgħallem magħruf sew ngħidu aħna tal-Guli jew ta' Bengala, allura l-varar jiġbed ħafna nies. Jien niskanta kif ma baqgħalna l-ebda għana jew kant marbut mad-dgħajjes. Tħalli barra l-festa ta' Lapsi meta ħafna dgħajjes kienu jinkrew għal dik l-okkazjoni biex jiċċelebraw fil-Port il-Kbir[32] ma ssib xejn b'konnessjoni mad-dgħajsa jew mal-barklori. Kont nistenna li nsib xi ħaġa iżda l-barklori li kellimt dejjem qaluli li ma jafu b'xejn.

Meta tgħaddi ċ-ċerimonja tal-varar u d-dgħajsa l-ġdida terġa' tkun fuq il-banketti tagħha fuq ix-xatt tiġbed il-ħars ta' kull min jgħaddi minn ħdejha. Xi wieħed mustaċċun u li jkun jifhem sew tarah ma jħarisx lejn iż-żebgħa u lejn it-tiżjin iżda tarah iħares biex jara jekk l-għeluq ikollux xi difett ta' xi għafsa li bilkemm tkun tidher fl-għajnejn ta' min ma jifhimx. Wara nżul ix-xemx u meta ma jibqa ħadd qrib id-dgħajsa l-ġdida tarah lil ħabib tagħna fitt għax-xogħol jaqbad biċċa ġir ratba li tkun qisha biċċa ġibs bħal dik li biha għalliem jikteb fuq il-*blackboard*, u biha jagħmel salib żgħir bla ma jarah ħadd fuq id-difett li hu jkun ra fuq id-dgħajsa. Dik kienet tkun daqqa ta' ħarta għall-imgħallem ta' dik id-dgħajsa.




**Tliet roti ta' żminijiet differenti:**

**A Ta' wara l-1900,**
**B Ta' nofs is-seklu dsatax,**
**C Ta' Gondla**
**D Passatur**

Fil-varar ta' dgħajsa ġdida kont tisma' ħafna rimarki dwarha min-nies tal-Kottonera iżjed minn ħaddieħor. Meta jkunu jridu jmaqdru l-opra fost oħrajn kont tisma' min jgħid dik, voldieri għad-dgħajsa, qisha pastizz, ċanella wisq, mastella, mixruba, maħtufa u oħrajn li forsi n-nies tal-Kottonera biss setgħu jużaw dak il-lingwaġġ. Id-dgħajsa tkun għadha l-art fuq il-banketti tagħha meta jibdew ir-rimarki u kulħadd jagħti r-raġunijiet tiegħu. Għan-nies l-oħra kollha ta' barra l-Kottonera ma kinux isibu x'jgħidu ħlief li d-dgħajsa hi xogħol sabiħ ħafna.

Kif mgħallem kien iwaqqaf ir-rota tal-pruwa f'postha l-ewwel ħaġa li jagħmel kienet li jsammar salib żgħir tal-injam fl-għoli fit-tarf tagħha; hemm ukoll kien jorbot ftit weraq taż-żebbug imbierek dik is-sena. Taf li kien hemm mgħallmin li ma jibdewx xogħol ta' dgħajsa ġdida nhar ta' ġimgħa, drawwa li ġejja minn jaf minn fejn u minn meta! Id-drawwa tas-salib żgħir tal-injam imwaħħal mar-rota tal-pruwa sibtu wkoll fil-Greċja u fl-Italja, użanza tal-Insara. Wieħed jiftakar li s-salib fuq xogħol ġdid kont issibu mhux fuq dgħajsa biss iżda wkoll fuq ir-roti ta' kajjikk, luzzu u tal-latini.

Billi semmejt ir-rota ta' dgħajsa ta' min jgħid li t-tnejn ta' waħda minnhom, forsi għax xi ftit twal, kienu jagħmluhom imxenglin ftit 'l ġewwa lejn nofs id-dgħajsa. Għal ħaġa bħal din ma ssibx tweġiba ċara u tonda ħlief waħda ta' suppożizzjoni, għax jgħidulek li jekk ir-roti jitwaħħlu kartabun mal-prim tad-dgħajsa jagħtu l-impressjoni li jkunu qishom se jaqgħu fil-baħar. Użanza oħra marbuta mar-rota tal-pruwa kienet dik li għal xi ftit taż-żmien kienu jħobbu jagħmluha xi ftit imqabbża 'l barra għat-tond qrib il-livell tal-ilma. Dan it-tip ta' rota kien jagħti dehra stramba u forsi għalhekk li drawwa bħal dik ma tkomplietx; dgħajsa hekk kienu jgħidulha ikkorazzata. Min jaf kif bdiet ħaġa bħal dik, iżda billi fil-Port il-Kbir mhux l-ewwel darba li daħlu l-ikkorazzati Taljani li kienu bastimenti tal-gwerra, bilkemm ma riedx barklor li jimitahom!

Kelma oħra li llum intilfet hija l-blataforma li kienet bħal biċċa art ċatta u lixxa ġeneralment qrib il-ħanut tax-xogħol ta' xi mgħallem u fuqha kien iħożż id-disinn u l-qisien ta' opra ġdida. Illum mgħallem iħożż id-disinn li jkollu bżonn biex jikkalkula l-qisien fuq xi biċċa *plywood* kbira arbulata ma' ħajt. F'kull ħanut tax-xogħol li baqa' għandek tara mal-ħitan tiegħu ħafna galvijiet li xi drabi jkunu tal-familja ġejjin minn missier għal iben. Illum tara wkoll mudelli jew nofs mudelli ta' opri tal-baħar li dawn daħlu fi żmien l-Ingliżi.

Niftakar hawn f'Manwel Falzon membru tas-Soċjeta tal-Mużew li kien mgħallem tal-apprentisti fid-*Dockyard* u kien jispeċjalizza fid-dgħajjes tradizzjonali Maltin. Hu kien jgħaddi dak kollu li kien jaf lill-apprentisti tiegħu u xi disinji tiegħu llum qegħdin fil-Mużew Marittimu ta' Malta. Dan qed ngħidu għax Manwel kien kapaċi joħroġ disinn ta' biċċa tradizzjonali ta' Malta bla ma kellu l-ħanut tax-xogħol tiegħu għax-xogħol tad-dgħajjes. Bl-iskola tista' tasal li tħożż disinn tajjeb ta' dgħajsa iżda l-imgħallmin tagħna ħafna drabi kienu jużaw il-galvijiet tal-familja l-iżjed dawk li jkunu mexxew u taw riżultati tajbin ħafna. Ma kontx dari titlob xi galvu lil xi mgħallem biex isellifulek, lanqas biex tarah biss aħseb u ara biex tibni xi dgħajsa minn fuqu.

Nistħajjel li ssib min jgħid, imma kif it-trasmissjoni tal-kultura timxi minn żmien għal ieħor jew minn bniedem għal ieħor? Parti mit-tweġiba hija li kollox kien jinżamm fil-familja u tistenniex li fil-ħwienet tax-xorb kont se titgħallem xi ħaġa! Stejjer kont tisma' kemm trid. Bil-miktub ma wasal għandna xejn; niftehmu li xi wħud mill-imgħallmin lanqas biss kienu jafu jiktbu jew jaqraw u b'danakollu kienu jagħmlu disinni u kalkoli li dejjem taw riżultati tajbin. Nafu wkoll li xi mgħallmin tal-arloġġi, tal-qniepen, tal-kriepet tan-nisa u oħrajn lanqas lil uliedhom stess ma kienu juruhom is-sigrieti tas-sengħa.

Id-dgħajsa kienet użata barra mit-trasport tal-passiġġieri biex twassal nies morda sal-isptar jew l-Infermerija fil-Belt, nisa tqal li jwassluhom sal-Furjana biex jeħhduhom lejn l-isptar Ċentrali u kien hemm dgħajsa speċjali miżbugħa sewda biex twassal xi katavru fejn ikun hemm bżonn. Sirt naf li mhux il-barklori kollha kienu lesti li jaħdmu fuq dik id-dgħajsa. F'każ ta' bżonn dgħajsa kienet taqsam għal belt biex twassal tabib lejn il-Kottonera. Drabi oħra dgħajsa mżejna ħafna kienet iddawwar miżżewġin friski għal dawra mal-Port. Barklor darba qalli li dgħajsa ġieli għabbewlha 30 kaxxa luminata.

Ħaddiema anzjani jiftakru ż-żmien meta kienu jużaw id-dgħajsa għax-xogħol, jitfgħu 1/4d jew 1/2d fil-kraten ta' dgħajsa bla ma joqogħdu jagħtuhom lill-barklor. Fil-Kotba tal-Okkorrenzi tal-Pulizija tal-Port tiltaqa' ma' bosta stejjer li jinvolvu l-barklori. Darba minnhom wieħed irrapporta li sab il-ħmieġ fid-dgħajsa tiegħu li kienet marbuta taħt is-sur ta' Santa Barbara. Tiltaqa' mal-istorja ħelwa ta' kif wieħed li kellu l-ħmar bil-karrettun miegħu. Warrab għal ftit tal-ħin biex imur jixtri xi ħaġa u meta mar lura jsib li kienu serqulu l-ħmar.[33] Bil-filosofija Ġaħanjana stqarr: Jekk jiena jien tlift il-ħmar iżda jekk jiena minix jien sibt karrettun! Dak kien żmien t'hekk u x-xatt tal-Belt ra bosta stejjer li kellhom x'jaqsmu mad-dgħajsa.

Fil-Kotba tal-Okkorrenzi tal-Pulizja tal-Port tiltaqa' ma' bosta u bosta stejjer li minnhom toħroġ l-istorja soċjali ta' niesna. Fl-1929[34] barklor fera barklor

[32] NLM LIB 13, 389; Cassar Pullicino, J., *Studies in Maltese Folklore*, (Malta, 1992), 20, 21; Castagna, P.P. *Lis Storia ta Malta bil-Gzejjer taghha*, (Malta, 1985), ristampat, vol. 1, 72.

[33] NAM Occ 8-2-1925, 144.

[34] National Archives Malta Magistrates' Book ('il quddiem issibha bhala NAM Mag), 6-7-1929, 188.

ieħor b'daqqa ta' moqdief; waħħluh £2 li għal dak iż-żmien kienu ħafna. Hu ikkalkulat li meta wieħed kien jeħel biex iħallas 5s dik kienet tkun paga ta' jumejn.[35] Fl-1942 fl-eqqel tal-gwerra dgħajsa għabbiet minn Rikażli għall-faċċata l-oħra fejn kien hemm il-moll tal-Barrakka. Id-dgħajsa kienet waħda f'servizz mal-*Garison Regiment*. Kellha fuqha żewġ qaddiefa, hdax-il baħri, żewġ nisa, tarbija ta' sentejn u ħames passiġġieri oħra. Fi ftit ħin bdiet tagħmel l-ilma, inqalbet iżda kulħadd salva. Fl-1927 dgħajsa kellha fuqha sittax-il ħaddiem u żewġ qaddiefa. Kienet mgobbija ż-żejjed. L-istamnari bdew jinqasmu b'dak il-piż kollu, niżlet iżda l-passiġġieri kollha salvaw. Hu ikkalkulat li dgħajsa setgħet tgħabbi biss ftit 'il fuq minn żewġ tunnellati.[36]

Kienet dehra komuni li tara barklor fuq id-dgħajsa tiegħu speċjalment wara nżul




**Spalliera "Ta' San Ġorġ"**

ix-xemx, kemm kemm jiċċaqlaq idur b'mod speċjali qrib ix-xatt ta' Bormla n-naħa tal-imħażen tal-vaxxelli dejjem jittama li jsib fl-ilma xi ħaġa tgħodd għalih. Darba minnhom b'xorti ħażina wieħed sab nofs katavru iżda ħelisha b'wiċċ il-ġid mal-pulizija.[37] Hija storja komuni li barklor bħal dan ikun qed iħuf fl-inħawi tad-*Dockyard* biex forsi jiltaqa' ma' xi biċċa tik fil-baħar. Dan kien isir bil-qaddis u bil-ftehim ma' xi ħadd li kien jaħdem fid-*Dockyard* għax hemm kien jintuża ħafna. Iżda biex barklor ikollu r-roti tad-dgħajsa tiegħu magħmulin mit-tik kienu jqumulu ħafna flus.

In-naħa tat-Toqba fil-Birgu kien hemm ħanut tax-xorb isibuh bħala Tal-Borin fejn kienu jiltaqgħu l-barklori u bejn xarba nbid u oħra kienu joħorġu bi stejjer li ma jitwemmnux; insomma kulħadd iħarref kemm jiflaħ! Karattri bħal ngħidu aħna l-Bażokk, is-Suli u l-Panokk kienu magħrufin ma' kulħadd. Ġieli għand Tal-Borin kienu jmorru dawk li jħobbu t-te u wieħed minnhom kien dak li kellu s-swaba kollha ta' jdejh mimlijin biċ-ċrieket. Malli sħabu kienu jarawh dieħel għand Tal-Borin kont tisma' min jgħid waħda wara l-oħra imma bil-mod: Ram, ram u xejn iżjed! U dak il-barklor bis-swaba miksijin bid-deheb kont tarah idawwar fl-ajru jdejh it-tnejn u jtenni: Iva, iva ram, ram, ħa, ħa, ħa! Dak kien għamel ħafna flus jaħdem bħala barklor.[38]

Karattru ieħor interessanti kien Toni Żbiba li meta ltqajt miegħu l-ewwel darba kellu 65 sena; kien għadu jaqdef! Ħariġli b'bosta stejjer u dettalji tal-qdif u tad-dgħajsa. Parir dejjem tajjeb għax ħabib kien avzani biex ma nagħtihx flus qabel ma nkun għamiltlu xi mistoqsijiet. Jekk kont ittih xi ħaġa qabel kont tarah jitlaq lejn l-eqreb ħanut biex jixtri ftit inbid u wara inutli li tistaqsih.

Kollox ma' kollox il-barklori kienu mħallsin ftit iżda min kien bil-għaqal faddal ġmielu. Niftakar lil Frans u lil ħuh Wenzu mill-Birgu li bejniethom faddlu eluf ta' liri biex fi xjuhithom serqulhom kollox. Ir-rati tan-nollijiet kollha kien stampati minn u sa fejn taħdem dgħajsa u l-barklori kellhom jimxu magħhom. Barklor darba stqarr miegħi li tella' familja ta' tmienja bla ma qatt nefaq sold għal ikel; dejjem kienu jiddubbaw xi ħaġa minn abbordijiet tal-bastimenti Ingliżi.

Gellel mill-Isla ta' sittax-il sena kien jissellef frejgatina jgħabbiha bl-inbid u xorb ieħor minn għand xi sid ta' ħanut tax-xorb u kien idur bil-mod il-mod taħt il-frejgati Ingliżi biex il-baħrin tal-għassa jkunu jistgħu jixtru xi flixkun inbid; il-baħrin kienu jkunu *happy* għax jitlaħalhu bl-inbid Malti u iżjed minnhom iż-żagħżugħ Gellel għax ta' kull flixkun inbid kien idaħħal £3. Dak l-inbid li kien jibqagħlu kien jieħdu lura għand tal-ħanut minn fejn ikun ġabu.

Il-barklori kien jinqalgħalhom l-inkwiet minn żmien għal żmien. Waħda mara Ingliża xi ftit ħoxna hekk kif qagħdet bilqiegħda fuq il-bank ta' dgħajsa saqajha għaddew mill-injam ta' taħtha għax faqet il-murata; iżda għallinqas ħadd ma weġġa'. Għalhekk kont issib min il-murata kien jiksiha minn ġewwa bl-injam biex xi ħadd goff ma jifqax l-injam irqieq tal-għeluq. L-istorja ta' John Andrews għamlet ħoss kbir b'mod speċjali f'Bormla. Mela dan Andrews ried imur Rikażli u għal xi raġuni jew oħra iġġieled mal-barklor. Hu mar ħażin għax tilef il-bilanċ u waqa' fil-baħar. Il-barklor ċapċaplu daqqa bil-moqdief u qatlu; wehel għomru l-ħabs. Iżda l-istorja ma spiċċatx hemm għax gruppi ta' baħrin u nies tas-servizz Ingliżi kienu jinġabru u jinżlu Bormla biex jattakkaw lil kull barklor li kienu jaraw. Dak l-inkwiet dam sejjer xi ftit sakemm ikkwieta kollox waħdu.[39]

L-idea tan-nies tal-Kottonera minn dejjem kienet li barklor kien jinvesti f'dgħajsa għax kien jistenna li se isservih għal għomru. Forsi għalhekk kont tara barklor jieħu ħsieb id-dgħajsa tiegħu u kull sena tarah jiffritta u jobrox iż-żebgħa l-qadima biex jagħti passata ġdida. Fil-Ponta tal-Isla kien hemm dgħajsa l-Balomba li kienu jgħidu li kellha iżjed minn mitt sena. Wieħed jifhimha li mill-injam oriġinali kważi ma kien baqa' xejn għax inbidel mal-mixja tas-snin.

**© Joseph Muscat**

## Nota tal-Editur:

**Din hi l-verżjoni miktuba ta' taħdita pubblika li s-Sur Joseph Muscat ta f'isem l-Għaqda tal-Folklor nhar il-Ġimgħa, 29 ta' April, 2011, fis-sede tal-Għaqda Filantropika Talent Mosti, r-Razzett tal-Markiż, il-Mosta. It-tieni parti ta' din il-kitba tixxandar, jekk Alla jrid, fil-ħarġa li jmiss tal-Imnara (2012).**

## GLOSSARJU:

## DGĦAJJES TRADIZZJONALI MALTIN

**ARBULAT** – il-mod kif qaddief Malti jaqdef bil-wieqfa u jħares 'il quddiem.

[35] *Ibid.*, 191.
[36] NAM Occ, 27-11-1942, 132, 133.
[37] Belli, vol. 7, 554, 555.
[38] Tagħrif li tagħni s-Superjur John Schembri li kien mill-Birgu.
[39] Segond, vol.5, 575.

**ARK** – l-injama ċatta iżda xi ftit għattond li żżomm f'posthom min-naħa ta' fuq żewġ issati.

**ARSENAL TAL-BALERI** – it-tarzna ta' żmien il-kavallieri li fiha kienu jibnu l-galeri.

**BANK** – kull post li fuqu kienu joqogħdu bil-qiegħda l-passiġġieri.

**BANKETTA** – Dik magħmulha minn injam tal-abjad u titpoġġa taħt dgħajsa meta jiġbduha l-art.

**BARDNELL** – l-injama b'saħħitha li tkun ingastata fuq l-irjus tal-istamnari u ddur mad-dgħajsa kollha.

**BARK** – bastiment kbir tal-qlugħ tal-merkanzija tas-seklu dsatax li jkun armat bi tliet arbli ta' qlugħ kwadri.

**BARKLOR** – qaddief ta' dgħajsa tal-pass.

**BARRIERA** – kien għeluq bis-serratizzi mwaħħlin fl-art li jżommu fih passiġġieri li jiġu minn barra sakemm ikunu eżaminati mill-ispetturi tas-saħħa.

**BATTUSA** – biċċa injama ħoxna li tkun marbuta fuq bardnell u li magħha jintrama l-iskalm.

- s-sinjura jew battusa reġina kienet dik il-waħda qrib it-tinda li rari tintuża minn barklor.

**BATTALJOLA** – jew **ISSATA** li fuqha jkun hemm it-tinda.

**BEJTA** – dik il-fetħa fil-poppa qrib il-prim u li fiha jkun hemm l-iskrun.

**BIĊĊERIJA** – injama b'saħħitha li kont issib taħt it-travi li fuqhom kienet isserraħ il-gverta ta' galera jew ta' barkun.

**BLATAFORMA** – biċċa art lixxa u kbira ġeneralment blata li kont issib qrib xi ħanut tax-xogħol ta' mgħallem tad-dgħajjes u li fuqha kien iħożż disinn ta' dgħajsa.

**BOMA** – għamla ta' arblu li jżomm miftuħ min-naħa t'isfel il-qlugħ randa.

**BOMBARDA** – bastiment tal-merkanzija tas-seklu dsatax li kien armat b'żewġ arbli b'dak ta' quddiem xi ftit lura u joqrob lejn in-nofs u bi qlugħ randa ma' dak ta' wara.

**BOQXIEX** – għodda ta' mastrudaxxa li juża għal xi xogħol fit-tond u li jkollu x-xafra fin-nofs b'maqbad kull naħa.

**BRAZZOL** – injama b'saħħitha li torbot per eżempju travu mal-murata ta' dgħajsa.

**BRIG** – bastiment tal-merkanzija tas-seklu dsatax li kien armat b'żewġ arbli ta' qlugħ kwadri u wieħed randa mal-arblu ta' wara.

**ĊAMFRIN** – kument ta' njama li naħa minnhom jkollu għamla maqlubha ta' 45 grad.

**ĊANA TAL-IPPULIR** – dik li biha kienu jirfinaw x-xogħol tal-injam.

**ĊANELLA** – dgħajsa jew frejgatina li jkollha ċ-ċan tagħha bil-majjieri ċatti u wisgħin.

**ĊIMA** – ħabel oħxon, iżda kienet ukoll dak l-inqix ma' pestiera minn ġewwa li juri għamla ta' ħabel.

*CLINCH* – mill-Ingliż, għamla ta' musmar tar-ram aħmar li bih kienu jorbtu stamnara ma' majjiera.

*CORRUGATED* – mill-Ingliż, pjanċi tażżingu bil-fdewwex.

**DAVID** – għodda tal-mastrudaxxa kollha tal-ħadid li biha kienu jorbtu bis-saħħa njam ma' xulxin.

**DENB IL-FAR** – għamla ta' serrieq irqiq, dejjaq u twil biex bih jagħmlu xi toqba tonda fl-injam.

**DGHAJSA TAL-LATIN** – dik kbira u b'saħħitha li kienet tuża żewġt iqlugħ latini jew trijangulari; waħda minnhom kienet dik t'Għawdex.

**DGHAJSA TAN-NOLL** – dik tal-passiġġieri u li kienet marbutha b'rati ta' ħlas fissi għas-servizz tagħha.

**DGHAJSA TAL-PASS** – dik li kienet hemm biex tagħti servizz ta' ġarr ta' passiġġieri.

**DISO** – mod speċjali ta' qdif ta' barklor Malti li kien jaqdef bil-wieqfa waqt li jħares 'il quddiem.

**DRAGUN** – dak l-għamla ta' annimal mitoloġiku bil-ġwienaħ li kont tara n-naħa ta' quddiem fuq it-tappiera ta' kull naħa ta' dgħajsa.

**DRITTA** – in-naħa tal-lemin ta' dgħajsa meta tħares minn wara lejn il-pruwa.

**DURMENT** – dik l-injama minn ġewwa taħt il-bardnell u li magħha jintrabtu l-istamnari.

**FALKA** – injama li tintrama bejn żewġ makkarunetti u li kienet hemm biex tilqa' r-raxx tal-baħar; fuq dgħajsa kienet hemm biss bħala tiżjin.

**FERILLA** – dgħajsa żgħira u ħafifa li kienet tintuża biss bejn l-Isla u l-Birgu.

**FIRJOLA** – injama li tkun tinsab taħt il-prim biex tiffranka l-ħsara li tista' ssir lill-prim kull meta dgħajsa tinġibed l-art.

**FURMATUR** – għodda tal-mastrudaxxa li bih jaqta' l-injam b'daqqiet fuqu tal-martell.

**GAFFA** – l-injama li magħha tintrabat il-parti ta' fuq ta' qlugħ randa.

**GALERA** – xini tal-gwerra ta' żmien il-kavallieri li kienet twila u baxxa mal-ilma li titħaddem bl-ilsiera u bi qlugħ latin.

**GALVU** – jew **MOLL** li bih wieħed ikun jaf kif se jaqta' stamnara jew majjiera.

*GASH CHUTE* – mill-Ingliż; dik il-fetħa fil-ġenb ta' bastiment tal-gwerra Ingliż li minnha kok kien jarmi dak iż-żejjed li kien jibqa' tal-ikel.

**GAXIN** – dak l-ikel żejjed li kien jibqa' fuq bastimenti Ingliżi u li kien jinġabar minn nies apposta biex wara jinbiegħ.

**GHAJN TA' HORUS** – dik l-għamla ta' għajn li kont tara fuq ħafna dgħajjes tradizzjonali Maltin magħrufa wkoll bħala dik ta' Horus jew Isis u kienet ġejja minn żmien il-Feniċi.

**GHASFUR** – għamla ta' għasfur li kont tara mal-pruwa ta' dgħajsa u li ħa post l-għajn.

**GIGG** – jew gikk – hu dak li ħareġ minn wieħed Ingliż u li kien qisu frejgatina iżda iżgħar u li kien hemm għax-xogħol.

**ĠILJUN** – il-biċċa ta' ġewwa ta' moqdief u li barklor kien jaqbdu biex jaqdef.

*GREENHEART* – injam iebes ħafna u li jegħreq fl-ilma.

**GULIERM** – għodda tal-mastrudaxxa li jkun qisu ċana iżda dejjaq ħafna.

**IMHAŻEN TAL-VAXXELLI** – dawk li jinsabu n-naħa ta' Bormla u li saru biex fihom jaħżnu l-attrezzaturi tal-vaxxelli meta jidħlu Malta għax-xitwa.

**INJAM STRADILJAT** – dak li jkun skartat imħabba l-vina tiegħu meta jiġu biex jagħmlu xi brazzol.

**ISIJJA** – meta wieħed jaqdef b'lura.

**ISSATA** – ara battaljola.

**JIĊĊOMBA** – il-mod kif jintrabtu l-kurduni ta' ħabel għas-saħħa u bħala tiżjin ukoll.

**JIDDRIZZA** – il-ħila ta' barklor biex dan iwaqqaf iċ-ċaqlieq ta' dgħajsa.

**JIFFRITTA** – ix-xogħol ta' tindif ta' dgħajsa miż-żebgħa l-qadima; dari biċċa ħġieġa mkissra kienet tkun biżżejjed biex jobrox biha.

**JIPPULI** – jirfina l-injam.

**KAMRA** – dik taħt it-tamburett tal-pruwa u f'dak l-ispazju barklor kien iżomm maqfulin l-affarijiet tiegħu.

**KARTABUN** – għodda tal-mastrudaxxa u meta wieħed ikun irid iżomm qies ta' 90 grad bejn żewġ injamiet.

**KONTRA BANK** – dak ta' quddiem ieħor li t-tnejn ikunu quddiem l-ispalliera ta' dgħajsa.

**KORAZZATA** – għamla ta' bastiment tal-gwerra Taljan tas-seklu l-ieħor.

**KORSIJA – KRIESI** – dik ta' galera kienet tgħaddi minn nofs, mill-ispalliera tal-poppa sar-rambata, u kull naħa kien hemm il-bankijiet tal-qaddiefa. Fuq dgħajsa tal-pass kienu dawk l-injamiet li jista' jiċċaqlaq min-naħa għal oħra u li jkunu bejn it-tamburett tal-pruwa u l-bankijiet tal-passiġġieri.

**KOTBA TAL-OKKORRENZI** – kienu dawk ir-reġistri miżmumin mill-pulizija u li fihom issib dak li jkun ġara ġurnata waħda wara l-oħra.

**KOTTONERA** – tiġbor fiha lil Bormla, l-Birgu, u l-Isla.

**KRATEN** – jew **TRINKARINI** huma dawk li qishom kaxex tawwalin mal-ġnub tad-dgħajjes tradizzjonali Maltin; fuq dgħajsa tal-pass kont issib fuqhom il-bankijiet tal-passiġġieri.

**KUMENT** – ix-xifer ta' fallakka jew tavla u mhux iċ-ċatt tagħha.

**LAĊĊ** – l-injama li tkun ingastata fir-ras ta' tmun biex iħaddmuh bih.

**LEXXUN** – għodda ta' mastrudaxxa li jkollha xafra wiesgħa u taqta' ħafna u manku twil biex jillixjaw l-injam goff.

**LINJU SANT** – injam iebes ħafna u li jegħreq fl-ilma.

**MADMAD** – dan ikun ingastat f'ras ta' tmun u jagħmel ix-xogħol ta' laċċ.

**MAĦTUFA** – ngħidu għal xi opra tal-baħar tradizzjonali li tkun xi ftit dejqa fil-pruwa; rimarka derogattiva!

*MAIN GUARD* – post tal-għassa qabel ma tidħol f'xi bini kbir tas-servizzi Ingliżi.

**MAJJIERA** – injama xi ftit għat-tond jew tista' tkun ukoll ċatta għal kollox li titwaħħal fuq il-prim u li bihom jitwaqqaf il-qafas ta' dgħajsa.

**MAKKARUNETTA** – injama ħoxna wieqfa fuq bardnell li magħha żżomm falka f'postha.

**MASTELLA** – ngħiduha għal xi opra tradizzjonali Maltija li tkun qisha banju kbir tal-ħasil; kelma derogattiva!

**MIXRUBA** – rimarka derogattiva li tingħata lil xi dgħajsa li tidher li tkun xi ftit dejqa għall-wisa' tagħha.

**MUNXAR** – xi wħud jgħidulu s-serrieq ta' San Ġużepp, b'xafra tas-snien dejqa u li jintuża għal xi xogħol fit-tond.

**MURATA** – iż-żaqq ta' dgħajsa min-naħa ta' ġewwa.

**NAVI** – bastiment tal-merkanzija tas-seklu dsatax li kien jinbena Malta wkoll u li jkun kbir ħafna u mgħammar bi tliet arbli ta' qlugħ kwadri.

**PALJOL** – il-qiegħ ta' dgħajsa li fuqu jserrħu riġlejhom il-passiġġieri.

**PARASULI** – għamla ta' purtieri li kien ikun hemm madwar it-tinda ta' dgħajsa tal-pass.

**PASSATUR** – għamla ta' berrina jew trapan ġieli tkun twila u ħoxna ħafna biex biha jtaqqbu l-injam; din titħaddem b'manku b'saħħtu min-naħa waħda.

**PASTIZZ** – kelma derogattiva li tingħata li xi opra tradizzjonali li jkollha poppa u pruwa mislutin irqaq u l-istess.

**PERMIZZAN** – injama li tingasta ruħha fuq il-majjieri f'linja mal-prim.

**PESTIERA** – l-injama wieqfa għat-tul mal-kraten ta' xi opra Maltija.

**PINNUR** – l-injama orizzontali ma' arblu u li miegħu jintrabat qlugħ kwadru.

*PRAM* – mill-Ingliż il-karozza ta' tarbija ta' wara l-gwerra li kien ikollha tinda ħafna drabi għat-tond titla' u tinzel skont il-ħtieġa.

**PRIM** – l-injama b'saħħitha tul l-opra sħiħa li fuqu jinbena l-qafas tagħha.

**QALFAT** – il-bniedem tas-sengħa li bl-arti tiegħu kien isodd kull xaqq jew toqba li jara f'opra tal-baħar.

**QLUGĦ KWADRU** – dak li jkollu għamla kważi kwadra u jiddendel ma' pinnur.

**QTUGĦ L-ILMA** – nistgħu ngħidu li kien il-livell tal-ilma fuq dgħajsa.

**RABOTT** – għamla ta' ċana antika tal-mastrudaxxa.

**RADANĊA** – bħal *washer* tar-ram aħmar li minnu jgħaddi *clinch* u jirbattuh fuqha.

**RAMBATA** – dik il-parti ta' galera fil-pruwa li taħtha jkun hemm il-kanuni.

**RANDA** – għamla ta' qlugħ qisu widna kbira għax jintrabat min-naħa waħda mal-arblu, fuq ikollu l-**GAFFA** u isfel il-**BOMA**.

**REBEKKIN** – għodda tal-mastrudaxxa li bih itaqqab ġeneralment toqob żgħar.

**ROTA** – l-injama twila ħafna 'l fuq mill-bardnell li wieħed isib fil-pruwa u fil-poppa ta' dgħajsa.

**SERP** – għamla ta' serp minqux mal-ġenb ta' pestiera ta' dgħajsa.

**SERRIEQ TAD-DAHAR** – għodda tal-mastrudaxxa li jkollu d-dahar tiegħu, jew in-naħa ta' kontra s-snien, imsaħħah bil-ħadid jew bir-ram.

**SETTIJIET** – il-partijiet kollha ta' dgħajsa tal-pass li jkunu jistgħu jinqalgħu minn posthom.

*SHIP'S COMPANY* – mill-Ingliż; kien is-servizz li tagħti dgħajsa tal-pass impjegata ma' biċċa tal-gwerra Ingliża.

**SINISTRA** – in-naħa tax-xellug ta' xi biċċa tal-baħar meta tħares mill-poppa lejn il-pruwa.

**SKALL** – injam oħxon u b'saħħtu għat-tul ta' xi ħanut tax-xogħol tad-dgħajjes u li fuqu jsir il-bini ta' opra.

**SKALM** – injama b'saħħitha ħafna u li miegħu jintrabat il-moqdief li jkun ingastat f'battusa ta' dgħajsa.

**SKIFF** – għamla ta' opra Maltija li ħareġ minn dak Ingliż u li kellu poppa u pruwa bil-ponta u kien ħafif wisq fil-mixi.

**SKUNA** – bastiment żgħir tal-merkanzija tas-seklu dsatax li kien armat bi qlugħ randa fuq kull wieħed.

**SKUŻI** – injam li jżomm flimkien l-istamnari mal-majjieri mal-qiegħ tad-dgħajsa.

**SPALLIERA** – d-dahar tal-bank in-naħa ta' wara tal-post tal-passiġġieri.

- ta' galera – dik il-parti mill-gverta ta' quddiem il-kabina tal-poppa.

**STAMNARA** – injama ma' kull naħa ta' majjiera li tagħti l-għamla taż-żaqq ta' dgħajsa.

**STROPP** – il-ħabel li jorbot flimkien moqdief mal-iskalm.

**TAKKI** – toqob fil-ġnub in-naħa tat-tinda tal-passiġġieri li fihom jingastaw it-truf tal-issati.

**TAMBURETT** – dik li qisha gverta għamla trijangulari li ssibha fil-poppa u fil-pruwa tal-opri tradizzjonali Maltin.

**TAPPIERA** – dik il-faxxa tal-injam, dari kienet tkun tal-kewba, li tara taħt il-bardnell u l-falki mill-pruwa sal-poppa u li fuqha tara xi tiżjin.

**TARKIJA** – għamla ta' qlugħ sempliċi ħafna li jintrama ma' arblu u jifirxuh b'lasta twila. Dan kien popolari ħafna fost il-Maltin.

**TAVLAR** jew **TAVLAMENT** – dak l-injam kollu li jkun hemm mal-qiegħ ta' dgħajsa minn ġewwa.

**TERZ** – **TRIEZI** – qies ipotetiku li jaqsam il-prim ta' dgħajsa fit-terz ta' quddiem u dak ta' wara.

**TESTATUR** – il-kument ta' stamnara maqlub f'angulatura; ġieli jkun hemm ħames testaturi differenti fuq waħda.

**TIK** - mill-Ingliż *teak* – injam iebes li kien jiġi mill-Indja u bih kienu jagħmlu xi rota ta' dgħajsa.

*TOPPING LINE* – mill-Inlgiż li jaqbel mal-livell tal-ilma iżda fuq bastiment tal-gwerra Ingliża jkun xi ftit wiesa'.

**TQALFIT** – l-arti li biha kienu jsoddu kull toqba jew xaqq li jkun hemm fl-injam ta' dgħajsa.

**TRAVERSA** – injama li tkun taħt il-paljol biex jintrabat flimkien.

**TRINKARINI** – ara **kraten**.

**URNAR** – id-dekorazzjoni li jkun hemm fuq dgħajsa.

**VARINGLI** – bħal brazzol kbir li ssib fuq il-murata ta' xi dgħajsa kbira, bħal ngħidu aħna barkun, biex isaħħaħ l-għeluq.

**VARLOPPA** – għodda tal-mastrudaxxa li tkun qisha ċana iżda kbira ħafna biex jikkorreġu xi kument ta' njama kbira.

**VAXXELL** – bastiment tal-gwerra ta' żmien il-kavallieri li jkun armat b'ħafna kanuni u jkun armat bi tliet arbli ta' qlugħ kwadri.

**VENDA** – il-ġabra ta' dgħajjes tal-pass jistennew ma' moll biex meta ordnati jmorru jwasslu l-passiġġieri fuq bastiment.

**WEJLA** – dgħajsa żgħira li ħarġet mill-*whaler* Ingliż li kienet tuża l-inqadef u wżata għal xi xogħol ħafif.

**XIFA** – għodda tal-masturdaxxa li tkun ponta rqiqa u twila bil-manku biex biha jtaqqbu xi toqob irqaq.

**XIMITARRA** – arma li taqta' tal-Mislem għamla ta' nofs qamar.

**ŻENGUL** – għamla ta' majjiera bil-forma ta' V li ssib in-naħa ta' quddiem ta' dgħajsa.

**ZOKK** – dik l-injama li ġieli kienet tkun meħuda minn biċċa żebbuġ jew ħarrub u li tgħaqqad ir-rota mal-prim.

© Joseph Muscat




**Pjanta, profil, u *cross-section* ta' dgħajsa moderna.**

## TIFKIRIET MILL-IMGĦODDI

# IL-BARKLORI

Lorenzo Zahra

**Niftakar lil Kanonku Dun ĠianMari Farrugia, saċerdat mill-Birgu li tassew ħabb belt twelidu. Kien Teologu tal-Kapitlu, imma kien iħobb jikteb, l-aktar fil-ġurnali, dwar l-istorja tal-Birgu. Kien jilbes is-suttana sewda u jħalli l-qalziet twil jidher fin-naħa t'isfel – stil tal-qassisin Ingliżi. Il-kitba u l-kelma tiegħu fil-priedki fil-knisja kienet sempliċi u li jifhimha kulħadd. Kien iħobb dawk l-użanzi li llum qed insejħulhom "Folklor".**

Illum se nsemma dak li kien jirrakkonta dwar il-barklori għax, dari u fi żmien tfuliti, il-barklor bid-dgħajsa tiegħu kien jaqlagħha tajjeb. Kien hemm żmien meta t-traġitt fil-portijiet kien biss bid-dgħajjes, u x-xtut ta' Bormla, l-Isla u l-Birgu kienu saru ċentru ta' attivita', mimlija dgħajjes u barklori, wħud jistennew fuq il-venda, u oħrajn għaddejjin bil-vjaġġ jaqsmu l-port.

Allura ħafna barklori nhar ta' Ħadd kienu jerfgħu mix-xogħol u, libsin il-Kappell tar-Ross, qalziet tal-flanella, u żarbun isfar (kif kien magħruf iż-żarbun kannella dak iż-żmien), kienu jinġabru fil-pjazza, jew joħorġu għall-passiġġata lejn ix-Xgħira. Ix-xatt kien jifdal biss xi barklor xwejjaħ jaqdef waħdu; u l-vjeġġ kien jieħu żmien twil sa ma jwasslek. Il-pubbliku kien jilmenta u ż-żmien wasal li tfaċċaw il-lanec biex, qajla qajla, żmien ir-risq għall-barklori għeb.

Dak iż-żmien mhux għalkemm tagħżel li ssir barklor għax, biex taħdem f'dan il-mistier kont trid tieħu l-pussess xejn inqas minn dak ta' mistieri oħra. Biex tkun tista' tibda u taqbad moqdief b'idek, kont trid tingħata bidu jew tieħu d-diploma minn idejn l-anzjani fost il-barklori; għax dawn kellhom ix-xirka tagħhom ukoll.

Il-bidu kien ikun hekk: Il-barklori jkunu lkoll miġbura fix-Xatt ta' San Lawrenz jew ix-xatt tal-Karmnu, lkoll bid-dgħajjes lesti għall-venda skont min imissu. Ilkoll kellhom il-laqam tagħhom li bih kienu aktarx magħrufa. Hekk kif Toni n-Niges, żagħżugħ, bil-qmis bajdanija, qalziet tas-sarġ jinqafel fuq żewġ naħiet, u beritta Skoċċiża ċatta daqs platt, jasal f'tarf it-taraġ, jilmħuh żewġ barklori u jilqgħuh:

"Hawn x'ġejt tagħmel?"

"Ġejt nibda x-xogħol."
U t-tnejn ikellmuh sa ma jersqu fuqu u, b'tegħmiża jaħtfuh minn kull naħa, b'id u riġel minn kull naħa, u jxengluh 'l hinn u 'l hawn bla ma jkun jistenna. Kif ikun imċappas kollu trab li jkun inġabar miegħu mat-tkaxkira, jitilqu bih, kif ikun mgħawweġ f'idejhom, u jħabbtulu l-warrani ma' pruwa ta' dgħajsa li tkun sorġuta max-xatt għall-venda. Dak jgħajjat "ħalluni, ħalluni", meta ma jżarratx xi tnejn ħoxnin, waqt li l-barklori l-oħra, jogħxew bid-daħk u jsaffru u jgħajtu.

Meta ma jkunx hemm dgħajsa, allura kienu jħokkuh mal-ħajt tat-Tarzna u hekk kienet tintemm iċ-ċerimonja tal-pussess għall-balklor il-ġdid. Imma jekk il-kandidat jinzerta xi ftit nieqes mill-melħ, xi ftit belhani, kien isib ruħu jixxengel f'tarf il-moll, jekk mhux ukoll jitfgħuh il-baħar. L-imsejken vittma kien jitħabat biex jitla' l-art, qisu tiġieġa mxarrba. B'dal-mod il-kandidat barklor kien ikun ħa d-diploma biex jieħu l-moqdief u jaħdem ta' barklor għal għomru.

## UŻANZI FIL-KNEJJES MALTIN TA' QABEL IL-KONĊILJU VATIKAN II

Lorenzo Zahra

Fl-erbgħa ta' filgħodu l-knejjes kienu jdoqqu tokki tal-qanpiena msejħa l-Paternoster. Fit-tmienja jdoqqu l-Ave Marija, wara nżul ix-xemx idoqqu l-Ave Marija, u tard filgħaxija jdoqqu tokki msejħa tal-Imwiet. Nhar ta' Ħamis filgħaxija tindaqq mota bil-kbir biex tfakkar it-twaqqif tal-Ewkaristija, u nhar ta' Ġimgħa fit-tlieta ta' wara nofsinhar jindaqqu tokki biex ifakkru l-mewt ta' Ġesu għalina.

Fil-knejjes wara nofsinhar kien jingħad l-Għasar, u waqt il-manifikat iċ-ċelebrant kien jinċensa l-artal tas-sagrament u wara, l-artal maġġur.

Kull tielet Ħadd tax-xahar ġewwa l-knejjes kienet issir proċessjoni bl-Ewkaristija.

Fil-festi, fuq l-art tal-knisja kien jintefa' bosta ħaxix bir-rand.

Dari, fil-Katidral kien ikun hemm tronn. Ġewwa San Ġwann kien hemm wieħed għall-isqof u l-ieħor għar-Re jew Reġina li taħkimna. Il-Magħmudija tat-trabi kienet issir qrib il-bieb ta' barra tal-knisja, fejn ikun hemm il-fonti tal-Magħmudija, u aktarx barra l-ħinijiet tal-quddies, possibilment wara nofs in-nhar.

Il-Quddies kien isir ukoll fuq l-artali tal-ġnub, u dejjem minn saċerdot wieħed. Il-qassis fil-quddiesa kien jilbes maktur ma għonqu msejjaħ amittu, ċinglu ma qaddu, u manipolu li jfisser il-maktur ta' San Pietru meta beka t-tradiment tiegħu lil Ġesu. Il-qassis kien jasal fuq l-artal bil-berittin.

Fuq l-artal, quddiem iċ-ċelebrant kien ikun hemm Kurċifiss.

Fuq l-artal kien ikun hemm ukoll tliet kwadretti msejħa "Karti tal-Glorja", li l-qassis kien jaqra t-talb minnhom fil-bidu, waqt il-quddiesa, u fl-aħħar tal-quddiesa.

Nhar l-Għid il-Kbir kien jiftaħ l-obbligu li wieħed ta' lanqas iqerr u jitqarben darba fis-sena u jibdel il-bullettin. Min ma kienx iqerr u jitqarben tal-anqas darba fis-sena kien ikun spreċettat, u fid-difna ma kienx ikun akkumpanjat mis-saċerdot u kien jindifen f'art għalih.

Il-Qrar dari kien isir billi n-nisa dejjem iqerru fil-konfessinarju fil-knisja, waqt li ġeneralment l-irġiel iqerru fis-Sagristija. Il-qassis dejjem kien ikun liebes is-suttana jew liebes ta' patri jekk ikun patri, bi stola vjola, u qatt liebes sekulari.

It-tqarbin kien isir biss mis-Saċerdot liebes spellizza u stola.

Min kien jitqarben kien jinżel għarkupptejh fuq it-taraġ tal-artal jew tal-presbiterju.

Fil-quddiesa dejjem kien ikun hemm abbati jgħin, idoqq il-qanpiena fis-Sanctus, fil-konsagrazzjoni, u għas-sinjal biex in-nies tersaq għat-tqarbin.

Il-quddiesa kienet bil-Latin mill-bidu sal-aħħar. Uħud mill-fidili ġieli kien ikollhom Messalin, oħrajn xi ktieb ta' talb, waqt li ħafna, li x'aktarx ma kinux jaqraw, kienu joqogħdu jgħidu r-rużarju waqt li l-qassis għaddej bil-quddiesa.

Fl-aħħar tal-quddiesa, l-qassis kien jinżel għarkupptejh u jgħid tliet Avemarijiet, Salvereġina, u talba lil San Mikiel Arkanġlu.

Fl-imgħoddi, hekk kif wieħed ikun agunija, jissejjaħ is-saċerdot biex jisma' l-qrar u jamministra s-sagramenti, waqt li bosta drabi jassisti sal-aħħar lill-moribond. Ukoll fl-isptarijiet, il-patri kien jissejjaħ biex jassisti sa tmiem il-ħajja tal-moribond.

It-tqarbin tal-morda kien isir jew bil-Vjatku, bi proċessjoni mill-knisja sad-dar tal-marid, jew imur is-saċerdot tal-assistenza jassisti l-moribond.

It-trasport tas-sagrament kien isir dejjem mis-saċerdat, li kien jilbes numeral fuq spellizza bajda, u jkun akkumpanjat minn żewġ persuni jżommu xemgħa mixgħula.

Id-difna kienet aktarx issir billi l-katavru jinġarr mid-dar jew mill-isptar dritt lejn iċ-ċimiterju, u jkun akkumpanjat mis-saċerdat b'żewġ abbatini – wieħed iżomm sasla bl-ilma mbierek, u l-ieħor iġorr kurċifiss.

**© Lorenzo Zahra**

**Nota tal-editur:**

Din il-kitba ta' Lorenzo Zahra fakkritni f'xi aneddoti u stejjer li smajt tul ħajtu, u għaddewli xi ħsibijiet minn rasi li xtaqt naqsam magħkom. Hu minnu, kif qal is-Sur Zahra li, sa qabel il-Konċilju Vatikan it-Tieni, l-qassis kien jispiċċa l-quddiesa b'talba lil San Mikiel. Kien jingħad li din it-talba kien kitibha l-Papa Ljun XIII u ħafna kienu jemmnu li l-Papa kien kitibha wara li sema' diskursata bejn Ġesu' u d-demonju! Peress li San Mikiel hu msemmi fil-Ġenesi li ddefenda lil Alla mix-xjaten li rribellaw kontrih qabel il-ħolqien tal-bniedem, dan l-Arkanġlu kien dejjem meqjus bħala wens kbir kontra x-xjaten. It-talba kienet hekk:

***San Mikiel Arkanġlu, idħol għalina fit-taqbida; kun int l-għajnuna tagħna kontra l-ħażen u t-tnassis tad-demonju: irażżnu Alla, nitolbuk bil-ħerqa. U inti, l-aqwa fost il-qtajja' tas-sema, itfa' bil-qawwa t'Alla fil-qiegħ tal-Infern lix-xitan u l-ispirti l-ħżiena l-oħra li jiġġerrew fid-dinja għat-telfien tal-erwieħ. Amen.***

Ħafna fost dawk li jkunu ġew għall-quddiesa jkunu diġa' qabdu t-triq u telqu 'l barra mill-knisja waqt li l-qassis ikun qed jgħid din it-talba; imma ħafna oħrajn, fosthom ħafna nisa xjuħ, kienu jibqgħu hemm u jgħidu t-talba mal-qassis. It-talba kienet tagħtihom ċertu serħan, u kienu jħossuhom imwennsa u mħarsa, lesti biex joħorġu barra fit-triq u jilqgħu għat-tfixkil tax-xjaten.

It-twemmin fil-preżenza tax-xitan fid-dinja dak iż-żmien kien ankrat tajjeb fl-imħuħ ferm aktar milli wieħed jista' jistħajjel illum. Il-preżenza tax-xitan kienet mistħajla li tkun ferm aktar qawwija waqt l-agunija ta' xi moribond. Fil-ħarġa numru 30 tal-Imnara, 2006, Toni Calleja, fl-artiklu tiegħu "Intietef Folkloristiċi mill-Għasri" kien kiteb hekk:

*Malli l-moribond imut, u s-Saċerdot – li min jaf kemm ikun ilu jassistih – ibierek il-katavru, xi żewġt irġiel minn ta' ġewwa kienu jakkumpanjawh lura d-dar. Ma kinux iħalluh imur lura waħdu għax mat-triq seta' jkun ittantat mid-demonju. Il-ħsieb kien li billi l-qassis kien f'pika max-xitan (jew ma Sbatna, kif kien jissejjaħ) biex jirbaħ dik ir-ruħ għal Alla, issa li l-mejjet ikun għamel mewta tajba, x-xitan tal-infern, tellief u avvelut, kien jaf jagħtih xi fastidju! Il-Kappillan tal-Għasri Dun Karm Vella (1951-1965) kien jemmen wisq b'hekk, u kont nogħxa nisimgħu jirrakkonta fuq iz-zuntier fuq dawn ħwejjeġ. Issa ħalliha li mbagħad billejl kont noqgħod nibża'! (paġna 113)*

Ma din l-istorja jien nista' nżid oħra – storja li minn jaf kemm-il darba smajt lil ommi tirrakkontaha. Ommi llum tgħodd erbgħa u tmenin sena, għadha mimlija bil-għomor u temmen ferm, kemm bil-Ħares u kemm bl-ispirti ħżiena u x-xjaten jiġru mat-toroq. Tgħid li meta kienet għadha tifla, tgħix m'ommha u missierha – in-nanna u n-nannu – f'lejl xitwi, kiesaħ u mudlam, x'aktarx ftit qabel il-gwerra, kienet rieqda fid-dar mal-ħames ħutha l-oħra, u man-nanna u n-nannu, meta f'nofs ta' lejl jinstema xi ħadd għaddej mit-triq, jagħmel ħsejjes mill-iżjed tal-biża', koroh u li jkexkxu. In-nannu ħareġ imwerwer mis-sodda, bil-qalziet ta' taħt sa rkupptejh, u b'leħen imbikki għajjat: "Katerin (għan-nanna) Smajtu?!" U lkoll, b'leħen wieħed, mhux in-nanna biss, għajtu: "Iva! Smajnieh!" In-nanna beżgħat ukoll u ħarġet mis-sodda wkoll, imma tal-anqas kellha spjegazzjoni għal dak li kien ġara. In-nanna – minn dejjem inċiklopedija tal-għerf – iddikjarat: "Dak ifisser li se tmut xi ruħ tajba!" Balleċ! Mela dik kienet il-biċċa. Kulħadd serraħ rasu xi ftit għax meta fenominu ikrah jingħata spjegazzjoni u xi ħadd juri li jifhem fih, il-fenominu jsir inqas tal-biża' u, tal-anqas, spjegabbli. Dak il-lejl kulħadd raqad kif seta', mbagħad filgħodu jsaqsu lin-nanna għal aktar dettalji.

Meta sebaħ, in-nies bdew jgħidu li kienet mietet it-talija – mara xiħa li tgħix ġo sqaq mudlam, imma li kienet magħrufa għall-qalb tajba li kellha; titma' l-klieb u l-qtates tat-triq, tagħti l-ħelu lit-tfal, ma tobgħod lil ħadd, u kulħadd iħobbha. Mela dik kienet l-istorja: dawk il-ħsejjes koroh kienu tax-xitan, għadu ħiereġ minn ħdejn is-sodda tal-mewt tagħha. Avvelut u ndannat kif kien, għax lil dik ir-ruħ ma rebaħhiex hu imma marret tgawdi 'l Alla fil-Ġenna, ħareġ il-barra ndannat, jagħmel ħsejjes tal-biża' mat-toroq taż-Żejtun, ħsejjes li werwru lin-nannu u lin-nanna, u lil ommi.

Kienu żminijiet oħra.



**Niċċa ta' San Mikiel f'Ħal Qormi**

# IL-FESTI MALTIN:

# TERMINOLOĠIJA U TAGĦRIF IEĦOR DWAR L-ARMAR TA' BARRA FIL-FESTI RELIĠJUŻI

**Saviour Camilleri**

**Din il-ħannieqa ta' artikli, miġbura flimkien u bi skizz biswitha, tittratta t-terminoloġija użata fl-armar u t-tiżjin ta' barra fil-festi Reliġjużi Maltin. Għandha l-għan li tiġbor il-kliem tekniku kollu possibbli biex barra li jsir magħruf mill-qarrejja, dan il-kliem ma jintilifx mal-medda taż-żmien - għax il-miktub mhux maħrub.**

Barra li permezz tal-iskizzi ridt nerġa' nagħti l-ħajja lil dawn it-termini minsija, jew forsi mhux daqshekk magħrufa, xtaqt ukoll inlaħħamhom permezz ta' artikli fejn dawn l-istess kliem isib tabilħaqq it-tifsira tiegħu f'kuntest li jinftiehem. Il-kliem li nixtieq niġbed l-attenzjoni għalih qed nenfasizzah b'tipa grassa.

Biex il-Malti jżomm sħiħ id-damma ta' kliem li ssawwar mal-medda taż-żmien, kliem li ma tantx jingħad min-nies komuni għax forsi n-nies ma tantx huma midħla tiegħu – bħalma hu dan il-vokabularju - issa li se nsiru nafuhom, tajjeb li nibdew nirreferu għall-oġġett bl-isem proprja tiegħu.

Qassamt din is-sensiela f'erba' fażijiet, kif inhu korrett, jiġifieri: arbli, kolonni, statwi u drapp għax hekk jibda u jispiċċa l-armar; u bil-maqlub meta jiżżarma.

Ngħid li kienet biċċa xogħol għalija biex niġbor dan il-kliem tekniku u nfittex min jista' jħożżli dawn l-iskizzi li mingħajrhom ma stajtx nippreżenta dan il-proġett. Wara li ġbart il-kliem kollu possibbli mort f' diversi nħawi biex inqabbel l-istess lessiku, bħal Ħal Tarxien, Ħal Qormi, il-Birgu, u l-bqija.

Ngħid ukoll, li huwa l-waqt propizju li jinġabar dan il-lessiku minn fomm dawk li għadhom dilettanti tal-festi, għax għada jista' jkun tard wisq biex issib nies bħal dawn li jagħtu ħinhom u saħnasitra jikkontribwixxu, mingħajr xejn ma jintradd lura, għajr biss, is-sodisfazzjon.

Din il-ġabra ta' kliem għandha tkun interessanti kemm għal dawk li jħobbu l-folklor, kemm għal dawk dilettanti tal-festi u aktar u aktar għal dawk id-dilettanti tal-festa fuq l-armar ta' barra li jista' jagħti l-każ li huma stess jieħdu ħsieb l-armar.

Inrodd ħajr qabelxejn lis-Sur Pio Mangion tad-disinji eċċellenti li għamel, lis-Sur Ġużi Gatt, li kien hu li tani l-idea ta' dan il-proġett, l-istatwarju Renzo Gauci, u lil kull min avviċinajt u għeni.




**L-Ark tal-Isla, fi żmien ieħor, meta kien għadu jintrama.**

# L-ARBLI FUQ IL-BJUT

Daqs xahar u nofs qabel jiem il-festa, wieħed jibda jinnota xi arbli u antanjoli (antarjoli) mtellgħin f'posthom fejn kienu fis-snin ta' qabel, u xi tnejn oħra ġodda jiżdiedu wkoll. L-arbli ta' fuq il-bjut u fuq is-swar jittellgħu fil-post apposta fejn id-dilettanti jkunu ħasbu għalih minn qabel biex ma ssirx ħsara lill-istruttura tal-binja. L-arblu ta' fuq il-bejt jitqiegħed mal-**BLATA**. Il-blata tkun blokka konkrit b'xibka tal-ħadid fiha, biex magħha jinħakem l-arblu - ġeneralment din qatt m'għandha tkun nieqsa meta arblu ta' ċertu tul se jintrama fuq bejt ta' dar.

Biex arblu jkun meqjus armat u komplut b'kollox irid ikollu l-**FRONTISPIZJU** u l-**PUPRESS**. Il-frontispisju (fondispisju) hija struttura fil-ġebla b' xi lavur jew riljiev fid-dimensjoni kollha tagħha b'tema li tissodisfa x-xewqa tad-dilettant jew partitarju li jkun. Din l-istruttura tkun fuq il-faċċata taħt l-arblu eżatt, maċ-ċinta tal-bejt, li allura, barra li sservi biex tgħatti l-blata nnifisha - għax din waħedha tkerraħ meta taraha mit-triq - tagħti maestà lill-arblu nnfisu, l-aktar jekk ikun twil u mislut sabiħ. L-arblu jagħti dehra isbaħ jekk ikollu pupress li hu bħal kanna ħoxna tal-ħadid li tisporġi 'l barra miċ-ċinta tal-bejt, u biex il-pupress ma jagħtix dik id-dehra mhux mielsa, fit-tarf, bħala ornament, ikollu **LABARDA** ċkejkna. Il-pupress iservi biex wieħed mill-**VENTIJIET** tal-arblu jaqbad miegħu ħalli jżommu wieqaf u dritt. L-arblu jkollu mill-inqas tliet ventijiet oħra jew **SARSI.**

Fuq l-arblu sewwa tintrama kull tip ta' **LABARDA** jew ornament ieħor bħall-pinnur jew *'nomine di maria'* eċċ... li ġeneralment jirrappreżenta aspett mill-ħajja jew il-matirju tal-patrun/a qaddis/a tal-lokal. Jista' jagħti l-każ li flok dawn, jitqiegħed **GLOBU**. Dan jibda jinxtegħel ukoll minn xi ġimgħat qabel, u l-kulur tad-dawl ivarja skont ma' liema xaqliba jkun jagħmel il-partitarju. Dan jgħodd biss fejn hemm aktar minn partit wieħed f'festa waħda. Tittella' ukoll **GIRLANDA** li għandi nifhem tkun taqbel mal-istess kulur tal-globu. Naturalment biex l-arblu jkun jidher fl-aħjar dehra, ikun tqalfat u miżbugħ kemm-il passata jekk kellu bżonn. Insomma dan ikun armat minn kollox bl-aċċessorji biex jiem qabel il-festa tibda tidher xi bandiera.

Fl-jiem tat-tridwu, novena jew kwindiċini, tibda tittella' bandiera u tibqa' hemm tul dawn il-jiem li jkunu bi tħejjija għall-festa u ġeneralment il-bandiera tkun ta' Malta, tal-Papa, jew tar-Reliġjon (ħamra b'salib abjad). Filgħaxija jkun hemm min itella' l-festun tad-dawl li barra li jkollu bozoz bojod jista' jżewwaqhom bil-kuluri tal-lokal jew kulur-aspett minn tal-patrun/a. Meta mbagħad tidħol il-festa sewwa, jiġifieri l-aħħar tlitt ijiem il-bandieri jkunu ta' ċertu preġju u waħda tkun aħjar minn oħra sakemm f'nhar il-festa tittella' l-aqwa u l-isbaħ bandiera li jkollu d-dilettant li tkun tiffigura aspett prinċipali mill-ħajja tal-patrun/a. Hemm min nhar il-festa mal-bandiera jtella' żigarella li jekk jinzerta riħ ħafif tagħmel sabiħ tittajjar ftit tul aktar mill-bandiera.

L-arblu
Mill-faċċata




L-arblu
Mill-ġenb



## APPARAT U AĊĊESSORJI UŻATI FL-ARMAR TAL-FESTA TA' BARRA

Waqt l-armar jintużaw kull tip ta' aċċessorji: minn ħbula sa paranki. Ngħidu aħna, **LENZA (lenez) jew SIEGLA (swiegel/siegli)**, **VENTIJIET** u wajers tal-azzar jew fildiferru, **BZIEZEL** jew **BUZZELLI**, u **PASTIEGI** li jitwaħħlu bil-lest għat-tlugħ ta' kull tip ta' armar. Il-passaperla u l-ispag ma jonqsux u dejjem ikunu fil-qabda. Sa **PARANKI u BOMI** jintużaw biex jittellgħu fuq il-kolonni statwi kbar fl-iljieli viċin sewwa tal-festa.

Infisser ftit it-terminoloġija: **LENZA** jew **SIEGLA** huma ħbula li ma jkunux ħoxnin, u li jintużaw għat-tlugħ ta' xi drapp, bħal ngħidu aħna xi bandalora; **BUZZELL**, huwa l-qafas li fih ikun hemm it-**TARJOLA/TALJOLA** li minnha jgħaddi l-ħabel biex jittella' d-drapp; **PASTIEGA** hija buzzell imdaqqas għal aktar toqol; **PARANK** hu apparat b'aktar minn tarjola waħda, użat biex jerfa' affarijiet tqal ħafna. Per eżempju, fl-Isla tittella' statwa kbira ta' *Malta Rebbieħa* fejn jintuża parank imqabbad ma' vent tal-azzar u li jikkonsisti f'sistema ta' tarjoli b'ċimi għaddejjin minn ġo fihom u li dawn kollha flimkien mal-vent, ikunu qed jaqsmu t-triq prinċipali. Tarf wieħed taċ-ċima, li jkollha ganċ kbir, jintelaq lejn l-art biex l-istess ganċ jidħol f'ħolqa li tkun f'dahar l-istatwa. Imbagħad, fl-lejlet il-festa, billejl, ċorma rġiel mill-art, wara li **JIMBRIGAW** l-istatwa sewwa, jiġbdu għalenija ċ-ċima, u l-istatwa tibda tielgħa bil-mod, waqt li oħrajn fuq kull naħa tal-bjut jidderieġu l-istatwa biex tiġi għan-nofs tal-kolonna u xi tlitt irġiel oħra, fuq il-kolonna, jidderieġu l-istatwa biex titqiegħed f'postha sewwa, fil-**BOKKA**.

Il-Birgu, għal dan il-għan, jużaw il-boma (arblu oħxon imqabbad mal-ħajt tas-sur bil-ħbula, biex permezz tiegħu wkoll itellgħu l-qaddis tagħhom. Oħrajn jużaw xi krejn jew **GRUWA** (apparat ieħor) li jtella' l-istatwa permezz ta' winċ jew **IMRADD**. Malli l-istatwa tkun waslet biex titqiegħed fil-post sewwa, tisma' min jgħajjat **vira** (tella'), jew







**majna** (niżżel) sakemm l-istatwa titqiegħed f'postha sew u tkun fiż-żgur.

Fl-armar insibu aċċessorji oħra bħal: **VAJLORI/VAJROLI, RADANĊI, QAJD/XIKEL (qjud u ixkla), u STRINĠITURI *(bottlescrews)*.**

L-iskizzi ta' dawn issibuhom aktar 'l quddiem.

Mal-ħbula jkun hemm iċ-**ĊUMBATURI** li ġieli jduru mar-radanċi . Ta' min jgħid li fil-ħbula tidħol is-sengħa ta' **ĊUMBATUR.**

## L-ARMAR TAL-ANTARJOLI (antaljoli/antanjoli)

Wara li jkunu ttellgħu l-arbli ta' fuq il-bjut u s-swar, ikun imiss l-arbli jew aħjar l-**ANTARJOLI** (terminu eżatt) li jitqiegħdu fl-art biex magħhom ikun jista' jitwaħħal, jintrama jew jiddendel armar ieħor. Kif għidna qabel, il-festa jkun baqagħalha xi ħames jew sitt ġimgħat għalkemm it-tul taż-żmien li matulu jintrama l-armar ivarja minn post għall-ieħor għax dan jiġi ddeterminat skont kemm hemm armar x'tarma.

Li ma għidniex fl-ewwel taqsima kien, li dan ix-xogħol jagħmluh nies voluntiera jew aħjar id-***dilettanti tal-festa*** li minn issa 'l quddiem nirreferi għalihom bħala tali. Għalkemm f'daż-żmien ikunu fl-eqqel tax-xogħol tagħhom, dawn 'il-ħbieb tal-festa, jkunu s-sena kollha għaddejjin bil-manutenzjoni jew joħolqu armar ġdid fl-imħażen tagħhom. Ix-xogħol tagħhom jibda bit-tqegħid tal-arbli ta' fuq is-swar jew bjut (kif semmejna diġà) u jibqa' sejjer sakemm jinħareġ u jintrama l-armar kollu, jiżżarma u wara jintrefa' f'postu.

Mela t-tqegħid ta' dawn l-antarjoli jibda, billi jitħaffru l-ħofor fl-art. Qabel fiż-żmien, il-ħofra jew toqba fl-art kienet issir manwalment; hawn min jirreferi għaliha bħala l-***BEJTA*** jew **SKAZZA**, bħall-Isla. Kienet titħaffer bl-**ISKARPELLINA**, forma ta' kanna ta' ħadid mastizz li f'waħda mit-truf tkun ġejja bix-xafra u allura tinsinn biex tħaffer aktar, u fit-tarf l-ieħor kienet tkun bil-ponta biex tħammel. Iżda din l-iskazza jew it-toqba fl-art kienet titwessa' aktar milli kien ikun hemm bżonn bit-tħammil tal-idejn. Ġara li dan l-aħħar dawn il-ħofor bdew isiru bil-*jackhammer*, jiddawru bil-konkos u jingħalqu b'tappiera tal-ħadid u hekk jiġu skont id-dimensjoni li joqgħod arblu jew serratizz. Forsi hu minn dan lat li issa wieħed beda jirreferi għaliha bħala 'bejta'. B'din il-manjiera ġdida, ma jkunx hemm għalfejn li wieħed joqgħod iħammel kull darba, imma kemm jillieva t-tappiera u dritt jitqiegħed l-arblu; u dan barra li dak li jkun jiffranka wkoll li joqgħod ipoġġi madwar l-arblu dak il-ħafna injam li t-terminoloġija tiegħu tvarja minn **IFILSA, KUNJARDI** jew **TAKKERIJA**. Biex l-injam ikun sod madwar l-arblu ħalli ma jitħarrekx, tintuża **MAZZA**.

Niġu għall-antarjol fih innifsu. Dan jista' jkun kemm tal-injam u kemm tal-ħadid, forsi dal-aħħar, aktar qed ikun tal-ħadid. Arblu tal-ħadid għandu l-vantaġġ li ma jaqsamx u għalhekk ma jkunx hemm il-ħtieġa li tqalfat u wara tiżbogħ. Iżda tal-ħadid ma jkunx mislut pulit - ġej għal xejn 'taper' - bħal dak tal-injam.

L-antarjol jintrama bil-labarda jew b'kull ornament ieħor fuq i-ras tiegħu bħall-arblu ta' fuq il-bejt iżda mhux globu bid-dawl elettriku. Meta jitqiegħed f'postu, ikun lest bis-**SIEGLA** (ħabel) u l-**BUZZELL** biex miegħu tittella' l-bandiera jew bandalora. Is-siegla tkun ħabel mhux oħxon ħafna u l-buzzell minn ġo fih ikollu **TARJOLA** (***taljola***) iddur biex jittella' d-drapp.

Ladarba l-antarjoli jkunu f'posthom, jibdew jitwaħħlu magħhom l-ventijiet biex jiddendel id-dawl elettriku msejħin **FESTUN/FESTUNI** u jekk b'figura dekorattiva, mela **RUŻUN/RUŻUNI**. F'dan l-istadju wkoll jitwaħħlu l-ventijiet fit-toroq li magħhom se jiddendel id-dawl (festuni) jew xi drapp tal-festa. Tul il-festuni ġeneralment tkun għaddejja **LIEDNA** fejn dari kienet tkun tal-ħaxix veru, illum artifiċjali. Dan biex il-festun ma jkunx jidher bħala wajer għeri imma b'tiżjina fl-istess ħin.

**AKTAR AĊĊESSORJI UŻATI FL-ARMAR TAL-FESTA:**




**BUZZELL**




**RADANĊA**



**XIKEL jew QAJD**



**STRINĠITUR (*bottle screw*)**




**ANTARJOLA: arblu li miegħu tittella' bandiera jew bandalora.**

## IL-PILANDRA




Mal-bażi tal-injam insibu **I-PILANDRA**. Dwar din il-kelma, **pilandra**, irrid ngħid li meta qallibt fid-dizzjunarju ta' Aquilina, sibt li jagħtiha bħala '***piramida***' u '***piramda***' fl-istess ħin. Ukoll fid-dizzjunarju ta' Mario Serracino-Inglott meta tmur fuq il-kelma **pilandra** jgħidlek ara '***piramida***'. Ngħid is-sew ma nafx x'għandha x'taqsam jew x'relazzjoni hemm bejniethom u kif il-kelma tispiċċa hekk. Nifhem li tista' tkun 'metateżi' imma t-tifsira hija totalment diversa u ma tistax tgħid li hemm xi xebh bejn piramida, u l-Pilandra.

Intant, din il-fasla ta' kolonna għandha għamla tawwalija u dejqa li qisha travu wieqaf, bir-**RUŻUN** jew **BRAZZ TAD-DAWL** fuqha. Dari d-dwal kienu jkunu **tazzi taż-żejt,** kif muri tajjeb fl-iskizz. Iżda minn meta daħal id-dawl elettriku bdew jinxtegħlu bil-lampi kuluriti. Imma dari, meta d-dawl kien nieqes, il-pilandri bit-tazzi taż-żejt kienu jispikkaw immensament.

Għalkemm f'xi xaqlibiet id-dawl ikun bla ebda tiżwiqa, bnadi oħra - fejn il-lok jirkaċċa - ngħidu aħna, ħdejn il-knisja, dawn ir-ružuni, minnhom infushom kien, u Ilum għadhom, ikollhom disinn figurattiv b'għażla ta' kuluri li tpaxxi l-għajn. Il-pilandri jintramaw ġeneralment bejn kolonna bi statwa fuqha u oħra, iżda dari kont tarahom mat-triq kollha biex jarmu d-dawl. Illum jintużaw **il-FESTUNI** li jiddendlu tul it-triq kollha biex id-dawl jinfirex aktar, biż-żieda ta' *floodlights* fil-pjazez ppopolati

Illum dawn il-pilandri, li ma jkollhomx din il-għamla dejqa u tawwalija, aktarx li ma jissejħux pilandri għax qed ikunu kolonni goffi daqs tal-istatwi li flok ikollhom statwa, ikollhom brazz kbir ħafna b'disinji eleborati ndurati bid-deheb, u globi flok lampi li jkunu maestużi ħafna u jagħmlu sabiħ ħdejn il-knisja, għax hawn ikun l-aktar mkien li jixirqilhom.




TAZZA TAŻ-ŻEJT

## IL-GASTRA

Għamla oħra ta' kolonna hija l-**GASTRA**, li l-istess, barra z-zukklatura u tromba, fuqha jkollha **QASRIJA**. aktar imlaħħma fil-wisgħa tagħha Din tkun imżejna bil-frieghi tal-palm u r-rand u għal dan il-għan ikollha t-toqob fejn jidħlu dawn iz-zkuk. F'xi nħawi tarahom bil-brazz jew rużun fin-nofs, qalb il-palm.

Ta' min jgħid li palm u r-rand jintużaw mhux ħażin fil-festi Maltin u dari kienu jintużaw ġmielhom bħala kanizzati tul xi triq prinċipali jew mad-daħliet tal-bibien tal-knisja biex jagħtu d-dehra ta' festa, barra li l-liedna, kif semmejna diġà, tgħatti l-wajer tad-dawl biex ma jidhirx ikrah.

Għadni nara weraq tar-rand flimkien ma' weraq iehor u xi fjuri mitfugħin fl-art f'xi purċissjonijiet ta' Corpus u fit-translazzjoni ta' festa bħal f'Ħal Tarxien li kif inhi l-użanza kullimkien, toħroġ lejlet il-festa filgħaxija meta ssir trasportazzjoni tar-relikwa minn knisja filjali għall-parroċċa.



## IL-KOLONNA (KANOLLA)

Wara li tkun tlestiet l-ewwel fażi, tibda t-tieni fażi, dik **tal-injam**, imsejħa hekk mid-dilettanti tal-festa. Jiġifieri kull tip ta' armar magħmul mill-injam: **KOLONNI/kanolli** (metatesi) kbar u żgħar; **PILANDRI; GASTRI; ARKIJIET** jew **ARKUNI;** xi **PLANĊIER/palk tal-banda; TROFEJ** u jista' jkun oħrajn. F'din il-fażi, l-armar ta' barra jibda jidher sew, aktar milli wieħed jilmaħ xi arbli u antanjoli. Il-lokal jibda jieħu ċertu tiżjina minnu nnifsu. Ikun għalhekk li dawn ġeneralment jintramaw fi spazji miftuħa biex jimlew, u allura, f'wesgħat, f'xi misraħ, u jekk aktar, imsieraħ, u li l-qofol tagħhom, ikun ħdejn il-knisja fejn qed issir il-festa.

Hawn se nieħu l-ewwel għamla ta' kolonna, dik li fuqha titpoġġa statwa. Immela, din il-kolonna minn ġewwa jkollha bħala **ANIMA** jew sapport biex ma xxaqlibx lejn xi banda. Dan ikun **SERRATIZZ** tawwali li r-ras tiegħu tkun ġol-**ISKAZZA** li jibqa' tiela' sa kważi nofs il-kolonna. Biex is-serratizz ma joqgħodx jilgħab u l-kolonna tibqa' soda, wkoll, meta xi ħadd jistrieħ magħha, dan jgħaddi mit-**TUPPANI (singular: tuppan)** li jkunu jixbhu lil tilar/frejm li jdur min-naħa ta' ġewwa tal-partijiet tal-kolonna iżda b'toqba kwadra f'nofsu, kemm jgħaddi s-serratizz

Biex inkun semmejt il-partijiet prinċipali tal-kolonna, ngħid u nagħti tifsir ta' dawn: **it-TARĠA,** li tkun magħmula skont id-diżlivell tat-triq biex **iz-ZUKKLATURA** (l-bażi) li titqiegħed fuqha, tkun invellata u fis-sod, kif ukoll biex tipproteġi z-zukklatura nnifisha mit-tinwir fl-injam minn xi elementi, bħall-ilmijiet fl-art. Fuq iz-zukklatura, titqiegħed **it-TROMBA** li tkun il-parti prinċipali tal-kolonna u tkun iddisinjata b' xi **PANEW** u skultura fl-injam jew fajber. Fuqha mbagħad tiġi l-**PEDESTALATURA** jew **PEDESTAL** li titlaq mill-wisgħa tat-tromba u tinstilet għall-qies tal-**PEDANA** - il-qiegħ tal-istatwa.

Dal-aħħar saru **jikkommissjunaw** – mill-ġbir tal-parruċċani jew membri ta' każin - kolonni mdaqqsin li jieħdu fuqhom kull għamla ta' istatwi tant li jkollhom fuqhom xi erba' figuri jew aktar. Saħansitra tant ikunu goffi li jekk jintramaw f'nofs it-triq, it-triq tingħalaq għalkollox, qishom musulew. L-armar ta' dawn il-kolonni jitlob li jintrama xi tip ta' *scaffolding* madwarhom, filwaqt li għall-kolonni żgħar ma jitolbux daqstant diffikultà.

U xi ngħidu għall-iskultura li jkun fihom u allura l-flejjes li jintefqu fuqhom!!



## L-ARK

Nittanta ma tantx nikteb ħafna fuq dan l-għadd biex ma nisraqilkomx tant l-attenzjoni ta' dan **l-ark** b'dehra gradjuża li tpaxxi l-għajn. Mad-daqqa t'għajn, dan **l-ARK TRIJONFALI** mill-ewwel jitqies bħala veru trijunfali, mix-xeħta tal-faċċata imponenti li għandu, fuq stil **Gotiku.** Huwa artistiku tabilħaqq! Jagħti lemħa sew lid-daħla tal-bieb ewlieni taċ-ċimiterju ta' SS. Marija Addolorata.

Dan l-ark huwa, jew aħjar kien, tal-Isla, għax kien intradam bil-gwerra tal-1939-1945.

Minnu kienet tgħaddi l-purċissjoni tal-Bambina u fih biċċa armar ġmielha.

Skont ma jingħad, dan ma kienx l-uniku wieħed fi gżiritna, iżda li għadni nara llum, huwa dak tal-Furjana u r-Rabat (mingħalija). Ma ngħidx li m'hawn iżjed. Li ngħid hu, li llum, huwa kważi impossibbli li jkollok din il-għamla ta' **arkijiet** armati fit-toroq b'tant traffiku li dewwed kullimkien.

**JISSOKTA**

**© Saviour Camilleri**




**ARK TRIJUNFALI**

## It-Toponomastika ta' Malta:

# IL-MELLIEĦA U MADWARHA

**Alex Camilleri**

**Fl-artiklu li kont ktibt fil-ħarġa numru 29 tal-*Imnara* qsamt magħkom xi tagħrif li kont ġbart dwar il-peniżola tal-Aħrax tal-Mellieħa, li tista' tgħid hija l-aktar parti mtarrfa tal-gżira ta' Malta. Konna tajna titwila mill-qrib kemm lejn il-pajsaġġ ta' fuq l-art kif ukoll lejn dak ta' mal-baħar, u rajna wkoll kif l-aspett kulturali u toponomastiku ta' din ir-rokna tal-gżira huwa magħġun magħhom it-tnejn. Ma setax jonqos ukoll li naraw taħlita ta' rkejjen imwarrba u bilkemm mittiefsa, u oħrajn li tħassru kważi għal kollox fi żminijet reċenti wara li nħakmu minn firxa bla rażan ta' bini jew minn interventi oħra li ftit li xejn taw kas tal-ambjent ta' madwarhom. Dan kollu li għadni kemm għidt igħodd mhux biss għall-Aħrax, iżda wkoll (jekk mhux aktar) għall-Mellieħa u l-madwar tagħha, li għadhom s'issa jħaddnu fihom uħud mill-aktar ambjenti verġni, filwaqt li fi bnadi oħra tilfu mhux ftit mill-karattru u l-ġmiel tagħhom matul l-aħħar erbgħin sena. F'dan l-artiklu xtaqt li nżur dawn l-inħawi magħkom, u se nibda sewwasew fejn kont ħallejt fi tmiem l-artiklu li ktibt dwar l-Aħrax.**

## *L-Għadira u madwarha*

Il-vjaġġ tagħna jibda taħt it-Torri l-Aħmar fl-inħawi *tal-**Qammieħ***, fejn l-artijiet għoljin tal-Aħrax jaqtgħu ħesrem biex flokhom jitfaċċa għonq (*isthmus*) ta' art baxxa wara L-Għadira. Is-sinjal tal-ixpakkatura ġeoloġika qawwija ta' bejn dawn iż-żewġ artijiet jidher sew bħala ħondoq fond imsejjaħ ***Il-Ħarq tan-Niġes*** (il-kelma "ħarq" tfisser xaqq, filwaqt li "tan-niġes" huwa laqam ta' persuna u m'għandux rabta mal-baħar imniġġes li b'kumbinazzjoni hemm fil-qrib minħabba bokka tad-dranaġġ). Meta wieħed iqabbel is-saffi tal-blat fuq iż-żewġ naħat tal-Ħarq, jirriżulta li l-forza li refgħet 'il-Aħrax u għaddset l-artijiet ta' maġenbu ħolqot ċaqliq m'ogħla bosta sulari tant li is-saff tal-qawwi ta' fuq f'***Ġebel Imbark*** qiegħed fl-istess livell li fih jinsab iż-żonqor t'isfel man-naħa ta' ***Rdum il-Qammieħ***. Dan iċ-ċaqliq tal-art matul eluf ta' snin kien fattur ewlieni fit-tiswir tal-Mellieħa u tal-parti ta' fuq ta' Malta, minbarra li qata' lil Għawdex u 'l Kemmuna minn ma' Malta. Fi ftit kliem, il-movimenti tal-art qasmu l-medda daqsiex ta' bejn Ħondoq ir-Rummien u l-*Victoria Lines* fi blokok kbar, bi xquq (*faults*) fondi bejniethom. Dawn il-blokok tħaxknu u żżerżqu kontra xulxin, b'mod li uħud minnhom intrefgħu 'l fuq biex iffurmaw sensiela ta' għoljiet tawwalin, filwaqt li l-oħrajn ta' bejniethom tniżżlu 'l isfel biex saru artijiet baxxi li uħud minnhom sfaw saħansitra mgħaddsa taħt il-baħar. Fost il-meded li għolew naraw Il-Qala (f'Għawdex); Kemmuna; l-Aħrax; il-Bisqra; il-Mellieħa u Selmun; ix-Xemxija u l-Manikata; l-Imġarr u l-Wardija; u x-xifer għoli ta' bejn Ħal Għargħur u l-Baħrija. U dawk li tbaxxew jinkludu: iż-żewġ fliegi ta' madwar Kemmuna; Iċ-Ċumnija u l-Għadira; Qasam Barrani u l-Ħofra; il-Mizieb u l-Mistra; il-Pwales u l-Port ta' San Pawl; u l-witat ta' Binġemma u Burmarrad. Uħud mill-aktar sinjali ċari tal-qsim innifsu narawhom madwar Ħondoq ir-Rummien f'Għawdex, fil-Ħarq tan-Niġes, fl-Arġentier (ħdejn il-Manikata), u matul il-*Victoria Lines* (ngħidu aħna f'San Ġużepp tat-Tarġa ħdejn il-Mosta).

Minn Ġebel Imbark, l-art tinżel qisha żurżieqa wieqfa (***Il-Mejjieli***) lejn ***Iċ-Ċumnija***, għar tond nofsu sfrundat li llum jidher bħala ħofra kemmxejn fonda qisha borma. Iċ-Ċumnija ħadet isimha minħabba li meta l-baħar qawwi mill-punent kien iħabbat għal ġo fiha, ir-raxx fin kien jiżbroffa 'l fuq bis-saħħa minn ġo toqba fis-saqaf, qisu duħħan. L-istess effett fil-maltemp, kif ukoll l-istess tixbiħ, narawhom ukoll fin-naħa t'isfel ta' Malta, sewwasew f'Għar id-Daħħân qrib ix-Xgħajra. Fl-inħawi taċ-Ċumnija, xi kitbiet qodma isemmu wkoll għar b'isem stramb: Abela jniżżlu bħala "Ghar tal-Bettieus" bla ma jgħid wisq dwaru, filwaqt li l-mappa ta' Ciantar turina bejn wieħed u ieħor fejn jinsab u ssemmih "Ghar Betticus". Kittieba oħra bħal Aquilina u Bezzina nterpretaw dan il-ħjiel bħala ***"Għar Bettiewes"***, iżda għandi dubju dwar kemm hija korretta din il-konklużjoni. Skond ma kienu qaluli xi Melliħin bla ma kienu aktar preċiżi, x'imkien fil-viċin hemm post li jsibuh bħala ***L-Imbidjuż***; u din naraha tixbaħ wisq lill-kelma "tal-Bettieus" li jsemmi Abela. Milli stajt nifhem dan huwa l-għar imdaqqas li jinsab maqrus bejn iċ-Ċumnija u Ġebel Imbark, ġo daħla ħelwa bil-ġnub weqfin, għalkemm dan huwa biss wieħed minn xi sitt għerien li hemm mal-baħar madwar iċ-Ċumnija. Tassew ħasra li f'post sabiħ bħal dan kienet infetħet mhux biss bokka tad-dranaġġ ewlenija, iżda wkoll miżbla mdaqqsa; suppost li s-sitwazzjoni għandha titjieb xi ftit ġaladarba għadu kemm inbena impjant għat-tisfija tad-dranaġġ, u suppost li kellhom isiru xi tħejjijiet biex titneħħa l-miżbla. Iż-żmien jagħtina parir.

Peress li hija maqrusa bejn artijiet ogħla minnha, kemm lejn it-tramuntana kif ukoll lejn in-nofsinhar (fejn tinsab l-għolja xagħrija ***tal-Bisqra***), iċ-Ċumnija hija wkoll il-bidu ta' wied qasir u wiesa' (***Il-Wied tal-Qammieħ***) li għandu qlib ħafif lejn il-grieg il-lvant, dovut għal ċaqliq ieħor li xaqleb il-gżira ta' Malta kollha kemm hi. Għaldaqstant, l-ilma li jilqa' fih dan il-wied jinġabar qrib il-bokka tiegħu, fejn joħloq għadira kbira salmastra li tat isimha lill-inħawi ta' madwarha – appuntu ***L-Għadira***. Din tiġbed lejha bosta għasafar tal-ilma u għaldaqstant hija mħarsa bħala riserva naturali. Qabel ma sarulha xi interventi fis-snin '80, kienet tinxef kważi għal kollox fis-sajf, u kien jibqa' l-melħ f'wiċċ il-ħamrija. Għaldaqstant, fil-medjuevu kienet isservi bħala salina (jew mellieħa) kbira, u ħafna jaħsbu li minn hawn tnissel isem ir-raħal tal-Mellieħa. L-użu tagħha għal dan il-għan naqas meta l-Kavallieri bnew kumpless ġdid (Is-Salini) ħdejn Burmarrad. Huwa għalhekk li f'ħafna mapep qodma l-Għadira tidher immarkata bħala *Saline Vecchie*, biex tingħaraf mill-oħrajn (*Saline Nuove*). Quddiem l-Għadira tiftaħ l-akbar bajja fil-Gżejjer Maltin (***Il-Qala tal-Mellieħa***), imfittxija ferm għar-ramla twila li fiha. Ir-ramla nnifisha jgħidulha ***Ir-Ramla tal-Mellieħa***, iżda ħafna nies jirreferu għaliha bħala "L-Għadira". Propjament hemm żewġ ramliet, mifrudin minn plajja qasira ta' blat imsejħa ***Tan-Nofs***, li mhix għajr it-tarf sporġut tal-għolja tal-Bisqra. Hemm min igħid li l-lok fejn kien seħħ in-nawfraġju ta' San Pawl jinsab 'l hawnhekk, aktarx fil-punt imsejjaħ ***L-***

*Iskoll* (illum immarkat b'arblu li jixref minn wiċċ l-ilma), fejn f'nofs ta' baħar il-qiegħ jerġa' jitbaxxa mhux ftit tant li miegħu ġieli nkaljaw xi dgħajjes. Dwar il-post fejn tkisser il-ġifen ta' San Pawl hemm kontroversja sħiħa, iżda dwar din nitkellmu aktar 'il quddiem.

Inqas magħrufa huma ***L-Irziezet tal-Għadira***, misturin mal-ġenb ta' wied żgħir (fergħa tal-Wied tal-Qammieħ) imrekken taħt il-Bisqra, mhux wisq 'il bogħod mill-kumpless turistiku Daniż. Hawnhekk hawn binja qadima li għad għandha arma ta' żmien il-Kavallieri fuq il-faċċata tagħha, u qribha hemm ukoll mina ta' l-ilma u bir b'sienja miegħu; dawn jieħdu l-ilma minn taħt il-Bisqra. Qalb l-għelieqi ta' ġol-Wied tal-Qammieħ kien hemm xi swieni oħra, kif ukoll għadd ta' ġwiebi qodma, bjar u ħwat, mentri fil-parti tal-wied li hija eqreb lejn l-Għadira jinsabu l-artijiet ta' ***Il-Ħamra*** (li tingħaraf mill-palma li tinsab ħdejha), ***L-Aħdar*** (jew ***Ta' l-Aħdar***) u ***Is-Sontina*** (qrib il-mogħdija li ddaħħlek ġo l-Għadira). Aktar 'il fuq, viċin taċ-Ċumnija, hemm ukoll xi fdalijiet ta' ħamrija ffossillizzata (depożiti Kwaternarji) sewwasew fejn mal-Wied tal-Qammieħ jingħaqad wied ieħor baxx li jserrep 'l isfel minn bejn l-għoljiet tal-Bisqra u ***Il-Gudja***. Din tal-aħħar isimha magħha, peress li bħalma rajna f'artikli oħra l-kelma "gudja" tfisser għolja.

Man-naħa l-oħra tal-Bisqra hemm ukoll wied ieħor baxx bl-għelieqi fih u madwaru; fl-għamla tiegħu jixbaħ lill-Wied tal-Qammieħ u fil-fatt ifforma bl-istess mod bħalu. Anke dan għandu għadira salmastra mdaqqsa (f'dal-każ ***Il-Ħofra***) sewwasew fejn l-aktar parti baxxa tiegħu tiftaħ għal mal-baħar. Dan il-qasam agrikolu kbir jinsab max-xaqliba ta' barra nett tal-Mellieħa u jsibuh bħala ***Qasam Barrani***. Għal ġo fih jaqilbu għadd ta' widien imdaqqsin u fondi li jinżlu minn fuq l-għolja tal-Mellieħa, fosthom ***Il-Wied tal-Ħanżira*** li jibda minn wara l-barriera f'***Tat-Tomna***, u ***Il-Wied tal-Għajn*** li jgħaddi biswit il-liwja qisha "S" tat-triq ewlenija li tinżel minn ***Ta' Pennellu*** lejn Ir-Ramla tal-Mellieħa. Bejn dawn iż-żewg widien jinsabu l-artijiet weqfin ***Tal-Għajn***, b***ir-Razzett tax-Xjaten*** jittawwal għal fuqhom. Aktar milli razzett li jsegwi t-tifsila tradizzjonali, dan tal-aħħar huwa bini għoli, tawwali u riġmentat fit-tqassim tiegħu minn ġewwa, tant li jagħtik x'tifhem li aktarx kien fih xi stalel importanti ta' Żmien l-Ordni jew tal-bidu ta' Żmien l-Ingliżi, l-istess bħall-Kavallerizza f'Marsaxlokk. Mad-daqqa t'għajn jidher li seta' tlaqqam hekk minħabba li t-tronob tat-turġien weqfin li jagħtu għal fuq il-bjut jidhru qishom par qrun, għalkemm maż-żmien nibtet leġġenda lokali li skontha dawn l-istalel inbnew mix-xitan f'lejl wieħed! ***L-Għar ta' Żamberat*** jinsab imrekken wara r-razzett u jiftaħ għal fuq ħofra mdaqqsa (aktarx oħra bħall-Maqluba) li tħaddan fiha r-roqgħa ta' egħlieqi ***Ta' Randa***. Skond x-xeħta naturali tal-art, il-Wied tal-Ħanżira u l-Wied tal-Għajn kienu jaqilbu lejn Qasam Barrani, iżda llum it-tnejn li huma jferrgħu għal ġo kanal artifiċjali dejjaq (aktarx tas-Seklu XIX) li jdawwar ilmijiethom lejn Il-Prajjet.

In-naħa l-ġewwenija tat-triq tħares għal fuq ***Il-Ħalqun***, isem li mhux spjegat fid-dizzjunarju iżda li kemm hawnhekk kif ukoll lejn il-Ġnejna (Il-Ħalqun, jew Wied il-Ħalqun) narawh assoċjat ma' wied bi ġnub għoljin. U tabilħaqq hawn għandna ħondoq fond fir-ras ta' ***Wied San Niklaw***. Wieħed mis-sensiela ta' aktar minn sitt għerien li għandu fuq ġenbu kien ġie kkonvertit f'kappella medjevali (***San Niklaw***, jew ***L-Għar ta' San Niklaw***) li tagħha għad fadal xi ħjiel minqux mal-ġewwieni ta' l-għar. Ir-raba' għammiel ta' ***Ġnien San Niklaw*** qiegħed f'qiegħ il-wied, misqi minn nixxiegħa li tgelgel minn taħt għar ieħor daqsiex b'razzett qadim mibni ġo fih. F'dan it-tip ta' isem, il-kelma "ġnien" għandha tinftiehem bħala ort fejn jitkabbru s-siġar f'xi wied kenni u mogħni b'xi għajn ta' ilma naturali. Madwaru hemm ukoll xi oqbra qodma ma' ġenb it-triq, kif ukoll żewġ trunċieri żgħar ta' Żmien l-Ingliżi (1903) mperrċin fl-għoli max-xfar tal-qraten li jagħtu għal fuq il-ħondoq. L-artijiet ta' ***Bejn il-Ġonna*** jifirdu 'l dan il-ġnien minn ieħor bħalu (***Ġnien Ingraw***) li jinsab bejnu u l-qalba tal-Mellieħa, f'wied aktar imserrep (***Il-Wied ta' Ġnien Ingraw***) li wkoll fih sensiela ta' għerien u għajn oħra ta' l-ilma ħelu. Għalkemm dawn iż-żewġ widien jibdew bħala ħniedaq fondi, jispiċċaw kważi fix-xejn f'kanali dojoq li jarmu l-ilma tax-xaba' direttament għal ġol-baħar ħdejn l-artijiet illum mibnija taċ-Ċens; aktarx li Wied San Niklaw kien jiftaħ għal ġol-Ħofra qabel ma ġie mdawwar artifiċjalment għal ġo gandott maġenbha.

## L-irdumijiet tal-punent

Hekk kif tħalli ċ-Ċumnija, ix-xatt jogħla u l-ġenb wieqaf tal-Gudja jagħti għal fuq il-baħar bħala rdum għoli b'xi tirxien u tifrik tal-blat taħtu; dawn jintlaħqu minn ġo kunsentura mal-faċċata tal-irdum li sservi bħala minżel. Iżda hawnhekk wieħed irid joqgħod attent meta jkun qed jittarraf jew jixxabbat, għax il-blat ta' dan ***L-Irdum l-Ikrah*** jitfarrak mix-xejn. Madwar għoxrin sena ilu, niftakar lil ħabib tiegħi jaqa' m'ogħla żewġ sulari wara li tqaċċat bih xifer ta' blata x'imkien taħt il-minżel li semmejt. Ġietu tajba għax ħelisha ħafif, iżda xorta weġġa' sew u ħadna battikata ġmielha biex tellajnieh lura 'l fuq. X'aktarx li isem l-irdum għandu x'jaqsam man-natura perikoluża tiegħu pjuttost milli ma' nuqqas ta' sbuħija. Ftit 'il bogħod, mill-Irdum l-Ikrah toħroġ 'il barra ***Ras in-Niexfa***, ponta għolja u rqieqa (isimha magħha) li mhix wisq inqas perikoluża biex tixxabbat magħha, tant li anke hawn smajt li kien hemm min iċċaqlaq xi blat bih. Il-veduta panoramika mill-inħawi ta' Ras il-Qammieħ u t-Torri l-Aħmar għal fuq l-Irdum l-Ikrah, Ras in-Niexfa u l-irdumijiet ta' warajhom hija tassew sabiħa u tidher spiss fil-pubblikazzjonijiet turistiċi. Xi mapep u kitbiet qodma jgħidulna wkoll li x'imkien 'l hawn (aktarx lejn iċ-Ċumnija) hemm ukoll ***Irdum Stas***, iżda dan ma rnexxilix insib eżatt fejn huwa, u forsi mhux għajr isem ieħor għall-Irdum l-Ikrah. Hekk kif iddur ma' Ras in-Niexfa, l-irdum jersaq lura ħesrem lejn il-lvant u jibdel ismu għal ***Irdum l-Ixquq***, isem li f'kitbiet u mapep qodma narawh miktub bħala "Rdum l-Ixqaq", "Irdum Xaqqa" u diversi tagħwiġiet tagħhom. Dan l-irdum ikennen taħtu daħla tawwalija ta' baħar b'ramla ċkejkna fuq ġewwanett. Din jisimha ***Il-Prajjet*** (diminuttiv ta' "port") jew ***Il-Għant*** (minħabba l-forma tawwalija tagħha qisha għant ta' sikkina jew xabla), għalkemm donnu li l-Mellilħin aktar jirreferu għad-daħla bl-istess isem ta' l-irdum (***Ix-Xquq***). Dwar il-kelma

"Prajjet", ta' min igħid li d-dizzjunarju t'Aquilina jipprova jagħti tifsira abbażi tal-kelma Taljana "prato", iżda jidher li din hija żbaljata. Interessanti wkoll li din hija waħda mill-ftit bajjiet imdaqqsin li ma ffurmatx bħala bokka ta' wied, u fil-fatt m'għandha ebda wied naturali li jagħti għaliha; hawnhekk l-elementi wessgħu t-tarf tal-qasma ġeoloġika li tifred il-Bisqra minn Qasam Barrani. Għall-istess raġuni, iż-żewġ ġnub tal-bajja huma differenti minn xulxin għax filwaqt li l-art ta' taħt Irdum l-Ixquq hija taflija u miksija b'tirxien kbar li waqgħu għal isfel, il-ġenb l-ieħor huwa sies wieqaf li jaqta' dritt għal ġol-baħar. Dan is-sies ġie sfigurat għal kollox fis-sebgħinijiet meta, biex inħadem il-film "Popeye", inbena moll kbir u ċċarrtet biċċa sew mis-sies biex tgħaddi triq dritta għal isfel. Anke l-bajja tilfet nofs il-bixra naturali tagħha, peress li l-istrutturi u l-binjiet supppost temporanji li kienu saru għal waqt il-ħdim tal-film mhux biss baqgħu ma tneħħew qatt minn fuq il-post, anzi saru aktar interventi li xejn ma jaqblu mal-ambjent ta' madwarhom.

Is-sies li għadna kemm semmejna jispiċċa f'ponta dejqa magħrufa bħala ***Ras il-Prajjet*** jew ***Il-Ponta ta' Bunaħħâla***. Din hija waħda mit-tliet ponot li joħorġu mit-tarf tal-qortin wiesa' ta' ***Bunaħħâla***, li jisporġi minn ħdejn l-aktar tarf imbiegħed ta' Qasam Barrani għal fuq il-baħar miftuħ. Dan l-isem narawh f'għadd ta' mapep qodma (normalment f'xi forma Taljanizzata bħal "Buno Cala", "Bunochala", eċċ.) u għadu ħaj fuq fomm in-nies tal-inħawi. Iżda hemm dubju dwar jekk tnissilx minn xi trobbija tan-naħal fl-imgħoddi jew inkella minn xi siġar tal-palm li setgħu kienu jikbru fil-qrib, ġaladarba bl-Għarbi l-palma wkoll jgħidulha "na<u>kh</u>la" (jiġifieri bil-"ħ" aktar qawwija, bl-ittra خ minflok l-ittra ح li tixbaħ lill-"ħ" normali tagħna) u jidher li din il-kelma kienet ukoll tintuża fil-Malti semitiku ta' dari għalkemm illum intilfet. Mad-daqqa t'għajn, it-tagħwiġiet li jidhru fil-mapep jagħtuk x'tifhem li t-tieni tifsira hija dik korretta. Il-qortin għandu ġnub weqfin mad-dawra kollha, u fil-faċċata tiegħu għandu xi erba' għierien mal-livell tal-baħar. L-akbar wieħed fosthom igħidulu ***L-Għar ta' Bunaħħâla***, u l-istess isem ġieli nsibuh estiż għall-għerien kollha magħdudin flimkien, jiġifieri ***L-Għerien ta' Bunaħħâla***. Eżatt fuq dawn l-għerien, ***Il-Wied ta' Rdum*** iwaddab ilmijietu minn fuq is-sies għal isfel; dan il-wied imdaqqas huwa l-uniku wieħed fost il-widien li jinżlu mill-Mellieħa li jaqleb lejn l-irdumijiet tal-punent. Hawnhekk stess kienet saret il-bokka tad-dranaġġ ta' Ras il-Prajjet li suppost għandha titneħħa biex b'hekk tibqa' biss l-oħra akbar li hemm fiċ-Ċumnija. It-tieni ponta li toħroġ minn Bunaħħâla hija matnazza u maqtugħa minn taħt, u isimha (***Il-Poppa tal-Ġifen***) jixirqilha tassew; max-xifer tagħha kienet inbniet *rifle range* ta' Żmien l-Ingliżi. Hemm imbagħad it-tielet ponta (ma nafx x'jgħidulha), minfuda minn tieqa naturali żgħira mal-baħar, li tħares lejn id-daħla mdaqqsa u pittoreska ta' ***L-Għawseġ***. B'xorti tajba, din id-daħla mwarrba għadha mhux mittiefsa, għall-kuntrarju ta' uħud mill-postijiet fil-qrib li dari kienu daqstant ieħor sbieħ. Hawnhekk għadha tikber kotrana x-xitla xewwikija tal-għawseġ (*box thorn* bl-Ingliż, jew *spina santa* bit-Taljan), li hija kemmxejn rari fil-kumplament tal-Gżejjer Maltin. L-istess bħall-Prajjet, din id-daħla għandha sies wieqaf fuq il-ġenb li jmiss ma' Bunaħħâla mentri minn taħt l-irdum li jdawrilha l-ġnub l-oħra tagħha (***Irdum il-Għawseġ***) jixref talut tafli b'ħafna tirxien li waqgħu għal fuqu. U propju fejn jiltaqgħu s-sies u l-irdum tinsab ferqa baxxa b'passaġġ dejjaq li jinżel għal isfel minn qalb it-tafal. Id-dizzjunarju ta' Aquilina l-ewwel isemmi l-kelma "għawseġ" bħala isem ta' xitla u jindikaha bħala toponimu ta' post mhux identifikat, imbagħad isemmi separatament lil "Rdum il-Għawseħ" (aktarx żball) bħala post fil-limiti tal-Mellieħa u għalih jagħti spjegazzjoni għal kollox differenti u kemmxejn imqanżħa. Issa wasalna mat-tarf tal-għolja tal-Mellieħa, sewwasew taħt l-artijiet ta***l-Mansab*** (jew ***Iċ-Ċens tal-Mansab***), ***Ta' Ciantar*** u ta' ***Għajn Żnuber***. Dwar tal-aħħar se nitkellmu aktar 'il quddiem. F'nofs dawn l-artijiet jinsab ***It-Torri ta' Ciantar*** (jew ***It-Torri ta' Għajn Żnuber***) li jittawwal lura għal fuq l-irdum; jintlaħaq direttament mit-triq li tgħaqqad il-Mellieħa mal-Manikata, sewwasew fejn it-triq tikser f'daqqa qisha minkeb. Mill-ftit ħjiel li sibt, jidher li dan it-torri nbena lejn il-bidu ta' Żmien l-Ingliżi, iżda daqshekk naf dwaru. Illum jinsab fi stat ħażin, kemm minħabba t-telqa u l-vandaliżmu li ħakmuh matul is-snin, kif ukoll (skond ma jgħidu) minħabba li kien intlaqat minn sajjetta. Skond il-mapep ta' Żmien il-Kavallieri, x'imkien fil-viċin kien jinsab *Censo dei Falconi*, aktarx traduzzjoni bit-Taljan ta' xi toponimu Malti li ma wasalx għandi, sakemm mhuwiex ħaġa waħda maċ-Ċens tal-Mansab.

Malli taqbeż l-Għawseġ, l-irdum jieħu bixra ferm aktar salvaġġa kollha blat imqaċċat, tant li hemm fejn tintilef ġo fih. L-ewwel parti jsibuha bħala ***L-Irdum ta' Beċċuna***, u tintlaħaq mi***x-Xagħra ta' Għajn Żnuber*** permezz ta' taraġ kbir u qadim (***Il-Minżel***) li kien inbena b'sengħa liema bħalha mal-faċċata ta' l-irdum fl-imgħoddi. Dan it-taraġ iwassal ukoll għal qala ħelwa li tinsab taħt ir-riħ tal-irdum, hekk kif dan jikser 'il barra lejn il-punent u jibdel ismu għal l-***Irdum id-Delli***. Dan l-isem ġej mill-fatt li hawnhekk l-irdum iħares lejn it-tramuntana u għaldaqstant jara inqas xemx. Uħud mill-bosta blatiet kbar li waqgħu għal taħt dan l-irdum sabu ruħhom nofshom mgħaddsin taħt l-ilma, u għaldaqstant jidhru bħala skollijiet imdawrin bil-baħar; fost dawn insibu ***L-Iskoll ta' l-Għasafar*** u ***Dahar il-Ħmar***. L-Irdum id-Delli huwa l-ġenb ta' qortin kbir u għoli (***Il-Qortin ta' Għajn Tuffieħa***) li jibqa' ħiereġ 'il barra sew, sa ma jsib it-tarf tiegħu f'***Ras il-Waħx***. Jidher li din tal-aħħar ħadet isimha mill-fattizzi ta' blata oħra maqtugħa minn max-xatt, li jsibuha bħala ***L-Iskoll tal-Waħx*** jew ***Ras il-Mewt***. Minn hawn 'il quddiem, l-irdum jerġa' jibdel ismu għal ***Irdum Majjiesa*** (jew ***L-Irdum tal-Mejjiesa***, għalkemm ġieli jsibuh sempliċement bħala ***Il-Mejjiesa*** jew ***L-Irdum***), u anke r-ras innifisha ġieli jsejħulha ***Il-Ponta tal-Mejjiesa*** minflok Ras il-Waħx. It-tifsira tal-kelma "majjiesa" jew "mejjiesa" mhix ċara, u daqshekk ieħor ma stajtx naqbad art fejn kien jinsab sewwasew ***Irdum Fossa*** li jidher imħarbex (suppost x'imkien f'dawn l-inħawi) fuq xi mapep qodma. L-art għolja ta' fuq l-irdum ukoll jgħidulha ***Ix-Xagħra tal-Majjiesa*** jew inkella ***Ix-Xagħra tal-Qortin***. Taħt l-irdum jinsabu wkoll tliet daħliet ċagħkin b'nixxiegħa ta' l-ilma mhux wisq 'il


1
16
17
13
15
11
9
10
3
2
5
7
4
12
124
125
14
123
6
122
119
120
121
8
19
36
37
88
109
18
20
30
35
89
90
92
110
38
41
34
81
91
39
40
33
87
82
32
31
42
43
83
44-45
23
84
25
29
95
93
47
21
26
28
86
85
27
24
48
280
281
49
46
22
283?
50
54
279
51
277
278
52
53
276
267
272
273
56
55
57
269
271
270
58
59
274
275
254
253
245
69
60
63
252
61
266
260
255
68
251
265
62
67
64
65
261
256
258
66
262
264
259
263
257
70
71
74
72
73
76-77
75
78
79
80
128
129
127
144
116
130
117
126
115
145
149
146
158
160
161
217
222
114
131
138
151
147
157
163
219
142
141
148
162
113
132
221
218
223
111
98
143
150
159
220
225
105
112
133
152
208
168
169
166
164
100
137
153
170
167
136
134
192
187
189
295
135
207
185
171
165
99
154
190
186
182
209
172
101
139
140
156
191
188
183
174
173
97
206
155
210
211
212-214
184
181
180
175-179
103
96
193
216
200
291
290
196
194
195
215
197
284
201
286
287
292
294
198
205
231
285
293
199
202
203
288
237
234
204
289
239
236
238
240
232
242
230
241
227
229
235
233
228
244
226
243
249
250
247
248
© 2011, Mapping Unit, Malta Environment & Planning Authority, MALTA
MEPA

bogħod minnhom. Dawn jintlaħqu permezz ta' mogħdija (***Il-Minżel tal-Majjiesa***) li tinfed minn ġo tnaqqira baxxa fix-xifer tax-xagħra sewwasew ħdejn ir-*rifle ranges* qodma ta***n-Naħlija*** u tibqa' nieżla kważi sa max-xatt. Dak li għedna dwar it-tnissil tal-kelma "Bunaħħâla" jgħodd daqstant ieħor għal dan l-isem li f'xi mapep riċenti jidher mgħawweġ għal "In-Naħħalija". Fuq l-art għolja ta' ħdejn il-minżel hemm wied żgħir (***Il-Wied tan-Naħlija***), li jifred ix-Xagħra tal-Qortin m***ix-Xagħra ta' Għajn Tuffieħa*** (li ġieli tissejjaħ ukoll ***Il-Moxa ta' Għajn Tuffieħa***) u m***ix-Xagħra l-Ħamra*** li tkompli magħha aktar lejn il-lvant. Din tal-aħħar, aktarx imsemmija hekk minħabba l-lewn tal-blat u tal-ħamrija tagħha, hija interessanti minħabba l-giren qodma li jinsabu mxerrdin fiha. Misturin madwar il-Wied tan-Naħlija hemm għadd ta' fdalijiet arkeoloġiċi, fosthom oqbra, ġwiebi qodma maqtugħin fil-blat, u razzett qadim b'xi ġebliet kbar ġo fih li hemm min jaħseb li huma ta' Żmien ir-Rumani. Il-wied innifsu jiftaħ għal fuq ħarrieġa ta' l-irdum (***Il-Ponta tal-Mixquqa***) li tinsab eżatt magenb il-lukanda daqsiex li nbniet max-xifer b'mod li tiddomina r-ramla kbira u ferm popolari li hemm taħtha, ***Ir-Ramla tal-Mixquqa***. Bil-mod il-mod, dan l-isem Malti qed jintesa ġaladarba anke t-tabelli tat-toroq juru biss it-tikketta eżotika ta' *"Golden Bay"* li kienet inħolqot għall-ħabta tas-snin sittin bħala parti mill-kummerċjalizzazzjoni tal-post għal għanijiet turistiċi. Fuq ġewwanett tar-ramla jiftaħ ħondoq żgħir bi ġnub weqfin u mimli qasab, li fil-fatt huwa t-tarf ta' wied ferm itwal (***Il-Wied ta' Għajn Tuffieħa***) li jibda mill-Imġarr u li ħa ismu mill-istess għajn li kienet tisqi l-banjijiet Rumani. Mal-bokka tal-ħondoq kien hemm nixxiegħa oħra (***Għajn Mixquqa***), filwaqt li jittawlu għal fuqha għad hemm il-fdalijiet ta' żewġ trunċieri (f'dal-każ, pjuttost żewġ ħitan baxxi) tas-Seklu XVIII – waħda fuq kull naħa tal-ħondoq. F'kitba dwar dawn it-trunċieri tidher ukoll riferenza għa***l-Qala tal-Mixquqa*** bħala l-isem tad-daħla fejn tinsab ir-ramla. ***Il-Wita tat-Torri*** (jew ***Tat-Torri***, fil-qosor) tagħlaq il-qala min-naħa tan-nofsinhar; isimha magħha peress li hija medda ta' art għolja u ċatta li f'tarfha għadu jittarraf ***It-Torri ta' Għajn Tuffieħa*** (jew ***It-Torri ta' Għajn Mixquqa***), mibni mill-Gran Mastru Lascaris fl-1637 fuq il-post imsejjaħ ***Il-Borġ ta' Għajn Tuffieħa*** aktarx minħabba xi struttura eqdem li kienet tinsab hawn. Minn hawn tista' titgawda veduta tassew sabiħa tal-bajja li jmiss (***Il-Qala ta' Għajn Tuffieħa***) bir-ramla tagħha (***Ir-Ramla ta' Għajn Tuffieħa*** jew inkella ***Ir-Ramla tar-Rdum***) u l-ponta tassew partikolari ta' faċċata (***Ras il-Qarraba***) li dwarha nitkellmu xi dab'oħra. F'żewg mapep qodma, x'imkien qrib it-torri jidhru ***Il-Ponta tal-Vas*** u ***Il-Ponta ta' Għajn Tuffieħa***, u jista' jkun li dan kien isem ir-ras li fuqha nbena t-torri, iżda dwar dan ma naħlifx peress li l-preċiżjoni ta' dawn il-mapep hija waħda baxxa.

## Il-Mellieħa

Dan ir-raħal għandu storja twila marbuta ma***l-Madonna tal-Mellieħa***, li huwa fost l-aktar santwarji meqjuma fil-Gżejjer Maltin. Il-knisja nnifisha hija antika ferm u nofsha maqtugħa fil-blat, għalkemm aktar tard (fis-Sekli XVI-XIX) tkabbret u nbnewlha wkoll kampnar, misraħ b'xi loġoġ u kmamar għall-pellegrini, u rixtellu monumentali. Ir-raħal kif nafuh illum dam ma ħa r-ruħ minħabba li kien maħkum wisq mill-furbani, u għaldaqstant beda jiżviluppa biss għall-ħabta ta' l-1840 meta reġa' sar parroċċa u ftit wara nbnietlu l-knisja parrokkjali ġdida tefgħa ta' ġebla 'l bogħod mis-santwarju. Iċ-ċentru l-qadim kiber bil-mod fuq l-istess qortin fejn inbniet il-knisja, jiġifieri dak maqrus bejn Il-Wied ta' Għien Ingraw u ***l-Wied ta' Santa Marija*** (li ġieli jsejħulu wkoll ***Il-Wied tal-Mellieħa***, ***Il-Wied tal-Madonna***, jew ***Il-Wied ta' Ruman***), u minn hemm kompla jinfirex lejn ***Ta' Snajjin*** (qrib ***Is-Salib tal-Pellegrini*** u l-mitħna l-qadima ta' ħdejh) u lejn ***Il-Fortizza tal-Mellieħa*** (jew ***Il-Fortizza tas-Salib***) li kienet inbniet bħala stabbiliment militari mill-Ingliżi fuq l-ogħla quċċata ta***x-Xagħra tal-Mellieħa***. Ħafna mill-bini (inkluża l-istess knisja) nbena mhux bil-knaten tal-franka bħal fi rħula oħra iżda b'ġebel maqtugħ minn saff artab tal-qawwi ta' fuq, u b'hekk ta karattru partikolari lill-qalba tar-raħal. Ħdejn l-Armier għadha tidher Il-Barriera tal-Knisja (jew Il-Barriera tal-Aħrax) li tlaqqmet hekk minħabba din il-ġrajja. Fost l-irkejjen interessanti tal-Wied ta' Ruman hemm ***L-Għar tal-Madonna*** (jew ***L-Għar ta' l-Ilma***), kappella ġo għar li tintlaħaq minn taraġ wieqaf bi dritt is-Santwarju; ismu miegħu għax fih nixxiegħa qrib l-istatwa ta***l-Madonna tal-Għar***). Aktar 'l isfel ħdejn ***Ta' Skrajda*** (taħt it-tisripa tat-triq il-qadima li tagħti għall-Għadira) hemm ***L-Għajn tal-Mellieħa***, għajn tal-ħasselin li ġiet irrestawrata fis-snin disgħin. Fil-għoli faċċata tagħha tispikka ***L-Għarukaża*** (jew ***L-Għarkaża***), isimha magħha għax kienet dar ġo għar qabel ma ntelqet fl-aħħar ftit snin. Taħtha hemm ukoll sitt għerien oħra aktar moħbijin mal-ġenb wieqaf tal-wied. Minħabba statwa kbira ta' San Pawl li tinsab fil-quċċata ta' blata għolja ħdejha, L-Għarukaża hemm min isejħilha ***Għar San Pawl*** jew ***Id-Dar ta' San Pawl***; l-artijiet ta' fuqha kienu jsibuhom bħala ***Fuq San Pawl*** jew ***Tat-Tramblett***.

Mis-snin sittin 'il hawn il-Mellieħa kibret f'daqqa. Ir-raħal innifsu nfirex qabel xejn lejn in-nofsinhar għal fuq ***Tas-Salib***, ***Ta' Masrija*** u lejn ix-xlokk għal fuq Ta' Pennellu, fejn dari kien hemm ċikken kbir imsejjaħ ***Ta' Peswella*** li fih kienu jinżammu l-imrieħel tal-bhejjem (bejn wieħed u ieħor fejn illum hemm il-*ground* tal-*football*). Il-bini xtered saħansitra aktar malajr lejn il-lvant għal Fuq San Pawl u għal matul it-triq il-kbira sa fejn jinsabu l-artijiet ***Tal-Braġ*** (jew ***L-Ibraġ***) kważi mad-daħla ta' Selmun. Minn mat-triq, il-bini kompla nfirex lejn it-tramuntana sa ma bela' għal kollox l-artijiet estensivi ta***x-Xagħra ta' Barra*** (isimha magħha ġaladarba kienet tinsab int u tħalli l-Mellieħa) u ***l-Qortin ta' Għajn Żejtuna***. Magħhom inbnew ukoll l-artijiet ***Taz-Zoppa*** u ***Ta' Ċangulin*** (fejn kien jinsab razzett qadim imwaqqa') li jinsabu bejniethom. Sitwazzjoni kemmxejn tal-biki nsibuha f'***Għajn Żejtuna***, fejn dak li sas-snin sittin kien għadu l-akbar u l-isbaħ fost il-widien tal-Mellieħa ingħata kollu kemm hu għall-kostruzzjoni ta' vilel u toroq bla ma ngħata l-iċken kas imqar tal-miġra tal-wied jew ta' l-irdumijiet li jkennuh, biex floku llum hemm il-kruha u t-tħarbit ta' *"Santa Marija Estate"*. ***Il-Wied ta' Għajn Żejtuna*** huwa wied twil, wiesa' u tafli li minn ***Fuq il-Qigħan*** jibqa' nieżel direttament għal ġol-baħar, fejn jifforma

daħla ċkejkna ċagħkija li ġġib l-istess isem (*Ir-Ramla ta' Għajn Żejtuna*). Ismu jidher li ġej minn xi siġar taż-żebbuġ, li bil-Malti qadim kienu jissejħu wkoll "żejtun", u fuq kollox jindika għajn ta' ilma ġieri. Fil-fatt, għallinqas sa ftit snin ilu, dan il-wied kien fih mill-inqas żewġ nixxigħat, ***L-Għajn ta' Fuq*** li tinsab taħt il-Qortin ta' Għajn Żejtuna u ***L-Għajn t'Isfel*** li tgelgel minn mal-ġenb ta' kisra fonda f'qiegħ il-wied li jsejħulha ***L-Għonq*** (ismu miegħu ġaladarba jiftaħ għal ġo parti usa' u aktar fonda tal-wied, bħal għonq ta' flixkun). Għaldaqstant, parti mill-qiegħ tiegħu iżżomm l-ilma matul is-sena kollha u matulha kellha xi raba' saqwi li minnu tista' tgħid għad fadal biss irqajja' żgħar bħal***l-Ħabel it-Twil***. Fi triqtu, il-wied jgħaddi minn bejn żewġ qraten kbar u għoljin (***Il-Qortin*** jew Fuq San Pawl; u **l-Qortin ta' Għajn Żejtuna**) li jittawlu għal fuqu minn fuq irdumijiet ftit jew wisq għoljin, b'xi għerien fil-għoli u xi blat imqaċċat li waqa' għal fuq it-tafal. Fl-irdum man-naħa tal-punent hemm għar kbir (***L-Għar tal-Bajjadan***) u għar ieħor iżgħar nofsu magħluq b'ħajt antik tas-sejjiegħ; dawn jinsabu qrib ħafna ta***l-Ħarq***, xaqq fond li jifred il-faċċata tal-irdum minn blata dejqa m'ogħla bosta sulari li tqaċċtet qisha galletta minn miegħu. Nistagħġeb kif issib min jitħajjar jibni daru fuq it-tafal bi blata bħal din tistrieħ ma' djulu! Aktar 'il ġewwa fejn l-irdum għoli jiġi fix-xejn, għad fadal miġbħa qadima ġo għar żgħir qrib tat-triq li sserrep lura 'l isfel lejn il-wied. L-irdum man-naħa tal-lvant, jiġifieri taħt il-Qortin ta' Għajn Żejtuna, igħidulu ***Ix-Xerrieqa***, u anke dan huwa mhedded mill-bini dejjem riesaq għal fuqu. Fuq ix-xaqliba ta' man-nofsinhar tal-qortin, l-irdum jitbaxxa u jidħol 'il ġewwa lejn fergħa baxxa tal-Wied ta' Għajn Żejtuna fejn jinsabu ***L-Għerien*** (isimhom magħhom) li dari kienu abitati. Anke dan il-ħjiel ta' wied messitu l-istess xorti bħall-bqija ta' l-inħawi, u l-għerien infushom s'issa ħelsuha bi żbrixx imma tilfu nofs il-preġju tagħhom billi jinsabu kalzrati f'feles art imdawwar bill-bini minn kullimkien. L-irdum idur madwar il-qortin man-naħa li tħares lejn l-Aħrax ukoll, fejn jispikka ***L-Għar tat-Tramuntana***, għar kbir u ismu miegħu. Taħtu, il-bini kompla ħonoq l-artijiet immejjlin ta' ***L-Imxaxa*** (aktarx plural ta' moxa, għalkemm ma sibthiex fid-dizzjunarju) u saħansitra naqqar nofs il-wied li jagħlaq il-Qortin ta' Għajn Żejtuna mill-lvant. Isem dan il-wied (***Wied Ballut***) jagħtik x'tifhem li l-bosk żgħir li għadu jeżisti mhux wisq 'il bogħod f'Wied l-Imġiebaħ aktarx kien iwassal s'hawn fl-imgħoddi qabel ma nqered mill-id tal-bniedem. Ma' xatt il-baħar f'***Taħt l-Imxaxa***, bejn il-bokka ta' dan il-wied u dik tal-Wied ta' Għajn Żejtuna, hemm roqgħa msejħa ***Il-Ġebliet*** u skond xi arkeoloġi l-ġabra ta' ħaġar li tatha isimha mhi xejn inqas mill-fdal ta' tempju megalitiku.

Il-bini bl-addoċċ kerrah ukoll mhux ftit l-ambjent f'***Tas-Sellum*** (jew ***Is-Sellum***, fil-parti t'isfel tal-Wied ta' Ruman) fejn saħansitra kien beda jitnaqqar il-ġenb tal-irdum bl-inġenji biex jagħmel il-wisa' għal aktar appartamenti. Fit-toponomastika Maltija, il-kelma "sellum" tindika sensiela ta' għelieqi mtarrġin fuq art kemmxejn wieqfa ma' ġenb ta' għolja, bħalma tabilħaqq kont tara hawn qabel ma daħlu l-gafef. Taħt tas-Sellum, jiġifieri matul ix-xtut baxxi ta***t-Tunnara***, ***Ta' Gerbulin*** (fejn hemm għar żgħir sfrundat mal-baħar) u ***Tal-Ġrieden*** li minn tarf ir-Ramla tal-Mellieħa jaslu sar-Ramla ta' Għajn Żejtuna, il-bini resaq sa mal-baħar għajr għal żigarella dejqa ta' blat maqrusa bejn it-tul tat-triq u wiċċ l-ilma. Tista' tgħid li l-uniku spazju li għad fadallu x'tara matul din il-kosta mħarbta hija ***Ix-Xagħra tat-Tunnara***, roqgħa żgħira ta' blat li tinsab madwar ***It-Trunċiera*** (jew ***It-Trunċiera tal-Mellieħa***). Din il-batterija kienet saret fl-1716 biex tħares ix-xtut mill-iżbark tal-għadu, iżda mbagħad għamlet żmien twil tintuża bħala maħżen għat-tagħmir tat-tunnara, u dan l-aħħar infetħet bħala mużew dwar dan il-metodu ta' sajd għat-tonn li kien fost it-tradizzjonijiet l-aktar famużi tal-Mellieħa. Il-ħjiel ta' nofs ċirku fejn kienu jintramaw il-kanuni għadu jidher maqtugħ fil-blat ta' madwar il-kamra qadima tat-Trunċiera, sewwasew fuq għar żgħir fil-baħar (***L-Għar tat-Trunċiera***) u r-rokna żgħira bir-ramel u ċ-ċagħaq (***Iċ-Ċagħqija***) ta' biswitu.

## *Selmun u x-xtut tal-lvant*

Malli taqbeż l-Imxaxa fl-aħħar jerġa' jitfaċċa ambjent miftuħ fl-inħawi ta' ***Taħt il-Palma***, b'nixxiegħa li l-ilma tagħha jibqa' jgelgel sal-baħar ħdejn tnaqqira fix-xatt imsejħa ***Il-Kopp***. Ftit aktar 'il quddiem, naslu ma' ***L-Irdum tal-Griebeġ***, fejn il-blat ta' max-xatt jogħla xi ftit u jerġa' jieħu bixra salvaġġa u mxaqqa'. Tarfu joħroġ 'il barra f'***Ras il-Griebeġ***, u b'hekk ħriġna 'l barra għal kollox mill-Qala tal-Mellieħa. Ma fhimtx jekk dawn l-inħawi (***Il-Griebeġ***) jgħidulhomx hekk minħabba xi strutturi li kienu jinsabu hawn, jew inkella minħabba l-għamla tal-blat imxaqqa u saħansita msaqqfa li f'xi bnadi forsi tixbaħ lil xi gorboġ. L-inħawi ta' Taħt il-Palma jieħdu l-ilma tagħhom minn taħt ***Ix-Xagħra tal-Kurunell***, jiġifieri l-qortin arjuż li jiftaħ għal fuq il-Griebeġ. Xhieda ta' dan hemm mina tal-ilma qadima maqtugħa fil-ġenb tal-għolja, li tgħaddi minn taħt tliet spejjer li l-ħereż tagħhom jidhru qrib it-tarf tal-qortin, sewwasew ħdejn razzett qadim u żewġ giren li aktarx kienu lkoll parti mill-istess kumpless. Ix-Xagħra tal-Kurunell hija biss it-tarf ta' xagħra tawwalija li tagħlaq il-parti l-mibnija tal-Mellieħa min-naħa tal-lvant, u bi dritt il-Qortin ta' Għajn Żejtuna tibdel isimha għal ***Xagħret Għekek*** u mbagħad għa***x-Xagħra tal-Gardillu***, aktarx laqmijiet ta' persuni. Mat-tarf ta' din ix-xagħra hemm il-fdal ta' barriera qadima li għadu sal-lum isibuh bħala ***Il-Latnija*** (mit-Taljan "*latomia*" li tfisser appuntu barriera), għalkemm ix-xjuħ tal-inħawi aktar isemmu ***Il-Bir tal-Latnija***, bir li jinsab hdejha. Qribhom hemm il-ħotba ta' ***Ġebel Żnajbar***, li tagħti għal fuq il-bidu tal-wied twil ta' ***L-Imġiebaħ***; hawnhekk il-kelma "ġebel" tindika quċċata, l-istess bħal fl-Għarbi. Fil-Malti tal-lum, din it-tifsira ntilfet kważi għal kollox ħlief fit-toponomastika, fejn narawha marbuta ma' mkejjen għoljin jew sisien weqfin. It-tifsira tat-tieni kelma ("żnajbar") hija inqas ċara u tista' tkun sempliċement laqam ta' persuna, iżda daqstant ieħor tixbaħ lil diminuttiv ta' "żnuber" u tabilħaqq ftit aktar 'l isfel f'ras il-wied għad fadal xi siġar xjuħ taż-żnuber li jingħad li huma l-fdal ta' bosk qadim. ***Wied l-Imġiebaħ*** (jew ***Il-Wied tal-Imġiebaħ***) huwa wied twil magħruf għall-ġmiel tiegħu. Jibda minn taħt ir-raba' ta***l-Ħawwiexa*** (fejn hemm xi oqbra li kienu tnaddfu ftit tas-snin ilu, biswit ***Il-Mogħxa*** ta' wara d-djar ta' Selmun) u ***Il-Ħawlija*** (jiġifieri art li xejn ma hi għammiela), u minn hemm iserrep 'l

isfel minn qalb l-egħlieqi mtarrġin u l-ħitan tas-sejjiegħ qodma li jdawruhom. Ħa ismu mill-imġiebaħ qodma tan-naħal li jinsabu f'uħud mill-irkejjen l-aktar mistura tiegħu, u jħaddar mhux ftit minħabba li fih xi nixxigħat tal-ilma. Waħda minn dawn l-egħjun tinsab fejn it-triq dejqa li tinżel mal-wied tikser ħesrem ħdejn razzett qadim f'***Tal-Mellieħi***. Aktar 'il fuq jinsabu l-artijiet ***Ta' Kettu***, mal-ġenb tax-Xagħra tal-Kurunell; ftit 'il bogħod għad hemm xi siġar qodma ħafna tal-ballut li huma fdal ieħor ta' bosk antik. Moħbijin wara dawn is-siġar hemm ***L-Għerien tal-Imġiebaħ***, li aktarx kienu abitati fis-sekli l-imgħoddija.

Wied l-Imġiebaħ jintemm f'ramla ħelwa ta' lewn dehbi li ġġib l-istess isem, u li tinsab f'qala mdaqqsa bejn Ras il-Griebeġ u ***Il-Ponta s-Sewda***. Din ta' l-aħħar hija t-tarf ta' qortin għoli u tifred ***Ir-Ramla tal-Imġiebaħ*** li għadna kemm semmejna minn oħra iżgħar (***Ir-Ramla ta' Għajn Ħadid***) li għandha nixxiegħa kważi mal-baħar taħt ġabra ta' siġar xjuħ tal-bruk. Din in-nixxiegħa tat isimha mhux biss lir-ramla, iżda wkoll lill-inħawi kollha ta' madwarha (***Għajn Ħadid***) u b'mod partikolari lill-qortin (***Ix-Xagħra ta' Għajn Ħadid***), l-irdum ta' taħtu (***L-Irdum ta' Għajn Ħadid***), u l-artijiet aktar 'il ġewwa (***Iċ-Ċens ta' Għajn Ħadid***). Fl-1658 kien inbena l-ewwel fost it-tlettax-il torri tal-Gran Mastru De Redin (***It-Torri ta' Għajn Ħadid***) max-xifer ta' dan il-qortin, iżda llum fadal biss nofsu wara li s-sular ta' fuq iġġarraf f'terremot li seħħ fl-1856. Il-qortin ġieli jsibuh ukoll bħala ***Ix-Xagħra tat-Torri***. L-inħawi ta' Għajn Ħadid jintlaħqu minn triq tal-kampanja li tgħaddi minn ħdejn ix-xagħriet ***Tal-Lembi***, ***Iċ-Ċens tal-Merħla*** u ***Iċ-Ċens tal-Bir*** wara li tofroq minn ma' triq oħra sewwasew quddiem ***Il-Palazz ta' Selmun***. Dan il-palazz sabiħ inbena fl-1783 u għadu jsaltan fuq l-inħawi ta' madwaru għalkemm f'dal-każ jidher ċar li l-palazz ha ismu mill-post (***Selmun***) u mhux il-kontra. ***Il-Bir tal-Ħnejja*** li hemm quddiem il-palazz inbena fl-istess żmien biswit ċikken qadim fejn kienu jinżammu l-bhejjem.

Jekk nerġħu lura lejn Għajn Ħadid u nkomplu mexjin lejn il-lvant, l-irdum isir aktar imfellel u għalhekk igħidulu ***It-Taqtigħat***. Taħtu tinsab id-daħla ċkejkna u ċagħqija ***Ta' Rumini***, marsusa bejnu u l-art għal kollox differenti f'***Tal-Blata***, ġaladarba hawn tinsab qasma oħra ġeoloġika qawwija. F'Tal-Blata ma narawx aktar blat imqaċċat, u minn taħt it-tafal jixref is-saff tal-franka; dan jibqa' ħiereġ 'il barra fuq il-baħar bħala ponta rqiqa (***Il-Blata l-Bajda***, jew ***Il-Blata***) li tat isimha lill-inħawi. Din il-ras tkompli wkoll taħt wiċċ l-ilma bħala sikka kemmxejn twila –***Is-Sikka tal-Blata***. Għall-irdoss tagħha hemm ***Bugazzin***, daħla żgħira fil-baħar, iżda ma nafx aktar dwar mnejn seta' ġie dan l-isem. Billi fuq ix-xatt baxx tal-franka madwar il-Blata kienu saru għadd ta' salini għall-produzzjoni tal-melħ, isibuh bħala ***Is-Salini***. Matulu jinsabu wkoll żewġ ħnejjiet naturali żgħar; waħda minnhom qiegħda taħt il-baħar iżda tintlaħaq bin-nifs minn ġo toqba (*blowhole*) max-xatt, filwaqt li l-oħra tidher sew quddiem wieħed miż-żewġ għerien żgħar li hemm bi dritt Il-Gżejjer. Hawnhekk jitfaċċa xaqq ġeoloġiku ieħor ħdejn ***Il-Ħerrieqa*** (l-eqreb ras lejn il-Gżejjer) li jerġa' jibdel l-għamla tax-xatt: igħib ix-xatt tal-franka u jibda ***Rdum il-Bies***, sies wieqaf magħmul għal kollox mill-blat tal-qawwi. Għall-ħabta ta' Żmien il-Gwerra, kienet inbniet posta tal-għassa (***It-Trunċiera***) fuq il-Ħerrieqa. Kienet tħaffret ukoll spiera li mix-xagħri ta' fuq Irdum il-Bies tinżel għal ġo fetħa fis-sies, sewwasew fejn jinsabu sitt għerien mal-baħar, wieħed minnhom pjuttost kbir u msejjaħ ***L-Għar ta' Rdum il-Bies***. U, fuq kollox, kienet inbniet ***Il-Fortizza ta' Selmun*** (jew ***Il-Fortizza ta' Campbell***) fil-quċċata strateġika ta***x-Xagħra tal-Bur tal-Ħarruba*** li tħares għal fuq ix-xtut kollha ta' bejn Għajn Ħadid u l-Mistra, fejn diġà kien jinsab ***Ir-Razzett tal-Blata***. Minn bejn din il-fortizza u Rdum il-Bies tgħaddi l-istess qasma ġeoloġika li semmejna ftit ilu, u hekk ħolqot art baxxa bejn żewġ għoljiet li tfakkrek ftit fil-forma ta' sarġ (*saddle*) tant li jsibuha bħala ***Is-Sarġ*** jew ***Tas-Sarġ***. Minn hawn 'il quddiem, Rdum il-Bies jieħu l-forma ta' daħla kennija u s-sies iċedi postu għal irdum daqstant ieħor wieqaf iżda b'ħafna blat imqaċċat taħtu. Hawnhekk jilħaq ukoll l-ogħla quċċata tiegħu, f'***Ġebel it-Tork***, iżda wara ftit jitbaxxa għal kollox u jinżel kważi sal-livell tal-baħar fil-ponta dejqa ta' ***Ras il-Miġnuna***; f'nofs it-triq (maġenb posta oħra ta' Żmien il-Gwerra) hemm minżel li jwassal għal passaġġ qalb it-tirxien ta' taħt l-irdum. ***Ras il-Miġnuna*** għandha għamla ta' qarn imdawwar lejn il-grigal, u flimkien max-xtut ta' madwarha (***Tal-Miġnuna***) ħadet isimha mill-ħsejjes tal-mewġ li jħabbat fl-għerien li hemm qribha. Hemm mill-inqas tliet għerien żgħar madwar Ras il-Miġnuna nnifisha (u kultant aktar ma jkunu żgħar aktar jagħmlu storbju!), u erba' oħra aktar fondi taħt ***Ix-Xagħra tat-Trunċiera*** li tinsab ftit passi 'l bogħod. Jekk fhimt sew, dawn huma l-għerien li Borg jidentifika bħala ***L-Għar ta' Bazzu***, ***L-Għar ta' Marozz***, ***L-Għar tal-Furbani*** u ***L-Għar ta' San Pawl***, filwaqt li Aquilina jsemmi ***Il-Ħalq tal-Klieb***. Ix-Xagħra tat-Trunċiera ħadet isimha m***it-Trunċiera tal-Mistra*** (jew ***It-Trunċiera*** għad-dritt), batterija li kienet inbniet għall-ħabta ta' l-1716 mill-Kavallieri u armata bil-kanuni; aktar 'il ġewwa lejn moll li hemm fil-qrib kienu semmewli wkoll post li jsibuh bħala ***Il-Gardjola***. Hemm imbagħad ***L-Għar ta' Ġebel it-Tork***, mal-ġenb ta' l-għolja li ġġib l-istess isem.

Ġebel it-Tork u x-Xagħra tat-Trunċiera (b'Ras il-Miġnuna b'kollox) huma parti minn promontorju maħruġ għal fuq il-baħar (***Qortin Simber***) li jifred lil Irdum il-Bies mil***l-Qala tal-Mistra*** (jew kif jafuha ħafna, ***Il-Mistra***). Din id-daħla tonda b'ramla dejqa fuq ġewwa tinsab f'ħalq wied twil (***Wied il-Mistra***) u hija tassew pittoreska, imdawra kif inhi bl-għelieqi mtarrġin ta***l-Bajjâd***, ***Il-Ħbula l-Bojod***, u dawk aktar watja ta***l-Wilġa*** jew ***L-Ulieġi*** (din ta' l-aħħar hija plural ieħor ta' "wilġa", użata minflok il-forma aktar komuni "wileġ"). L-ewwel żewġ ismijiet għandhom x'jaqsmu mal-ħamrija ta' lewn ċar li naraw madwar il-Mistra, u l-istess nistgħu ngħidu għal***l-Isqaq tal-Bajjâd*** li jinżel dritt u wieqaf mill-artijiet għoljin ta***ċ-Ċens*** (wara l-kappella l-ġdida ta' Selmun) u dawk ta***l-Ġnien*** (eżatt taħthom). L-artijiet tas-Sarġ, ***Il-Bur*** (jew ***Il-Bur tal-Ħarruba***), ***Il-Ġdida*** u ***Ix-Xifer*** jinsabu aktar 'il fuq, u x-Xifer jirreferi għat-tarf ta***x-Xagħra ta' Selmun*** li ddawwar il-palazz. Ir-raba' ta' taħtu huwa magħmul minn ħbula dojoq għall-aħħar, fosthom ***Il-Ħabel ta' Demel***, ***Ir-Rančis***, u ***Id-Dukkiena***. U skont

Jaccarini, f'dawn l-inħawi hemm ukoll xi mġiebaħ integrati fl-istruttura ta' uħud mill-ħitan tas-sejjieġħ ħoxnin, fl-artijiet ta' ***Taħt il-Ħanin***, ***Ta' Kullatu*** u ***Taħt il-Palazz*** li ma rnexxilix insib fejn jinsabu eżatt (għalkemm wieħed mill-ismijiet jagħtina xi ħjiel żgħir). Minn ħdejn il-kappella jinżel ukoll ***Wied Għarbiel***, wied tant baxx li bilkemm tinduna bih kieku ma kienx għas-sinjali ta' tagħwir li jħalli warajh l-ilma jċarċar għan-niżla lejn Wied il-Mistra. L-għelieqi ta' madwaru jġibu ismu (***Iċ-Ċens ta' Wied Għarbiel***), filwaqt li dawk ta' taħtu jsibuhom bħala ***L-Imgħalaq*** jew ***Il-Magħlaq***. F'xi mapep uffiċċjali dan l-isem safa mdawwar f'"L-Imgħallaq", iżda dan huwa biss żball għax hawnhekk kulma hawn artijiet magħluqin bil-ħitan tas-sejjieġħ u mhux nies imdendlin minn għonqhom! Ħdejn il-fdal ta' barriera żdingata fl-Imgħalaq kien hemm għar li dari kien jintuża bħala maqjel, b'sienja miegħu. Aktar 'il ġewwa fejn tilwi t-telgħa tal-Mellieħa hemm ukoll l-artijiet magħrufin bħala ***Il-Forn***. Il-ġenb l-ieħor ta' Wied il-Mistra (fejn xi mapep jindikaw ***Il-Kalkara***) huwa aktar wieqaf u ftit huma l-għelieqi mtarrġin li jifirdu qiegħ il-wied m***ix-Xagħra tal-Qortin*** (jew ***Tal-Qortin***) li tinsab aktar fil-għoli. Dan l-isem jagħti deskrizzjoni xierqa tal-post, ġaladarba din hija xagħra mikxufa mperrċa fuq promontorju li jġib il-Qala tal-Mistra taħtu. Max-xifer tal-qortin (f'post indikat bħala ***Stoppin***) għadha tidher sal-lum il-ġerħa li ħalliet waħda mill-barrieri li kien hawn madwar il-Mistra għall-ħabta ta' l-1900 meta kien qed jinqata' l-blat biex jinbena l-ilqugħ li jħares il-Port il-Kbir mill-maltemp. Ix-xagħra taqta' ħesrem lejn il-lvant, u l-għoli tagħha jidher sew bħala faċċata ta' rdum li fil-mapep huwa mmarkat bħala ***Rdum Irxaw***. Mill-ħjiel li ġbart mingħand xi Melliħin, donnu li dan l-isem aktar jintuża għall-parti l-ġewwenija tal-irdum (fejn hemm l-artijiet taflin magħrufin bħala ***Ta' Rxaw***, jew ***Ta' Rdum Irxaw***, inkella ***Ta' Għar Fekruna***) milli għall-biċċa li tmiss mal-Mistra peress li din isibuha bħala ***L-Irdum ta' Coleiro***. Dan tal-aħħar għandu bixra pjuttost salvaġġa u mimli blat imqaċċat. Sa ftit ilu kien jintlaħaq minn ġo kamra max-xifer bi slielem għoljin tal-ħadid li jagħtu għal isfel; din kienet tgħaqqad stabbiliment tal-BP (li għad hemm il-fdal ikrah tiegħu fuq ix-xagħra) mal-katusi tiegħu li jibqgħu ħerġin għal ma' qiegħ il-baħar. Il-bqija tal-irdum isibuha bħala ***Rdum Stoppin***, isem li fil-mapep jidher imċaqlaq aktar lejn ix-Xemxija, aktarx bi żball għax ma jaqbilx mal-għamla tal-art t'hemm. Aktar 'il ġewwa tinsab ***Daħlet il-Fekruna*** (jew ***Dar il-Fekruna***), qala tassew ħelwa magħluqa bejn l-irdum u ras dejqa (***Il-Ponta tal-Fekruna*** jew ***Ras Irxaw***) li tifridha mill-moll tax-Xemxija fejn sas-snin tmenin ġieli kien jitrakka l-vapur t'Għawdex meta l-maltemp kien ikun jaqbel wisq fiċ-Ċirkewwa. Fuq ġewwa tal-ponta hemm għar żgħir mal-baħar (***Għar Fekruna***), u bi drittu man-naħa taflija ta' Rdum Stoppin jidher li kien hemm nixxiegħa bl-istess isem (***Għajn Fekruna***). Minn hawn 'il quddiem jibda l-bini tax-Xemxija.

## *Il-Gżejjer*

Fil-limiti tal-Mellieħa tinsab ukoll gżira tawwalija, b'għamla partikolari li tixbaħ lil żewġ skollijiet kbar b'għonq dejjaq ta' blat baxx li jgħaqqadhom. Għaldaqstant hija magħrufa l-aktar bħala ***Il-Gżejjer***, u f'xi mapep saħansitra tintwera b'mod żbaljat bħala żewġ blatiet mifrudin minn xulxin. Jidher li ż-żewġ nofsijiet kellhom l-ismijiet tagħhom: il-"gżira" l-għolja (ta' ġewwa) kienet tissejjaħ ***Selmun*** filwaqt li l-oħra aktar baxxa li tinsab 'il barra minnha kienet tissejjaħ ***Selmunett***. Iżda mbagħad xi dokumenti u mapep oħra jħawdu xi ftit il-borma billi jużaw l-ismijiet ***Il-Gżejjer ta' Selmun***, ***L-Iskoll ta' Selmun*** jew Selmunett biex jirreferu għalihom it-tnejn magħdudin flimkien. U peress li l-isem Selmun jintuża wkoll għax-xaqliba tal-Mellieħa li tħares lejhom, lanqas mhu ċar għal kollox jekk kinux il-Gżejjer li ħadu isimhom mill-artijiet ta' madwarhom jew inkella ġarax il-kontra bħalma naraw fil-każ tal-Ġżira u "Manoel Island". L-isem "Selmun" (u miegħu "Selmunett") huwa taħsira ta' Salomone, il-kunjom tas-sidien ta' l-imgħoddi, u dan id-dettall donnu jaqbel mal-ismijiet Taljanizzati li jidhru f'ħafna mapep qodma (*Isola Salomone, Isola Salomonetto*, eċċ.). Ta' min isemmi li aktar tard fi Żmien il-Kavallieri, il-Gżejjer għamlu żmien jissejħu ***Tal-Barba Marku***, wara li fl-1576 kienu ngħataw lil ċertu baħħâr Marco de Maria b'rikonoxximent għall-ħila li kien wera meta kien qed jaħrab minn xi furbani Torok. Jingħad li hekk kif dawn kienu waslu biex jilħquh, iddeniega l-bastiment tiegħu għal ġol-fliegu baxx li jifred Il-Gżejjer minn Malta, appuntu msejjaħ ***Bejn il-Gżejjer***. Meta wasal f'baħar qasir, l-ewwel ċaqlaq l-ekwipaġġ kollu lura sabiex b'hekk tintrafa' l-pruwa u ma tiħux il-qiegħ, imbagħad qaleb kollox bil-kontra sabiex ma tinkaljax il-poppa. Irnexxielu jgħaddi bl-eżatt, filwaqt li t-Torok ma kinux daqstant midħla tal-post u ma qagħdux attenti biżżejjed għall-pixka baxxa, u b'hekk baqgħu mwaħħlin hemm. La qed nitħaddtu dwar Il-Gżejjer, ma nistgħux ma nsemmux it-tradizzjonijiet popolari dwar in-nawfraġju ta' San Pawl. Ftit li xejn hemm qbil dwar fejn tassew seħħet din il-ġrajja, u hemm teorija tista' tgħid għal kull fejn instabet xi ankra Rumana f'qiegħ il-baħar jew fejn l-għamla tax-xatt taqbel ftit jew wisq mad-deskrizzjoni mogħtija fl-Atti ta' l-Appostli. Min jinsisti li l-ġifen inkalja fl-Iskoll li jinsab ftit 'il barra mir-Ramla tal-Mellieħa, min jipponta lejn Ras il-Qawra jew Ras il-Għallis, min jisħaq fuq L-Iskoll tal-Għażżenin f'San Pawl il-Baħar (kultant anke b'tifsiriet kemmxejn imġebbdin dwar it-tnissil ta' l-isem tal-post direttament mill-Grieg), min iżeffen lil Ras il-Miġnuna, u min saħansitra jgħid li l-ġifen lanqas biss resaq lejn Malta. Insomma, jidher li fis-Seklu XIX, l-aktar teorija rikonoxxuta kienet tqis Il-Gżejjer bħala l-post tan-nawfraġju, tant li fl-1845 inbniet l-istatwa kbira ta' ***San Pawl tal-Gżejjer*** fil-quċċata tal-"gżira" l-kbira; minn dakinhar 'il hawn anke l-gżira nnifisha saru jsejħulha ***Il-Gżejjer ta' San Pawl***. B'kollox, Il-Gżejjer għandhom tul ta' ftit inqas minn 900 metru meta mkejlin mix-xifer li jagħti għal fuq il-fliegu ta' Bejn il-Gżejjer sal-ponta baxxa ta' ***Ras il-Gżejjer*** li tibqa' ħierġa 'l barra lejn il-grieg il-lvant bħala sikka taħt wiċċ il-baħar. Bejn wieħed u ieħor fin-nofs jinsab l-għonq ta' blat li jorbot iż-żewġ partijiet tal-gżira u jkennen il-qala ħelwa ta' bejniethom, magħrufa bħala ***Is-Sillat*** jew ***Is-Sillat tal-Gżejjer***. Fl-aktar rokna kennija ta' din id-daħla hemm xtajta ċkejkna ċagħqija, filwaqt eżatt faċċata tagħha (maqtugħa fil-blat man-naħa tal-"gżira" l-baxxa) għadha tidher menqa ċkejkna li tesa' dgħajsa waħda biss, bi skal qadim

**Ikompli f'paġna 190**

# IKTAR INTIETEF MILL-GĦASRI TA' TFULITI - 5

Toni Calleja

**F'April tal-2010, ħadt l-inizzjattiva biex nippubblika ktejjeb li jimmarka l-ewwel ċentinarju mit-twelid ta' Ġużeppi Camilleri li fiż-żmien kien ħaddan l-Ordni tal-Franġiskani Minuri, magħrufa bħala 'Ta' Ġieżu', u ħa l-isem ta' Patri Alfons Marija. Patri Alfons jew, kif kienu jgħidulu hawn ir-raħal *'l-Patri ta' Sika* (għal ommu!)', kien irnexxa sew fil-kisbiet akkademiċi tiegħu, u kien għalliem tat-Teoloġija u l-Iskrittura fl-Istituti tal-Fraġiskani u lettur fil-Griek Bibbliku u l-Ebrajk fl-Universita' ta' Malta.**

Patri Alfons miet nhar is-16 t'Awwissu, 1994, fil-għomor ta' 84 sena. Ftit huma dawk li jafu li sa xi ftit snin qabel mewtu kien beda jikteb il-memorji tiegħu minn mindu beda l-ħajja reliġjuża. Dawn il-memorji llum jinsabu mħarsa fl-arkivju tal-Provinċja Franġiskana Maltija fil-Kunvent tal-Belt Valletta. Ma jistax jonqos li l-Għasri jissemma ħafna fil-kitba ta' Patri Alfons. Din hi t-tieni silta mill-kitba tiegħu li xtaqt naqsam magħkom wara li fl-Imnara Numru 34 kont xandart l-ewwel silta:

## IX-XOGĦOL TAR-RABA' U T-TROBBIJA TAL-BHEJJEM

Għall-Għasrin, xogħol wieħed biss kien hemm: ix-xogħol tar-raba'; xogħol iebes mill-iżjed u li jirrendi ftit. Ix-xogħol kollu ta' xhur sħaħ kien jispiċċa fuq l-andar, u meta jinġabar ta' fuq l-andar, kienu jibdew jiksru bit-talja (1) biex ilestu l-għalqa għall-ewwel xita. Tmur tikser taħt xemx taqli ta' Awwissu ma kenitx xi ċajta. Biex jiksru dak ir-raba' niexef qoxqox kien ikollhom jitkissru huma qabel. La kienu għadhom ħolmu b'xi moħriet jaħdem bid-diżel u lanqas bil-magna tad-dris; sewwa għall-ħrit u sewwa għad-dris xi ħmar jew xi bagħal. F'Ġunju kienu jlestu l-qiegħa; iballtuha tajjeb bir-romblu (tal-ġebel) u jħalluha tagħqad u tinxef sewwa , u xħin jaħsdu jġorru kollox għal fuqha u jibnu ħalla ħalla (2) madwara. X'ħin jaraw li t-temp se jiffavurihom jaqsmu (jisserraw fuq il-minġla) l-qatet min-nofs; naħa waħda għall-qasbija u n-naħa l-oħra (n-naħa tas-sbula) jferrxuha fuq il-qiegħa bid-dris jagħmluha tiben; u għad-dris il-povru ħmar b'għajnejh imgħammda biex ma jistordix u erħilu jdur u jdur siegħa wara l-oħra għal ġranet sħaħ; ġimgħat sħaħ biex tiġbor dak li jkollok: xgħir, qamħ, ċikkarda, ġulbiena, ful, u kif ukoll żerriegħa tas-silla. Għalina t-tfal l-andar kien l-għors tagħna; anki bil-lejl, konna nieħdu liżar tax-xkejjer, nitkebbu fih minħabba n-nemus, u norqdu hemm fuq it-tiben.

Illum nista' nifhem aħjar kemm kienet tassew ħajja iebsa għal min kien jinħtieġlu jaqla' x'jiekol mir-raba'; b'dak biss ma setgħu qatt iwasslu u għalhekk kienu jgħinu ruħhom bit-trobbija tal-annimali. Nagħaġ, mogħoż, tiġieġ u fniek kien ikollu kulħadd; x'uħud kienu jrabbu wkoll il-majjali jew xi baqra. Għadni niftakar tajjeb meta darba tad-dar biegħu nagħġa u xħin ftehmu, il-kumpratur ħareġ mill-kartiera tal-flus karta ta' lira. Qabżet ommi u qaltlu: "mela int dik il-karta sejjer tagħtini; dik ma rridhiex; jew lira veru jew xejn". U hu qalilha: "Ma ġara xejn oħti, ħa lira tad-deheb, dawk xorta waħda jiswew". Mur ibdilha llum lira tad-deheb u tara hux xorta jiswew' imma dakinhar hekk kienu tabilħaqq!

In-nagħaġ kienu t-turment tiegħi; kull nhar ta' Sibt, u f'kull *holiday* kien ikolli mmur biħom lejn ta' Ġurdan jew is-Sagħtrija. Aktarx ma kienx ikolli qalb immur imma 'l ommi ma kontx nissogra ngħidilha le; biss kont nitlobha tibgħat miegħi anke lil oħti Peppa (wara Suor Filomena O.P. tad-Dumnikani: 1912 – 1982). Mela din ftit qabel ma mietet (nhar is-6 ta' Novembru, 1982), meta konna weħidna f'waħda mis-swali tal-Isptar San Luqa, qaltli: "Tiftakar ħi meta konna mmorru bin-ngħaġ ta' Ġurdan? Int kont tħallini waħdi biex tmur tilgħab mat-tfal, jew tarahom jonsbu, u xħin kont insib ruħi waħdi f'dak is-skiet, f'dik il-ħemda, dik il-paċi, b'dak il-baħar ikħal u sabiħ quddiemi, kont inħoss hena kbira f'qalbi u kont insib ruħi nitkellem ma' Alla. Ma kontx għadni naf xi tfisser meditazzjoni, imma dħalt soru, u fin-novizzjat għallmuna kif għandna nagħmluha, ftakart li jien il-meditazzjoni kont bdejt nagħmilha waħdi fuq ta' Ġurdan". U spiċċat id-diskors b'din l-espressjoni: "Kemm ġie li ħassejtni magħquda ma' Alla, hemm, fuq dik il-muntanja".

Dan id-diskors tagħha tant impressonani, li wara li mietet, qbadt il-vapur, ġejt Għawdex u tlajt fuq ta' Ġurdan; ridt nagħmel nofs ta' nhar waħdi hemm fuq biex forsi nħoss dik il-paċi u dik l-għaqda ma' Alla li kienet ħasset oħti xi ħamsa u sittin sena ilu, meta kien għad għandha xi tlettax-il sena. Ma ddispjaċinix għax f'dak is-skiet u f'dik il-ħemda, sibt lil oħti u sibt lil Alla.

Niftakar darba xħin mort lura ħdejha biex ngħidilha niġbru n-nagħaġ u mmorru lura lejn id-dar, sibtha ferħana se ttir, imma għal raġuni oħra; għadda in-*Naħrik* (Ġużepp Sultana: 1874-1956) li kien hemm fuq jonsob għall-gamiem, u xħin ra dit-tifla weħidha, kwieta kwieta, ħass għaliha, qabad gamiema milli kellu fil-gabjun u tahielha. Xħin wasalna d-dar, ommi qaltilha: "dik għax ħadthielu miskin lin-*Naħrik*?"; u b'dik il-kelma telfitilha l-gost kollu.

La kellna n-nagħaġ kellna wkoll il-ħalib għal filgħodu mal-kafe, u kellna biex nieklu s-sena kollha għax ġbejniet moxxi jew tal-bżar ma kienu jonqsu qatt. Għadni nħobbhom u niġġennen għalihom sallum. Mal-ġbejniet, l-ikel tagħna kien ikun l-aktar bl-imluħa: tonn, inċova, aringi, u żebbuġ kont issibilna dejjem meta tiftaħ il-kexxun tal-mejda. Mur oħlom bil-*fridge* dakinhar! Il-laħam, meta noqtlu xi fenek jew meta nġibu xi daqsxejn mir-Rabat nhar ta' Ħadd. Naf li kienu jħobbu jixtru ħafna l-mazzit u s-sonża tal-majjal li kienu jagħmluha fil-melħ u nieklu minnha l-ġimgħa kollha.

Anki tiġieġ kien ikollu kulħadd, u dawn kienu jservu biex bil-bajd tagħhom, in-nisa kienu jagħmlu n-nefqa, għax flus f'idejhom ma kienx ikollhom. Min jaf in-nanna Modesta kemm bagħtitni ngħarrex minn fuq il-bejt biex ngħidilha jekk il-flotta Ingliża tidħirx dieħla. Meta kienet tidħol il-flotta, il-bajd kien jogħla xi sold (E0.01) it-tużżana; għalihom anke dak is-sold iżjed kien flus. U kemm kienu jiġu xerrejja jħabbtu l-bieb biex jistaqsu għandniex bajd, tiġieġ jew fniek għall-bejgħ. Imma l-bajd kienu aktar jerfgħuh għal xħin jiġi *l-Kwakk* (Wiġi Zammit: 1864-1943). *Il-Kwakk*, bniedem kwiet, tqatta' u tiekol minnu; ma kienx jaf x'inhi malizzja. Kull filgħaxija kien idur ir-raħal kollu, mgħobbi xkejjer u bxiekel, ibiegħ dak li n-nies kienu jenħtieġu għall-ħajja: sal-pitrolju u l-ġarra taż-żejt kien iġorr miegħu. Iż-żejt kien ibiegħu bil-qasba, il-kbira jew iż-żgħira, b'erba' taqtiriet ġewwa fiha; anke l-qasba l-kbira kienet żgħira, aħseb u ara ż-żgħira. In-nies kienu aktarx iħallsuh bil-bajd tat-tiġieġ għax flus ma kienx ikollhom. Dan il-povru *Kwakk* sakemm jasal id-dar billejl kien ikisser nofsu, u *l-Kwakka* (Karmena Zammit xebba Busuttil: 1881-1939) erħilha tagħjat u tirreċta għax dik ma kienet xejn tat-tip tiegħu. Filgħaxija kienu jifthu d-daqsxejn ta' ħanut li kellhom (quddiem in-niċċa tal-Lunzjata), u xi erbat irġiel jinġabru hemm jieħdu xi tazza nbid.

Nagħaġ u mogħoż u annimali oħra ma kinux jinżammu fuq ikel bilanċjat u artifiċjali bħal-lum; kienu jinqdew biss b'dak li jiġbru mir-raba': tiben u silla, ful u żerriegħa tal-qoton, u fi żmien l-ingliża laqqat kemm tiflaħ; ma kontx tara ħlief nisa għaddejjin bl-ixkejjer fuq rashom u rġiel jgħabbu fuq xi karettun. Minn kif tilħaq is-silla konna nerħulhom jirgħu fiha, u aħna nieklu l-imgħasel, u malajr kienet terġa' ttella', biss kienet tibqa' qasira, imma xorta tinxef u tinqata'. Għat-tiġieġ kien hemm it-tagħsida tan-nuħħala, u l-qaraboċċ; u l-fniek jgħixu jiġru fil-bitħa u fl-imqawel, ilaqqtu minn dak li jħallu l-oħrajn.

Prodott ieħor kien il-kemmun (3), imma kellu ħajja qasira. Fil-bidu ġab il-flus u kulħadd intefa' fuqu; wara xi ftit staġuni ma ġewx għalih iżjed u baqa' ma' wiċċhom. Il-produzzjoni tiegħu għebet għal kollox. Anqas it-tadam ma kien jixxettel; ta' Għakrex (ta' Magro) kienu għadhom ma ħolmux bil-magna tal-kunserva (4). Il-progress ma laħaqniex meta kont għadni hemm l-Għasri. Għasir tal-għeneb kien isir, imma dan ukoll b'mezzi primittivi, mhux bħal-lum. Kienu jitfgħu l-għeneb ġewwa vaski (5) kbar u jidħlu jgħaffġu fuqu b'saqajhom. Ġie li rajthom ix-xatt għand ta' Coleiro meta kont immur maz-zijiet nieħu l-għeneb għandhom.

Naħseb li l-itjeb prodott ta' tfuliti kien il-bettiħ (6) tal-ispag li konna nniżżlu minn ta' Ġurdan. Anki d-dulliegħ kien iħabbatha miegħu. Dik benna! Dik tjubija! Ikolli ngħid li bl-użu tad-demel artifiċjali (minjura tan-nitrat) dik il-benna ħekk ħelwa llum spiċċatlu l-bettiħ ta' dawk l-inħawi. Minn ta' Ġurdan iz-zijiet kienu jniżżlu tagħbijiet sħaħ ta' bettiħ u dulliegħ. Darba niżżlu dulliegħa ta' kobor eċċezzjonali u n-nanna Modesta qaltli: "Pepp, għax ma tmurx biha l-Wirja ta' Santa Marija; xi premju tieħu żgur". Il-proposta għoġbitni; mort sibt lill-*Koxxu* jiġi miegħi; għabbejniha fuq il-karettun tagħhom u tlaqna lejn ir-Rabat bid-dulliegħa tiżfen skont iż-żegliga tal-karettun. Kelli mitt sena li tisbaħ Santa Marija biex immur il-Mall nara xi premju messni; naħseb li kont minn tal-ewwel li għaddejt ir-rixtellu dakinhar filgħodu kif fetħu. Dort daqsxejn minn-naħa għall-oħra sakemm sibt id-dulliegħa, imma premju magħha ma kienx hemm. Naħseb li wassalniha kollha mġelġla b'dak iż-żeglig kollu tal-karettun u xħin rawha nofsha mħassra, warrbuha. Kont miftiehem mal-Koxxu li l-premju naqsmuh bejnietna u bqajna b'xiber imnieħer.

**IL-KAĊĊA, IS-SAJD, U L-INSIB**

U kemm kienet tgħAddi kaċċa dak iż-żmien; speċjalment is-summien kien jitla' qtajja' qtajja'. Min kien ikollu kelb tajjeb kien jaqbad kemm irid. Waqt il-passa kulħadd għaddej bil-ħorġa mimlija. U xi kwantitajiet ta' merilli kien ikun hemm lejn Wies il-Għasri! Dak għana meta tibda toqrob lejn il-wied! Darba rabbejt wieħed, imma fl-aħħar 'l ommi dejjaqtha għax iħammeġ wisq, u ddeċidejt li nieħdu miegħi ir-Rabat u nara nsibx inbiegħu. Għand min mort tagħni ħames xelini (E0.58); ħames xelini dak iż-żmien kienu flus; imma xħin ġejt biex noħorġu mill-gabjetta, dan il-merill jaħrabli u bqajt mingħajru u mingħajr flusu.

Fi żmieni anke ċ-ċawl kien għadu jeżisti fi kwantitajiet kbar, u ma kienx biss fuq ta' Gelmus, imma ma' kullimkien, u mans kemm jista' jkun. Anke l-kaċċa tal-fniek kienet popolari ħafna. Għadni nara lil Marozz tax-Xnejni (Saliba: 1888-1953), il-Ħadd filgħodu xħin konna sejrin għall-quddies f'tal-Patroċinju, nieżel minn fuq ta' Ġurdan bi tlett ifniek imdendlin miegħu; u kulħadd jifraħlu. Anke lejn is-Sagħtrija kien ikun hemm, u darba n-nannu Mikiel (Saliba, tal-Biġiar jew tal-Bidott: 1849-1921) sab bejta, u ħadni miegħu biex naqbduhom flimkien. Dak ferħ dakinhar! Tkun tfal tifraħ b'kollox.

Żmien il-kaċċa kien żgur l-isbaħ passatemp għad-dilettanti li ma kinux ftit; anke jekk dejjem bil-biża' li sejrin jinqabdu minn xi puluzija. Passatemp ieħor kien dak tas-sajd; ħafna drabi b'daqsxejn ta' qasba u xi żewġ nassi, għax dgħajjes u frejgatini ma kellu ħadd. Anqas il-kmamar li hemm illum f'Wied il-Għasri kien għadom ma nbnew. Ftit ħafna kienu dawk li bħaz-zijiet kellhom l-imrejkba (il-konz) biex jitilquha għall-lampuki jew l-imsell.

Meta s-sħana tas-sajf kienet tagħfas sewwa, u x-xogħol fir-raba' u fuq l-andar kien imajna, kienet tibda purċissjoni lejn Wied il-Għasri; kuljum għandek tara lil xi ħadd nieżel 'l hemm; in-nisa biex jixxabtu mal-blat u jaraw kif se jinżlu sa isfel nett u l-irġiel jinxterdu fl-inħawi, iramplu bin-nassi għaċ-ċawl u l-voparella. Fu żmieni, ċ-ċawl ta' Wied il-Għasri kien imfittex ħafna għall-aljotta, u dawk li kienu jiġu bil-kannestru fuq rashom ibiegħu il-ħut, kienu jgħajtu bih: "Ta' Wied il-Għasri ċ-ċawl...ta' Wied il-Għasri ċ-ċawl".

Anki z-zijiet tiegħi Toni u Karmnu kienu minn dawk id-dilettanti; jidhirli li kienu huma li bnew ġo Wied il-Għasri l-ewwel kamra meta akkwistaw daqsxejn ta' luzzu. Rari biex kont narahom nezlin u ma nitlobhomx immur magħhom; dik kienet tkun għalija kull darba festa ġdida. Rikkreazzjonijiet oħrajn ma kellix; naf li kelli seħer għal hemm isfel.

Kulħadd kien isib xi sies jew xi rokna fejn idendel in-nassi, u fl-istess ħin bil-vlontin joqogħdu jistadu għal tal-qiegħ. Kulħadd kien imur għal rasu, imma xħin isir nofsinhar kienu jinġabru gruppi gruppi flimkien biex dak li jkunu qabdu jixwuh fuq il-ġamar, u jikluh qishom familja waħda. Bija kienu jinqdew biex immur niġbor il-ħuxlief, iż-żkuk, u r-redus in-niexef ukoll...u jien indur is-Sagħtrija taħt xemx taqli, imma ferħan u kuntent għax qiegħed Wied il-Għasri, u għax qbadna l-ħut x'nixwu.

X'kull ikla konna nagħmlu ġewwa dak l-għar tal-Ħdejdija! Kemm kien post ħelu, sabiħ, kwiet, u frisk! Hemm ġew is-sajf kont tinsieh għal kollox. Xi dnub, fettlilhom jagħmlu dak it-taraġ li spiċċa biex qered l-għar tal-Ħdejdija! Veru li konna nbatu biex ninżlu sa ġo fih, imma mbagħad il-paċi, l-hena, il-frisk li kien hemm, niżgurak li għadni nħosshom u għadhom f'qalbi. Lili, z-zijiet kienu jitfgħuni fuq spallejhom u niżżluni mdendel magħhom, u niftakarni nagħlaq għajnejja jien u nieżel għax kont nibża' nħares 'l isfel. Għadni narahom quddiemi dawk il-qabda rġiel imdawrin mal-ġamar, iqallbu l-ħut biex jinxtewa minn naħa u minn oħra. Dak kien *barbecue* ħija!...dak il-ħut frisk jaqbeż fuq il-maġmar; xi waħda sabiħa kienu jagħtuha lil Dun Ġużepp ta' Pawla; għadha tidwi f'widnejja l-kelma: "Din għalik Dun"; u wara ikla ħut iduru għall-ġbejniet tal-bżar, bil-basal u t-tadam, u jtemmu bid-dulliegħ u l-bettieħ tal-ispag minn Ta' Ġurdan; dak li llum spiċċat il-benna tiegħu. Xħin ma jifilħux jieklu iżjed jintefgħu żaqqhom 'l fuq jistrieħu. Dik għalija kienet tkun mhux l-ikbar festa, imma avveniment ġdid kull darba. Għaddew tant snin minn dak iż-żmien, imma il-Ħdejdija baqgħet *a soft spot* f'qalbi. Ħassejt għafsa kbira meta mort u ma sibthiex iżjed.

Fi tfuliti, sajjied prim kien Ġorg (Galea: 1864-1955) tal-Merkant. Kien fih mitt gost tisimgħu jirrakkonta fuq l-imgħoddi; allavolja taf li qed iħarref; imma turihx li mhux qed temmnu għax ikollok xi tgħid miegħu. Meta xjieħ sewwa u ma baqax jara tajjeb, ma tantx qabad ħut iżjed, imma xorta waħda kien jitkaxkar u jinżel sa hemm isfel, u xħin ħut ma jmissux, kien jibda jiġġieled mal-baħar u jobżoq għalih!

Sajjied ieħor tajjeb, speċjalment tal-kaħli, kien Żeppu (Saliba: 1870-1934) tal-Bdott. Imma dak ħadd ma kien ikun jaf kemm qabad, għax li jaqbad jitlaq bih lejn ir-Rabat biex jagħmlu flus. Żeppu tal-Bdott kellu don ieħor: kien jaf jagħmel il-fjuri artifiċjali ; forsi għad hemm x'imkien f'Għawdex, xi bukketti li għamel hu, għax dak iż-żmien kien imfittex.

Darba z-ziju Toni niżżilni miegħu wara nofsinhar biex imur jistad għall-imsell; morna Ras ir-Reqqa u beda jlewwaħ għalih bil-qasba. Ħaġa tal-iskantament, ma kull tefgħa, ġejja waħda, u xi kultant anki tnejn. Jien sirt kolli għajnejn għax ħaġa bħal dik ma kont rajtha qatt u anqas erġajt rajtha. F'daqqa waħda l-imsell donnu għeb għal kollox u ma messitx iżjed waħda, (7) imma l-qabda kienet ġmielha u tgħidx kemm ħadet dik il-lejla n-nanna Modesta; kellha x'issajjar għal tmint ijiem.

Iz-zijiet, meta jibda jidlam kienu jmorru għall-kaħli, u billi jien kont norqod man-nanna, kont nibqa' mqajjem sakem jiġu għax kont immut jekk ma narax kemm ħut kellhom ġewwa l-ġewlaq. Qatt ma naf li ġew b'xejn; ftit jew wisq in-nanna kien ikollha dejjem x'issajjar meta jinżlu huma. Il-ħut kien dejjem u għadu l-għaxqa tiegħi.

(1) **L-espressjoni 'jiksru bit-talja' huwa mod partikulari ta' kif jinħadem ir-raba' fl-eqqel tas-sajf; jiġifieri mod ta' għażiq meta l-art tkun niexfa qoxqox. L-għażiq, jew il-ksir, kien isir bil-korxin jew bil-fiesa b'mod li l-art tinqala' tub tub, li l-bidwi, kull waħda, jaqlibha warajh ta' taħt fuq.**

(2) **'Ħalla' hija speċi ta' munzell, imma flok kwadrata, kien ikollha forma rettangolari.**

(3) **Il-kemmun beda jiġi mkabbar f'Għawdex fl-1913 (*Id-Devot ta' Marija* ta' Settembru, 1916, Nru. 9, p. 143)**

(4) **Il-magna tat-tadam ta' Għakrex, dakinhar bl-isem ta' St. Mary, bdiet taħdem nhar il-Erbgħa, 28 ta' Lulju, 1937 (*Il-Berqa*, 2 t'Awwissu, 1937, p. 11)**

(5) **Hawnhekk Patri Alfons irid ifisser mastelli – nofs bittija; bittija tal-injam isserrata minn nofsha.**

(6) **Il-bħajra (bettieħ u dulliegħ) f'Għawdex bdiet tiġi mkabbra b'mod abbundanti madwar is-sena 1920.**

(7) **Din il-kwalita' ta' sajd huwa teknikament magħruf bħala "sajd bil-fiena". It-terminoloġija wżata mis-sajjieda tal-fiena hija "tlewwaħ għall-imsell". Fis-sajd tal-fiena ma jintużawx snanar, iżda minflok ikun hemm biċċa għerq ta' barri li malli l-imsella tigdmu jew tmiss fuqu, snienha jeħlu fl-għerq b'mod li ma tkunx tista' tinqala'. Dan it-tip ta' sajd isir biss fil-bikri meta l-imsell ikun għadu rqiq. Meta jeħxien, l-imsell jistaduh bil-mitlaq jew bil-konz. Fis-sajd bil-fiena, s-sajjied irid isib il-post addattat, voldieri fejn il-baħar ikun kemmxejn imċaqlaq. Imbagħad irid jibda jagħlef sakemm jinġabar l-imsell. Meta l-imsell jinġabar, tistenna ċ-ċafċifa u tlewwaħ fir-ragħwa. Mal-messa trid tiġbed pront għax inkella l-imsella toqgħod titħabat biex teħles u tgerrrex lill-oħrajn. L-istess bħas-sajd tal-kaħli, jekk ma tkunx ħafif (fost is-sajjieda, t-termnu użat huwa: "jekk ma tkunx ħalliel") taqbad waħda bi żball u tista' żżarma. Kif aċċenna Patri Fons, filli tkun iġġib waħda għal waħda, u tnejn tnejn ma kull tefgħa, imbagħad jaqta' f'daqqa. Imma dak mhux għax ma jibqax imiss, imma għax ikun kamp imsell u jkun inqabad kollu.**

© Toni Calleja




Kartolina bix-xewqat tal-Milied '87, mibgħuta lili, Toni Calleja, fejn fuq quddiem, Patri Alfons, f'nota olografa kitibli: "***Hawn*** (jiġifieri fil-Knisja Bażilika tal-Madonna tal-Patroċinju) ***iltqajt l-ewwel darba mal-Bambin Ġesù!***"

# IL-FOLKLOR MARBUT MAL-KAPPELLA TA' SANTA MARIJA TAR-ROKNA (ĦAL TARXIEN)

**Joseph C Camilleri BA DEAM M.Ed**

**Ħal Tarxien hu għani fejn jidħol il-bini. Insibu tempji neolitiċi, vilel, palazzi, knejjes kbar u anke kappelli. L-aktar kappella qadima li għada wieqfa hija dik ta' Santa Marija. Magħrufa fost it-Tarxiniżi, bħala l-kappella ta' Santa Marija tar-Rokna. L-oriġini ta' din il-kappella jmur lura għas-seklu 16. Skont l-istuduż tal-istorja Monsinjur Vinċens Borg kien Zano Azupard (Azzopardi) li bniha. Il-kappella għall-ewwel kienet tħares lejn fetħa li tinsab biswit il-kappella. Wara l-Assedju l-Kbir l-kappella reġgħet inbniet. Din id-darba mill-flus ta' Dun Ġammari Barbara fl-1688. Matul is-seklu 18, studjuż ieħor, Joseph A. Farrugia, jgħid li l-kappella ġiet irranġata. Il-flus inħarġu mill-isqof Cocco Palmieri, u xi Tarxiniżi l-aktar Ġwanni Dumink Calleja. Maż-żmien il-kappella ġiet mogħtija kopla, kampnari u anke faċċata ġdida.**

## IL-FESTA

Il-kappella ta' Santa Marija għandha rabta kbira mal-poplu Tarxiniż. Andrea u Tereża Muscat ħallew piż biex mill-flus ta' biċċa art, bl-isem ta' **Tas-Salib**, jitħallsu l-ispejjeż ta' quddiesa u għasar f'lejliet u nhar il-festa ta' Santa Marija. Dan sar quddiem in-Nutar Massimiliano Troisi nhar l-10 ta' Marzu 1826. Din il-festa żviluppat f'festa tipika Maltija. Il-ħitan tal-kappella bdew jiġu miksija bid-damask aħmar. Iż-żewġ artali, dak ewlieni u dak tar-Rużarju, bdew jiġu mżejna. Il-faċċata bdiet tiġi mżejna b'bozoz u bnadar. Fis-snin ħamsin dan l-armar kien isir minn Karmenu Massa, missier il-poeta Alfred Massa. Miegħu kien ikun hemm Ġużeppi Dalli, is-sagristan tal-knisja parrokkjali. Wara, l-armar għadda għand ulied Ġużeppi Dalli u mbagħad daħlu fix-xena Joe Schembri, Ġużeppi Cutajar, Aurel Gafá u Daniel Schembri. L-aqwa ħaġa ta' din il-festa kienu l-qniepen. Minn qabel il-festa l-qniepen kienu jimlew l-arja bil-ħsejjes tagħhom. Dawn kienu jindaqqu mit-tfal li kienu joqogħdu qrib il-kappella. Wieħed minn dawn it-tfal kont jien. Biswit il-kappella kien hemm id-dar tan-Nanna Ġużeppa. Aħna l-kuġini konna nqattgħu l-jiem ta' nofs Awwissu fil-kappella. Ma kienx hemm bżonn nużaw il-kappella għaliex mill-bejt tad-dar tan-Nanna konna nistgħu jidħlu fil-kampnari. Meta joqrob nofs in-nhar kullħadd għal fuq Santa Marija. Kulħadd kien jieħu qanpiena u bid-daqq konna nqajmu lil kulħadd.

Kulħadd kien jieħu pjaċir bid-daqq. Billi Triq Santa Marija kienet waħda mit-toroq ewlenin ta' Ħal Tarxien, in-nies li kienet tgħaddi, kienet tieqaf tħares. Kien hemm min kien jidħak għaliex kien jagħraf lilna t-tfal, kien hemm minn jgħid xi talba lil Omm Alla, u kien hemm min kien jibqa' sejjer għax kien sar il-ħin tal-ikel. L-aktar waħda li kienet tħobb tisma' l-ħsejjes tal-qniepen kienet mara li kellha ħanut tal-ħelu – Ġużeppa ta' Tabibu. Din flimkien ma' żewġha kienu joħorġu biex jaraw lilna t-tfal indoqqu. Magħna ġieli kien ikun hemm it-tfal iż-żgħar tagħhom. Id-daqq kien jieqaf ftit wara u jerġa' għall-ħabta tal-erbgħa. Lejlet il-festa u nhar il-festa l-kleru Tarxiniż kien jitla' biex ikanta l-għasar. Il-qofol tad-daqq kien ikun qabel u wara l-quddiesa. Il-quddiesa ta' nhar il-festa kienet tkun mimlija nies.

In-Nanna Ġużeppa, magħrufa fost it-Tarxiniżi għall-ħanut li kellha biswit il-kappella, kienet tqabbad lil uliedha biex jippraparaw ftit kafè u xi ftit ħelu lill-kleru. Ġieli ma' dawn kien ikun hemm ukoll il-ħobż biż-żejt. Dawn kienu servuti jew fis-sagristija jew għand Ġużeppa stess. In-neputini ta' Ġużeppa kienu jinġabru mal-kleru jistennew li l-kleru jitlaq għaliex kienu jduru għal dak li kien jibqa'. Din id-drawwa spiċċat mal-mewt tan-nanna.

Qabel it-Tieni Gwerra Dinjija, l-kappella kienet tkun miftuħa għall-fidili lejliet il-festa. In-nies li kienu joqogħdu fl-inħawi kienu jżuruha biex jagħmlu l-Viżti tas-Seba' Santa Marijiet. Skont il-kittieb Joseph A. Farrugia, wara li n-nies kienu jgħidu xi talba lill-Madonna, kienu jispiċċaw biswit l-għajn li kien hemm fil-misraħ ta' quddiem il-kappella. Hawn kienu jixorbu jew jaħslu wiċċhom. Ta' min jiftakar li lejlet Santa Marija kien ikun jum ta' sawm u mixja wara sawma ma tantx tinżillek tajjeb.

## EX-VOTO

Din il-kappella kienet ċentru ta' devozzjoni Marjana. Skond il-kittieb Tarxiniż Joe Farrugia, fl-imgħoddi kien hemm diversi kwadri ex-voto. Illum insibu żewġ kwadri ex-voto. Wieħed minn dawn juri raġel fis-sodda u qribu hemm viżjoni tal-Madonna tielgħa s-sema. Fir-rokna ta' dan l-inkwardu hemm l-ittri VFGA (li jfissru Voto Fatto Grazia Accetta – Wegħda magħmula u grazzja maqlugħa). Dan ix-xogħol iġib id-data tal-15 ta' Settembru 1789. L-ieħor juri tfajla maħkuma mix-xitan. Din tinsab quddiem l-altar tal-Assunta. L-ispirti ħżiena qegħdin joħorġu minnha. Dan hu aktarx xogħol tat-tmiem tas-seklu 18.

## IL-KAĊĊA

It-Tarxiniżi kienu fil-maġġorparti tagħhom raħħala tal-mogħoż. Fl-imħawi tal-kappella ta' Santa Marija tar-Rokna hemm id-distrett ta' **Wara l-Bjut**. Dan id-distrett kien mimli b'raħħala tal-mogħoż. Ir-raħħala kellhom delizzju wieħed: il-kaċċa. Għalhekk qabel joħorġu għall-kaċċa, kienu jżuru l-kappella ta' Santa Marija biex jisimgħu l-quddies. Din il-quddiesa kienet tkun għall-ħabta tal-erbgħa ta' filgħodu. Dun Franġisk Penza kien iqaddes din il-quddies. Billi Dun Franġisk kien popolari mat-Tarxiniżi, mexxielu, permess tal-flus ta' dawn in-nies ikabbar u jsebbaħ il-kappella. Kien hu li bidel il-faċċata tal-kappella. Qabel, il-bieb tal-ġenb kien il-bieb ewlieni. Dan taħ bixra Barokka u ġabu jagħti fuq Triq Santa Marija. Kien hu li żejjen il-faċċata bi statwa tal-ġebel ta' Santa Marija. Din l-istatwa tixbah ħafna l-istatwa titulari ta' Ħal Għaxaq. Din kienet xogħol Faurè.

IL-KAPPELLA F'JIEM TAS-SENA

L-aqwa jum tat-Tarxinizi kien il-festa tal-patruna tar-raħal Marija Annunzjata. Għall-ewwel il-purċissjoni bil-vara kienet tgħaddi minn Triq Betta u kienet tispiċċa fil-misraħ ta' biswit il-kappella. Meta l-purċissjoni kabbruha bdiet tgħaddi minn Triq Santa Marija. Dan kien ifisser li l-purċissjoni kienet tgħaddi quddiem il-kappella. Bil-mod il-mod bdiet tiżviluppa d-drawwa li waqt li tkun għaddejja l-vara r-reffiegħa kienu jdawru l-vara biex tħares lejn il-kappella. Dan kien issir billi meta tkun qiegħda riesqa l-vara xi nies kienu jitilgħu fil-kampnari. F'daqqa waħda jibdew idoqqu l-qniepen. Aktar ma tersaq il-vara d-daqq jiżdied u meta tasal kienu jdawru l-vara u xi kultant kienu jaħarqu l-musketterija minn fuq il-kappella. In-nies tal-madwar kienet toħroġ barra biex tara l-purċissjoni. Min kien iċapċap u min iħares. Kien ikun hemm atmosferija tassew sabiħa.

Nhar San Ġwann il-misraħ ta' Santa Marija kien ikun mimli daqs bajda. Hawn kienu jiġbru kull biċċa għamara li l-mara tad-dar ma ridetx aktar. Kien ikun hemm muntanja ta' affarijiet. Meta x-xemx tkun qed tbatti sewwa, kienu jqabbdu n-nar u l-ġuvintur tar-raħal kien juru s-saħħa u l-ħila tagħhom billi jaqbżu l-ħuġġieġa. It-tfajliet kienu jinġabru biex jaraw il-ġuvinturi jaqbżu. Għalhekk din kienet okkazzjoni biex it-tfajliet jaraw iż-żgħażagħ tar-raħal tagħhom. Minn dawn kienu jitwieldu l-familji. Il-qawl Malti jgħid: Baqra tajba tinbiegħ pajjiżha.

Meta jkun riesaq il-Milied, kienu jarmaw presepju kbir f'din il-kappella. Dan kien isir mis-sur Joe De Bono, għalliem tal-Matematika. Dan il-presepju kien jinfetaħ għall-pubbliku. Kien presepju tradizzjonali. Kien ikun fih pasturi sew kbar u sew żgħar; u bix-xena fuq wara. Dan il-presepju kien iqanqal ir-ruħ fil-jiem tal-Milied. F'din il-kappella kienu jsiru wkoll xi priedki mill-membri tal-muzew.

ILLUM

Il-kappella ta' Santa Marija tinsab bi stat li jitlob restawr sew minn ġewwa u sew minn barra. Hija waħda mit-teżori ewlenin ta' dan ir-raħal. J'alla ssib patrun biex jagħtiha ftit tar-ruħ. Din il-kappella torqod matul is-sena iżda f'jum il-festa l-qniepen iqumu u jagħtu dik id-doża ħelwa lill-festa.

**Referenzi:-**

Buhagiar M., Marian - *Art during the 17th and 18th centuries*, Malta, 1983.

Farrugia J. A., - *Triqat Ħal Tarxien*, Kunsill Lokali Ħal Tarxien, 2007.

Borg V. Marian - *Devotions in the Islands of Saint Paul (1600-1800)*, The Historical Society Malta, Malta, 1983.

Terribile T., - *Teżori fil-Knejjes Maltin – Birżebbuġa, il-Fgura. Ħal Għaxaq, Ħal Luqa, Santa Luċija, Ħal Tarxien*, Pubblikazzjonijiet Indipendenza, Malta, 2008.

Terribile T., - *Teżori fil-Knejjes Maltin – is-Siġġiewi, Ħaż-Żebbuġ*, Pubblikazzjonijiet Indipendenza, Malta, 2004.

**© Joseph C. Camilleri**



**Santa Marija tar-Rokna**

IT-TAQBIL FOLKLORISTIKU F'BORMLA:

# IL-KĊINA U L-IKEL

Angelo Duagall

Din it-taqbila kien qalhieli Mikiel Agius, Bormliż, fl-1971. Kienet titqabbel bejn ommu Ġovanna u l-ġara. In-nisa tad-dar kienu jħobbu jqabblu bejniethom bħala passatemp.

Innutaw l-użu tal-frażi "Ma hux" u " Ma hix". Dan hu użu djalettali tan-naħa tal-Kottonera u xtaqt inżommu f'dawn it-taqbiliet.

1. Forn mhux kuċiniera,
Prajmus mhux spiritiera,
Gradilja mhix kenur,
U ikel nej m'huwiex misjur.

2. Il-Ħut m'huwiex laħam,
Sonza ma hix xaħam,
Għadam mhux mudullun,
U summiena mhix beċċun.

3. Qanniċ mhux vetrina,
Mgħarfa mhix kuċċarina,
Mejda mhix fuklar,
U melħ ma hux bżar.

4. Minestra mhix kawlata,
Artiċokks m'huwiex patata,
Sfinġa mhix għaġin,
U Karfus ma hux tursin.

5 Brunġiel il-forn mhux kapunata,
Indivja mhix insalata,
Każbor mhux żagħfran,
U ħasi mhux dundjan.

6. Murtadella mhix perżuta,
Soppa mhix imbuljuta,
Dqiq ma hux smid,
U ħall ma hux inbid.

7. Kamra tal-pranzu mhix kċina,
Torta mhix pudina,
Pagna mhix tigan,
U żaqqieq qatt m'hu xebgħan.

8. Ħbejża ma hix ftira,
Għaġina ma hix ħmira,
Mili mhux kapuljat,
U soppa tal-armla mhix stuffat.

9. Ġbejna mhix irkotta,
Ħobża friska ma hix xotta,
Qagħqa mhix bezzun,
U boqqa mhix bukkun.

10. Kikkra mhix plattina,
Kafe' mhux kokotina,
Maskta mhix riżolin,
U tazza mhix bikkerin.

11. Tilar ma hux turtiera,
Tal-bżar ma hux zalliera,
Pranzu mhux bankett,
U mfarrad ma hux sett.

12. Vaska mhix mejjilla,
Fidloqqom mhux gamumilla,
Bomblu mhux buqar,
U duħħan ma hux fwar.

13. Zalzetta mhix braġjola,
Ċiċri mhix fażola,
Marġerina mhix butir,
U xiwi mhux tisjir.

14. Kitla mhix stanjata,
Froġa mhix balbuljata,
Mustarda mhix ċawċaw,
U mbuljuta mhix kawkaw.

15. Furkettun m'huwiex furketta,
Balla mhix pulpetta,
Ross il-Forn mhux imqarrun,
U ċanga mhix muntun.

16. Paraventu mhux purtiera,
Armarju mhux xtelliera,
Passatur ma hux lembut,
U ċawsli m'humiex tut.

17. Qoffa mhix bixkilla,
Kusksu mhux bigilla,
Piżelli m'humiex ful,
U dak li fadal mhux mikul.

18. Bebbux ma hux aljoli,
Pasti mhux kannoli,
Falda mhix majjal,
U ġagaga mhix fardal.

19. Maktur mhux sarvetta,
Ponċ mhux aniżetta,
Krema mhix ħalib,
U passolina m'hijiex żbib.

20. Zalza mhix kunserva,
Koka m'hijiex serva,
Zunnarija mhix ravanell,
U Krustina mhix biskuttell.

21. Fenkata mhix frakassija,
Imbjank ma hux toqlija,
Bużbież mhux ġunġlien,
U stasija mhix miżien.

22. Ġulepp m'huwiex essenza,
Sawm mhux astinenza,
Kaboċċi m'humiex ġdur,
U borma tagħli le ma tfur.

23. Pane-di-Spanja mhix pannura,
Qubbajt mhux konfettura,
Pistaċċi m'humiex lewż,
U qastan mhux ġellewż.

24. Tudun m'huwiex ħamiema,
Tiġieġa mhix gamiema,
Timpana mhix ravjul,
U ftieta mhix ħobż miblul.

25. Biskotti mhux biskuttini,
Karamelli mhux perlini,
Ħelu mhux xkunvat,
U granita mhix ġelat.

26. Galettina mhix galletta,
Għads ma hux favetta,
Ħabaq mhux nagħniegħ,
U qaraħmar mhux bettieħ.

27. Mus m'huwiex sikkina,
Enemel m'huwiex kina,
Pastizzi mhux qassatat
U mluħa mhix immarinat.

28. Sidra mhix kustilja,
Lewż morr m'huwiex vanilja,
Deżerta m'hijiex frott,
U nħasa m'hijiex bott.

29. Sjuna mhix skutella,
Ċikkulata mhix kannella,
Sassla mhix kuċċarun,
U damiġġjana mhix flixkun.

30. Ħaxu mhux intrita,
Milwa mhix mazzita,
Selq m'huwiex ħass,
U dgħif m'huwiex grass.

31. Ilma frisk m'huwiex ruġġata,
Birra mhix luminata,
Qali mhux fuq il-fwar,
U żebbuġ ma hux kappar.

32. Misħun mhux ilma jagħli,
Sufle' mhux pastarjali,
Tal-merċa mhux is-suq,
U min inaqqar le ma jduq.

© Angelo Duagall

## ĦABIBI ĠANNI ELLUL

**Waqt li jien u ħbiebi konna nkunu filgħaxija fuq bank fl-ispjaġġa ta' Birżebbuġa, Ġanni Ellul "Ta' Beżżani" kultant kien jieqaf ħdejna u jqabbel xi għanja. Ġanni miet fi Frar tal-2010 fil-għomor ta' 71 sena, f'Birżebbuġa fejn kien joqgħod. Kien minn Ħal Luqa, raġel mibni b'saffejn, u f'żgħożitu kien jaħdem f'barriera tal-ġebel – xogħol iebes. Kien iħobb il-klieb, u kellu kelba sewda, fidila ħafna, tiġri dejjem miegħu. Minn għandu kont smajt dawn it-taqbiliet, għax minn qaddisu l-Malti jħobb iqabbel:**

**1. Iż-Żrieżer**

**Iż-żrieżer qegħdin jgħannu,**
**l-għana tagħhom fih il-ġid,**
**U fid-dielja mdendel l-għeneb,**
**Lilu jsajru għall-inbid. (2004)**

**2. Il-Kokka**

**Il-kokka tajra kerha,**
**Issibha fil-widien,**
**U tgħaddi l-lejl titajjar,**
**Biex taqbad xi ġurdien.**

**Lejn il-bejta tagħha tieħdu,**
**U hemmhekk dana jispiċċa,**
**Għax tagħmel ikla minnu,**
**U tieklu biċċa biċċa. (2007)**

**3. Il-Kelba**

**Għandi kelba sewda sewda,**
**Hija d-Duda ċkejkna tiegħi,**
**Sieħba kwieta u kemm inħobbha!**
**Fejn immur noħodha miegħi. (2007)**

**Angelo Dougall**

# "OĦXON L-IMĦAR, ARA KEMM HU ĦAJ!"

**Karmenu Pace**

**L-imħara hija frotta tal-baħar li minn dejjem kienet imfittxija mill-Maltin. L-imħar jikber waħdu, bħalma jikber waħdu r-rizzi, u dari kien jitqies li hu barka t'Alla. B'ponn imħar, biċċa ġobon, basla nejja, u tadama, kont tiekol ħobża sħiħa tal-Malti.**

Biex l-imħara tkun tajba għall-ikel trid tkun minn daqs ta' munita ta' għaxar ċenteżmi sa daqs ta' waħda taż-żewġ ewri. L-imħara tgħix f'dik il-faxxa ta' blat minn ma' wiċċ l-ilma sa sitt piedi 'l fuq, basta li xi darba jew oħra jilħaqha l-mewġ biex jaħsilha; u minn wiċċ l-ilma so ftit 'l isfel. L-imħar, fil-fatt, jgħix billi jiekol minn dak li jkun fih l-ilma baħar meta dan jitla' u jinżel mal-blat. L-imħara ma tgħix il-ħin kollu ċatta mal-blat, għax meta jitla' l-ilma jaħsilha, din tintrefa' b'mod li tħalli l-ilma jgħaddi minn taħt qoxritha, u hi ssoff l-ingredjenti tajba li jkun fih. Meta jkun maltemp, l-imħar ta' qrib l-ilma jibda' jimxi, jimragħ u jirgħa, u jintrefa' 'l fuq kważi bħal ma jagħmel il-bebbuxu. Dan jista' jagħmlu biss meta l-blat ikun imxarrab, għax l-imħara ma timxix fuq il-blat niexef. (Biex il-bebbuxu jimxi fuq in-niexef, joħroġ minn ħalqu dak li jissejjaħ "lagħb" biex ikun jista' jiżżerżaq fuqu).

L-imħara għandha wkoll qrun żgħar (*feelers*) u tużahom meta tkun tirgħa. Taqbad mal-blat b'saħħa kbira u ma taqlagħhiex jekk mhux b'xi strument bil-ponta. Dari kien ikollhom biċċa għodda jgħidulha l-QALLIEGĦA – biċċa ħadida qisha turnavit imma b'tarf li jkun merfugħ 'il fuq biex ikun għax-xeħta. Għax biex inti taqla' imħara trid tqabbad it-tarf tal-qalliegħa taħt ix-xifer ta' qoxritha, u ddawwar 'l hinn u 'l hawn, qisek qed tgħawwar, biex tillieva l-imħara. Din, min-naħa tagħha, meta tħossok, tissikka mal-blat u ma taqlagħhiex malajr. Imma jekk taħsadha u ssibha ftit merfugħa minn mal-blat ikollok ċans iddaħħal ix-xafra taħt il-qoxra u ma tbatix biex taqlagħha.

Mhux kulħadd jaf jaqla' l-imħar sewwa, għax għal dan trid ċertu sengħa. L-iktar importanti hu kif taqla' l-imħar bla ma tkissru. Jekk ikollok qalliegħa li ma jkollhiex xifer ċatt u rqiq biżżejjed, aktar iva milli le int se xxellef jew tkisser il-qoxra. Xorta taqlagħha minn mal-blat imma meta tiġi biex tikolha, se tittantak biex taqlagħha minn mal-qoxra. Barra minn hekk, jekk tħalli l-imħara sa filgħaxija jew l-għada, din tmutlek, mhux bħal l-iehor li tkun qlajt sħiħ. L-imħara taqlagħha minn mal-qoxra billi ddaħħal il-ponta tal-mus taħt laħamha u ddur magħha dawra mejt. Tista' tuża l-qoxra tal-ewwel imħara li taqla' bħala għodda biex taqla' l-oħra. It-togħma tal-imħar għalija hija l-itjeb fost il-molluski kollha. Gidma ġobon tal-ħakk, gidma tadama, gidma basla nejja, mħara waħda jew tnejn jew tlieta...u għidli x'qed tiekol. U jekk trid tagħmel xi sjett bi ftit żejt, melħ, bżar, u qtar tal-lumi biex tbill biċċa ħobż bih u tiekol l-imħar biha, tajjeb ukoll. Hawn min iħobb isajru – biz-zalza ma' platt għaġin.

Iż-żmien tajjeb biex "iddur għall-imħar" (dik hi l-espressjoni użata) jibda lejn l-aħħar ta' Jannar. Fi tfuliti kont tisma' lil wieħed jgħid lill-ieħor: "daqt immorru nniggżuh xi naqra" – għax il-moviment mgħaġġel użat meta tkun taf taqilgħu jixbaħ lil dak ta' meta tniggeż lil xi ħadd b'xi ponta. Lejn l-aħħar ta' Jannar, il-baħar ikun għadu kiesaħ, u mhux se tmur taqla' l-imħar bil-għawm. Trid toqgħod iddur max-xatt, mal-blat, taħt l-ingravar, u forsi tinżel sa rkubbtejk fuq xi ħafa. Dan mhux xogħol ħafif. Biex taqla borża mħar, tkisser dahrek, u trid spiss tistrieħ u tiddritta ftit. Min jaqilgħu iġorr miegħu borża taċ-ċarruta magħmula b'mod li tingħalaq billi tinġibed qafla mdaħħla fil-keffa ta' fuq. Ġieli jkollok iżżomm id waħda ggranfata mal-blat u bl-oħra taqla' l-imħar. F'dak il-każ il-borża titfagħha ftit fuq il-blat sa ma terġa' tiċċaqlaq biċċa oħra. Imma l-biċċa l-kbira, min jaqla' l-imħar iżomm id waħda miftuħa biex jilqa' l-imħar fiha, u jaqla' bl-id l-oħra. Meta l-keffa t'idu timtela, jitfa' kollox ġol-borża. Meta jkun qala' biżżejjed, jaqta' ftit ħabaq u jqiegħdu fil-wiċċ, għax ir-riħa tiegħu tiftaħlek l-aptit.

Mhux kullimkien hu tajjeb għall-imħar. Ċerti postijiet ikunu magħrufa man-nies tar-raħal, u meta jasal żmienu kulħadd ikollu ġenn biex jilħaq post hu l-ewwel, għax jekk ikunu daruh, tmur u ma ssib xejn. U meta tkun taqla' mhux l-ewwel darba li jkun hemm xi ħadd warajk u jgħidlek: "Ħalli waħda għar-razza!" Ħafna min-nies tar-raħal kienu bdiewa, u dak li jkun mhux se jħallilek ix-xogħol tar-raba' biex imur jaqla' erba' mħariet. Għalhekk meta jagħmel dak il-bnazzi ta' Jannar u l-baħar ikun żejt ikun hemm ħafna dilettanti li moħħhom ikun biex imorru sax-xifer għall-imħar. U min ikun fortunat li jilħqu l-ewwel jaf jaqlagħlek mal-wiżna f'nofs ta' nhar. Il-bdiewa kienu jistennew il-Ħadd biex jersqu lejn ix-xifer għax is-Sibt ma kienx frank għalihom. Kienu jbakkru għall-quddiesa

tal-ewwel, għax dak iż-żmien ma kienx hemm tas-Sibt jew tal-Ħadd filgħaxija.



### Qalliegħa tal-Imħar

Jekk l-imħar ikunx tajjeb jew le, jiddependi mit-tip ta' blat li jkun qed jirgħa fuqu. L-aħjar hu dak l-imħar li jkun jirgħa fuq il-blat tal-qawwi – dak il-blat iswed, żonqri, u jniggeż. Ikun hemm ħoss partikolari meta int iżżerżaq il-qalliegħa għal taħt imħara li tkun fuq il-qawwi. Dan il-ħoss ma tisimgħux meta l-blat ikun tal-bajjad – franka ratba. U meta l-imħar ikun fuq il-qawwi, laħmu jkun jagħti fl-isfar u jqarmeċ. L-aħjar hu meta l-blat ikun iħares għal għajn ix-xemx għax l-imħar ikun iktar b'saħħtu. Dak li jitrabba fid-dell, laħmu jkun xehbi, sewdieni, imma jekk ikun fuq il-blat tal-qawwi, ikun tajjeb xorta. Filfla hija magħrufa ħafna għal-kwalita u d-daqs tal-imħar. U daqshekk ieħor hu magħruf il-blat tal-irdumijiet ta' Ħad-Dingli. F'dawn il-postijiet, peress li ma jintlaħqux minn kulħadd – għax trid tmur għalihom bid-dgħajsa – l-imħar ikollu ċans jeħxien u għalhekk ikun imħar sabiħ. L-imħar tal-qawwi jkun imbuzzat, u jkollu ħafna laħam, mhux bħal dak l-imħar li jgħidulu "tas-sellieħ".

Fis-6 ta' Diċembru, 2010 tkellimt ma' Kola magħruf bħala "ż-Żmond" u staqsejtu kemm jaf b'kwalitajiet ta' mħar differenti. Huwa semmieli l-imħar tal-qawwi, u l-imħar li jgħidulu sellieħ. Qalli li s-sellieħ jikber ma' xifer l-ilma u anke taħt l-ilma, fil-qiegħ u qalli li dan ma jinġabarx għax mhux tajjeb għall-ikel. Is-sellieħa hija mħara ċatta u għalhekk ftit li xejn fiha laħam ġewwa. Fil-fatt laħamha huwa bħal qoxra jew ġilda xierfa, t-togħma tagħha mhix tajba, u meta taqlagħha minn mal-qoxra jinfaqgħu l-imsaren u tqallek. Imma xorta hawn min jikolha. Jien stess nista' nikkonferma li s-sellieħ jitrabba anke taħt l-ilma. L-ewwel darba li smajtha din kien minn għand Żaren "il-Merlin" jew "Priepes", sajjied prim, li kien qalli li kienu jgħoddsu għalih ħdejn Filfla. Ma għandniex xi ngħidu naħseb li kienu jiekluh. L-ewwel darba li kelli okkażjoni li mmur Filfla biex nogħdos kont qgħadt attent u veru kont sibt imħar kbir ċatt mal-blat li hemm fuq wara ta' Filfla. Dan sibtu wkoll mal-blat fil-qiegħ bil-bajja magħrufa bħala Ta' Buleben, qrib il-lukanda Dolmen, Buġibba. Jien ippruvajtu u ma niżilli xejn. Imma l-qoxra tiegħu hija nteressanti, għax fil-kobor jidhru l-pizzi dawramejt max-xifer. U meta taqlagħlha laħamha l-qoxra minn ġewwa tkun qisha madreperla, li iżda malajr titfi jekk ma tidlikhiex b'xi lagħqa żejt. Biex taqalgħu dan is-sellieħ tal-qiegħ trid tagħmel is-saħħa għax peress li hu kbir mal-pulzier u nofs jqabbad iktar ma' wiċċ il-blat li jkun taħt l-ilma u jekk ma taqlaqgħhiex ma' l-ewwel tentattiv l-imħara tiċċattja iktar mal-blata u tqabbad iktar biex tiddefendi ruħha. Dan il-qxur kont tajtu lil student tal-Profs.Schembru u bgħatli tweġiba li dan kien tar-razza "patella cerula" jiġifieri Tas-Sellieħ. Peress li jgħix ma' xifer l-ilma u jitgħatta bil-mewġ mhux l-ewwel darba li ssib mħar tas-sellieħ li fuq qoxortu jkun kiber il-għażiż u jekk ma tkunx tagħrfu ma tintebaħx bih. Il-ħaxix jkun jitliejeb mal-mewġ u jkun ta' lewn kannella.

"Is-sellieħ" qalli Kola, "ssibu kemm mal-blat artab kif ukoll mas-samm." Mill-banda l-oħra, l-Imħar tal-Qawwi, jew Tas-Samm, "patella rustica", Kola jaħseb li ssibu biss mal-blat tal-qawwi u l-aħjar li wiċċ il-blat ikun lixx. Kola għamel għomru u żmienu jdur għall-imħar 'l hawn u 'l hinn ma' ħbieb oħra tiegħu mill-Qrendi, daqqa minn max-xatt u xi drabi oħra minn fuq xi dgħajsa. Jiftakar li darba mar ma' Karmnu taċ-Ċuna taħt Ħad-Dingli u Kola kien tala' bilwieqfa fuq spallejh biex ikun jista' jaqla' erba' mħariet sbieħ li kien 'l fuq ħafna. Għax l-imħar tal-qawwi kapaċi jgħix sew 'l fuq minn wiċċ l-ilma, anzi dak li jkun 'l fuq ikollu togħma aħjar. Anke l-imħar tal-qawwi kapaċi jikber ġmielu anke 'l fuq minn pulzier. Iktar ma jkun xiħ u kbir iktar jitħatteb. Meta jkun żgħir laħmu jkun ta' lewn griż imma iktar ma jikber speċjalment dak li jkun mal-pied u iktar 'l fuq minn wiċċ l-ilma laħmu jibda jiħmar, ikun ta' lewn qamħi u jkollu x'tiekol għax laħmu jkun oħxon u ftit iqarmeċ taħt snienek. It-togħma tiegħu hija ħelwa mhux morra bħal dik tal-imħar tas-Sellieħ. Anke l-ġewwieni tiegħu jkun sod u ma jinfaqax u ma jqallakx, anżi jiftaħlek l-aptit. Dan l-imħar tal-qawwi kapaċi jgħix 'l fuq minn wiċċ l-ilma għax jikber f'postijiet mwarrba mal-blat tas-sies fejn soltu jagħmel il-mewġ għoli li jaħslu kull darba li jitla' ħdejh. Meta fil-jiem sajfija jagħmel xi tliet ġimgħat bnażżi żejt jgħidu li anke l-imħar qed jinxef għax ikun qed jerda' minnu nnifsu u jkun ixref mis-soltu. L-aqwa mħar, qalli Kola huwa dak ta' Marzu u l-aħjar huwa dak li jkun għal għajn ix-xemx. Kola semmieli lil Ninu Aquilina, iz-Zepezun, li kien jdur kull rokna tax-xatt taħt Ħaġar Qim u l-Imnajdra fejn hemm postijiet magħrufa għall-imħar - bħal ngħidu aħna Ras il-Miġnuna, Is-Solf, Il-Ponta ta' Rsejjen, ta' Bexxiexa, Denb il-Bagħla, u n-Niffied u tibqa' sejjer lejn il-Ġebel l-Aħmar, Għar Manwel, sal-Magħlaq u Lapsi. Dan Ninu z-Zepezun, skont Kola kien jemmen li iktar ma tagħmel xita, iktar l-imħar kien jikber. Għax ix-xita tnizzillu l-ikel minn mal-blat u l-imħar, skont hu, jħobb l-ilma ħelu. "Ilma tax-xita u xemx irid l-imħar. Fejn ikun delli ma jikbirx", qalli Kola. Jiġifieri l-aktar li jikber u jiħmar huwa fejn il-faċċata tal-blat tkun tħares lejn in-nofsinhar bħalma huma l-inħawi li semmejt taħt Ħaġar Qim u l-blat ta' taħt Ħad-Dingli. Kola qalli li meta kien tela' fuq spallet Spreneċ taħt Ħad-Dingli kien hemm qattara li kienet terħi l-qtar għal fuq dak l-imħar sabiħ li kien sab. Filfla wkoll hija magħrufa ħafna għall-imħar u fil-bidu tal-istaġun jkun hemm tellieqa mis-sajjieda li għandhom xi qoxra biex jilħqu minn ta' l-ewwel. Ta' Filfla huwa magħruf għall-kobor u t-tjubija tiegħu, u wieħed jiftaħar ħafna li jkun qala' l-imħar minn Filfla.

Meta wieħed kien ikollu xi qalgħa mħar tajba, kien idur mar-raħal bil-kavetta, u ma kellux għax idum wisq biex ibiegħ kollox; kienu jaħtfuhulu għax "tal-imħar" kien jiġi darba fill; ma kinitx xi ħaġa ta' kuljum bħalma kien, ngħidu aħna, bejjiegħ il-ħut.

Peppi Spiteri, "Qazzitu", kien qalli storja ħelwa li kien qalhielu Indri "Tal-Menek", li kien sajjied u bejjiegħ il-ħut u li jiġi ħu missier missieri (n-nannu Nardu):

*"Darba kint qed indowr għall-imħor bil-frejgatina u nura xi ħuġa mdendla mal-blot. U x'ħin nersaq insib li ġurdien maqbowt minn mustaċċih taħt quxra ta' mħura. Qabditow l-imħura teħthe, u baqa' mdendel hemm!"*

Peppi, li qalli din l-istorja, staqsieni minn taħt l-ilsien: *"Tgħajd kien qed jgħajd virew, jew ken qed jivvinte?!"*

**© Karmenu Pace**

# IKLA KIRXA

Karmenu Pace

**Fl-imgħoddi l-kirxa kienet ferm iktar popolari mal-Maltin milli hi llum. Aktarx li kienet ikla rħisa u tajba, u għalhekk kienet imfittxija mhux biss mis-sinjuri, imma anke minn min ma setax jonfoq il-flus għall-laħam taċ-ċanga, jew tal-muntun, jew laħam ieħor li jiswa l-flus. Għall-kuntrarju ta' dak li jaħsbu xi whud, il-kirxa hija magħmula mil-istonku tal-annimal u mhux mill-imsaren (għalkemm hemm xi partijiet mill-imsaren li jissajru kirxa wkoll). Minħabba din l-impressjoni żbaljata (li l-kirxa tiġi mill-imsaren) jista' jkun li filwaqt li hemm min jitgħallaq għal platt kirxa, oħrajn jħossu l-istonku tiela' jekk biss issemmihielhom u lanqas jekk iddeħibhom ma jiekluha.**




Il-kirxa ssir mill-istonku ta' ċerti annimali li l-bniedem irabbi għall-qatla. F'Malta nieklu l-aktar il-kirxa taċ-ċanga – jiġifieri tal-baqra jew tal-barri; imma l-kirxa tista' tkun ukoll tal-majjal, tal-mogħoż, jew tan-nagħaġ. L-istonku ta' dawn il-bhejjem hu magħmul minn erba' taqsimiet: tibda minn fuq għal isfel, l-ewwel tiġi l-IXKORA (bil-Latin u bl-Ingliż: *rumen*), imbagħad il-MUDULLATA (*reticulum*), iċ-CENTUPIL (*omasum*), u t-TAMES (*abomasum*). Hu u għaddej minn dawn l-erba' taqsimiet tal-istonku, l-ikel isir qisu tajn, għaġna, u bil-fermentazzjoni jagħmel ukoll ir-riħa. Għalhekk meta wieħed jiġi biex jaħdem il-kirxa, peress li jkun fiha din l-għaġna tal-ikel, iwarrabha għaliha, u tinħadem 'l bogħod mill-bqija tal-laħam l-ieħor. Biex il-kirxa toħroġ mis-suq trid l-ewwel tinqata' u tingħażel taqsima minn oħra, imbagħad tinqasam jew tinfetaħ u titbattal mill-fdal tal-ikel li jkun hemm f'kull taqsima tal-istonku. Wara tinħasel tajjeb; biċċiet minnha anke bil-mishun; tissawwat, u terġa' tinħasel. U anke wara li tinxtara mill-ħanut tal-laħam, il-mara tad-dar terġa' tiftaħha u taħsilha tajjeb bil-melħ u bil-lumi. Jiġifieri l-kirxa trid ħafna xogħol biex issajjarha, u mhux għaġeb allura li t-tisjir tal-kirxa ma tantx għadu popolari. Mill-banda l-oħra, l-kirxa hi nutrijenti ħafna u fiha ftit jew xejn xaħam.

Kif spjegajt diġa', hemm erba' taqsimiet fl-istonku tal-bhejjem tal-ixtarr. Dawn l-erba' taqsimiet tal-istonku hawn min saħansitra isejħilhom erba' stonok differenti għax kull taqsima hija bħal borża kważi maqtugħa għalija u kull waħda tagħmel ix-xogħol tagħha. Saħansitra hawn min jgħid li l-aħħar taqsima biss hija l-veru stonku u li t-tlieta l-oħra huma pre-stonok għax huma jħejju l-ikel biex jittieħed mill-aħħar taqsima li hija t-tames. (Ara l-istampa). Minn kull taqsima toħroġ tip ta' kirxa differenti. L-ewwel taqsima hija l-akbar waħda u tieħu madwar tliet kwarti tas-sistema kollha tal-istonku tal-baqra. Tissejjaħ **l-ixkora** bil-Malti għax ġo fiha jaqa' mill-ewwel l-ikel kollu li tibla' l-baqra u hija kbira bħal xkora. Għalhekk l-ewwel tip ta' kirxa hija kirxa tal-ixkora, li l-wiċċ tagħha minn ġewwa huwa mqalla' qisu xugaman u għalhekk il-kirxa mill-ixkora tissejjaħ **kirxa tax-xugamani**. Mit-tieni taqsima tal-istonku, jiġifieri mi**l-mudullata** issir kirxa oħra, kirxa tal-mudullata, imma tissejjaħ ukoll: **kirxa tan-naħla**, u dan għaliex il-mudullata għandha fuqha tikmix li jixbaħ ix-xehda tan-naħla. Il-mudullata tagħżel l-ikel it-tajjeb mill-ħażin qabel ma tibagħtu fit-tielet taqsima tal-istonku, li hija **ċ-ċentupill.** Miċ-ċentupill ssir kirxa oħra differenti wkoll, **il-kirxa tal-folji.** Fil-fatt meta tiftaħ iċ-ċentupill li jkun bħall-borża mqabbda mal-parti ta' fuq tal-ixkora, ġewwa ssib folja ma' folja kirxa, qishom ktieb. Jew inkella wieħed jista' jqabbilha mal-pjiegi tad-dbielet jew ma' minfaħ tal-akkordjin. Hawnhekk f'din it-tielet taqsima l-istonku jkompli jiffiltra l-ikel qabel ma jgħaddi għar-raba' u l-aħħar taqsima. Din ir-raba' taqsima tal-istonku hija l-istonku veru. Bil-Malti tissejjaħ **it-tames.** It-tames jerħi likwidu aċiduż biex jibdel l-ikel fi proteini. Fil-każ tat-tames tal-ħaruf dan il-likwidu jittieħed biex bih jgħaqqdu l-ħalib li mbagħad isir baqta u mill-baqta jagħmlu l-ġbejniet fil-qwieleb. Il-kirxa tat-tames jgħidulha **kirxa tal-kannoli** jew **tal-katusi.** Fid-dinja kulħadd gostih u meta staqsejt lin-nies liema kwalita' ta' kirxa hija l-itjeb, min qalli taċ-centupill, u min qalli tal-kannoli. Toni tal-Patri miż-Żejtun li hu biċċier, qalli li l-aħjar parti għalih huwa t-tames. Waħda mara, Ġanna Zammit mill-Qrendi, qaltli li għalija l-kirxa tal-kannoli tqisha bħala l-aqwa kirxa għax hija mlaħħma u meta ssajjarha tirtab u ma tridx ħafna nar daqs il-kirxa tax-xugamani li hija ġludija u tibqa ftit iebsa. Ragel miż-Żurrieq qalli li hu t-tames jimlih u jagħmlu brodu u mbagħad iqatta' minnu roti roti. Jew inkella qal ukoll li tista' timlieh u tagħmlu bil-patata l-forn.

## TRIPPERIA

Il-kirxa tittiekel f'ħafna artijiet madwar id-dinja, f'kull pajjiż isajruha skont id-drawwiet tagħhom b'xi riċetta partikolari. It-Taljani saħansitra għandhom ħwienet tal-laħam li jispeċjalizzaw fil-bejgħ tal-kirxa. Dawn isejħulhom "Tripperia", kelma li hija mnissla mill-isem tal-kirxa bit-Taljan, "trippa". Malta tidher li kienet tittiekel ħafna tant li mill-ikliet kollha li għandna hi biss daħlet f'ħalq il-Maltin meta jgħidu: "Min qatt kiel kirxa mieghek?!". B'dan il-qawl dak li jkun ikun irid ifisser jew li ma kellux x'jaqsam b'mod intimu ma' xi ħadd jew anke li lanqas biss jaf lil dak il-bniedem. Mill-banda l-oħra ma' min "tiekol il-kirxa" ifisser li hu xi ħabib ta' ġewwa, jew li kellek xi tip ta' negozu jew laqgħat miegħu, insomma, xi ħadd li tafu sewwa u ltqajt miegħu personalment.

Aquilina, fid-dizzjunarju tiegħu Malti-Ingliż, isemmi ħames modi ta' kif wieħed jista' jsajjar il-kirxa: 1. Kirxa fil-forn, 2. kirxa mimlija, 3. kirxa moqlija, 4. stuffat tal-kirxa u 5. torta tal-kirxa. Illum bil-mezzi moderni li għandna tista' ssib ħafna riċetti ta' kif tissajjar il-kirxa minn madwar id-dinja kollha. Imma f'Malta tal-imgħoddi r-riċetti kienu jintirtu mill-omm għal bint il-biċċa l-kbira bil-fomm jew bil-kelma biss. Fl-1894 ċertu kittieb li jismu Eduardu Luigi Vella, tebagħ ktieb tar-riċetti fl-istamperija ta' ċertu C.Busuttil li kienet tinsab f'numru 133 Strada Forni, il-Belt Valletta. Dan il-ktieb kien propjeta' letterarja ta' A.Aquilina E Co. *Librari-Edituri* ta' Strada Reale Nu. 58, il-Belt. Il-ktieb fih mal-mija u sittax-il riċetta ta' platti differenti u tmienja u

għoxrin riċetta tal-ħelu. Huwa miktub bil-Malti antik li kien influwenzat mill-alfabet Taljan. Dan il-kittieb E.L.Vella. semma l-ktieb tiegħu **"CTIEB TAL CHCINA"**. Bħala motto fil-faċċata taħt l-isem tal-ktieb huwa għażel il-qawl Latin: "*Omnibus placere non possumus*" li tfisser "Ma nistgħux nogħġbu lil kulħadd". Fid-daħla tiegħu "Chelmtein lil min jakra" E.V.L. jikteb hekk:

*L' iscop li chelli meta gieni il ħsieb li naghmel dana id-daksxejn ta ctieb, chien li inghallem xi ftit tal chcina lit-tfajliet maltin, ghax l'esperienza li ghandi urietni li ftit huma dauc is-servi nisa li ghandom ħila jaghmlulec xi ftit platti semplici u taibin. M'hux deijem in-nisa Sinjuri jstghu jntilfu jghallmu cull serva ġdida li igibu ghal chcina; ħafna Sinjuri (u dan inghidu b'dispiacir cbir) m'humiex ankas capaci biex jaklu baida, u aħseb u ara chemm jstghu jghallmu lil min igibu maħħom.*

*Jena izda ma nippretendix li ghamilt xi hagia cbira, imma ipprocurait li niġbor, bil-ghainuna tal mara tighi, l' aħjar u l' izied sempliċi fost* ***ir-riċetti tal ichel li generalment hua usat fil familji maltin.***

*Jen nispera, li min jakra, u ech hua jaf din il partita, li jeħu l' esempju tighi u jcteb xi ctieb li jittratta izied fit-tul din is-sengha, li hia tant sabieħa, sengha, li tirrendi il bniedem tant felici u content meta jecol buccun taijeb.*

E. L. V.
*Malta, fl' 4 ta Settembru, tal 1894.*

Dan il-kliem f'hawn fuq ittraskrivejtu eżatt kif jinstab fil-ktieb oriġinali skont l-ortografija ta' dak iż-żmien. Għamilt biss b'tipi grassi l-kliem ***"ir-riċetti tal ichel li generalment huwa usat fil familji maltin"***. Ir-raguni hi li dan lili jinteressani u nistaqsi: dawn ir-riċetti ta' E. L. V. ma' liema familji Maltin kienu popolari? Minn kif jgħid hu stess aktarx ma' dawk il-familji sinjuri li setgħu jħallsu s-serva biex tlestilhom l-ikel. Imma xorta għandu taħlita mħawra tajjeb ta' riċetti li nittama li x'uħud minnhom setgħu ukoll kienu jintużaw mill-familji normali tal-Maltin ta' dak iż-żmien. Hawnhekk se nieħu r-riċetti li jsemmi E. L. V. fuq it-tisjir tal-kirxa la qed nikteb fuq dan is-suġġett. Uħud minnhom speċjalment dawk li żied fit-tieni ħarġa tal-ktieb u fl-edizjoni l-ġdida tiegħu iktar tard, jidher ċar li l-awtur kien influwenzat minn riċetti tal-kirxa fil-kċina Taljana. Insemmi ngħidu aħna r-riċetti bħal "Chirxa Sampierdarena" u "Chirxa Lijoniża". Ir-riċetti huma miktuba b'mod sempliċi ħafna u m'għandhomx l-irqaqat li nsibu fir-riċetti tal-lum dwar kejl u użin eżatt.

**Soppa tal Chirxa**

*Ma ratal u nofs chirxia (maħsula taijeb chif seijer nghid: katta il cannoli bcejjiċ żghar, iftahhom bl' imkass u ahsilom taijeb b'hafna melħ u lumi għal darbtein, u ghaddihom darbtein oħra mill'ilma nadif u aghmel l'istess bil bceijeċ l'oħra) hu biccia kargha-ħamra, erbgha patatiet, erbha basliet u ftit melħ. Itfa collox gewwa borma b'tant ilma, chemm ighatti collox u ħalliha taghli xi saghtein.*

Il-*cannoli* tal-kirxa li jsemmi E.L.V. aktarx li huma dawk li xi nies illum isejħulhom *l-katusi* jew *il-pajpijiet* li jiġu mill-parti tal-istonku msejħa "it-tames". Dwar il-metodu, dan huwa l-iktar metodu bażiku ta' kif tissajjar il-kirxa.

**Chirxa fil Forn.**

*Hu ratlein chirxa, keis li tnaddafa taijeb bil mishun fietel, lumi u melħ, għalligha, kattaħħa zghir u kalligha b'ħafna basal imkatta ccheichen, aghsar fuka is-sugu tat-tadam, ħalli collox ftit fuk in-nar u nizzilha. Akli zeuġ bringiliet bix-xaħam, imkattghin roti mal chirxa, hock ftit giobon parmigian jew ta Skallia, ħauuad tmien baidiet u ftit perzut, imkatta ccheichen ferm u ħauuad collox fl'imchien. Lesti dixx fond midluc bix-xaħam, kighed fil kieħ saff bringiel u saff chirxa, sachem timla id-dixx, fuku roxx ftit giobon maħcuc u frc tal galletti u kiegheda fil forn ghall' iscorcia.*

**Stuffat tal Chirxa.**

*Ħu il chirxa, aħsila f' ħafna ilma bil-lumi u il melħ, kattaħħa strixxi strixxi irkak daks saba, kiegheda gio toklija tal basal u zid mahha daks imgharfa frac tal bieba tal ħobs jebes. Kieghed maħħa ucoll coċċ perzut imkatta irkiek, tursin, ftit teum, bzar u melħ, u zid fuka ftit ftit brodu sachem tara li saret tenera u fl'aħħar nett aghsar ftit lumi u itfa dksxein koxra tal-lumi. Kabel ma iggiba fuk il meida, ħocchila ftit giobon parmigian u dauuara bil ħobs mokli.*

**Chirxa moklia.**

*Uara li tcun ghalleit il chirxa, ħalligha tibred, imbaghad kattaħħa bcejjeċ quadrati, ghaddighom mil bait imħabbat bit tursin u il melħ u il galletti misħuka, u aklighom fil butir jaghli.*

Dawn l-erba' riċetti jsemmihom Aquilina wkoll meta jagħti t-tifsira tal-kirxa fid-dizzjunarju tiegħu. Fl-1903 E.L.V. reġa ħareġ edizzjoni oħra tal-ktieb tiegħu li semmieh "It-tieni Ctieb tal Chcina". Din id-darba il-motto li għażel huwa bl-Ingliż u jgħid: "*The degree of civilization is often measured by the cuisine" (Mrs. D. A. Lincoln)*. Jista' jkun li dan il-fatt hu rifless li l-lingwa Ingliża kienet bdiet tirbaħ fil-ġlieda tagħha ma' dik Taljana. Dan it-tieni ktieb kien mitbugħ fl-Istamperija tal-Malta,16 Triq Zekka, Valletta u baqa' propjeta' litterarja ta' A.C.Aquilina. F'dan it-tieni ktieb l-awtur jżid ħames riċetti oħra tal-kirxa li ma kienux dehru fl-ewwel ktieb. Qabel id-daħla li hija xi ftit jew wisq bħal tal-ewwel ktieb E.V.L. jagħmel twissija lil min isajjar li tgħid hekk:

**_Tuissia_**

*Kabel ma nibda nati xi ricetti li jena gbart, nara li hija ħagia wisk essenziali li ghandi indaħlilcom f'rascom li sabiex il huejecc li taghmli fil chcina icunu accettati min culħatt, u jttieclu bl'aptit, hem bzon kabel collox li il camra tal chcina tcun mizmuma bl'ichbar indafa – il fuclari, il meida li fuka taħdmu, il ghodda collha – collox, ghandu icun maħsul u nadif daks il cristal – lebda hagia li ghanda relazioni mat-tisjir ghanda tcun imdensa jeu maħmugia. Min hu incaricat mil chcina ghandu izomm ruħu pulit mil izied – ghandu kabel ma jbda jaħdem, jara li rasu ja mimxuta tajeb u mitfura b'maniera tali, li ma takax xi xaghra f'dak li icun isajar – ldeiħ ghandom icunu maħsulin seuua, u ghandu jlbes fardal nadif sabiex ma hueigiu ma jeħlux ir-ruejaħ collha tal chcina. Nirrichmanda li fil chcina magħandux jingiabar lebda fdal u rimasugli ta hawn il-leil, ghax dauna f'pais phal taghna shun, malair jaghmlu ir-rieħa jikrasu, u jistghu iħassru il ħueijeċċ taiba.*

*Ghaldakstant jena bl'icbar forza nirrichmanda, li sabiex ittisjir jimexxi, ghanda t'esisti fil chcina l'icbar indafa.*
*Il Belt, 10 ta Frar, 1903.*

Ta' min jinnota li f'dan it-tieni ktieb l-awtur għal darb'oħra jerġa jinkludi r-riċetti tal-kirxa li kienu fl-ewwel ktieb u jżid erba' oħra ġodda magħhom. Għalija dan ifisser li l-kirxa kienet għada popolari sew. Dawn l-erba' riċetti ġodda jgħidu hekk:

**CHIRXA STUFFAT** (*Din ġa kienet dehret fl-ewwel ktieb imma issa fiha xi tibdil żgħir)*

*Wara li tcun hsilt il chirxa tajeb bil-lumi u il melħ, tigha ghalia u imbghad kattahha strixxi irkak, kigheda geuua ix-xaham ma ftit basal imkolli irkiek, u rox fuku daks mimli imgharfa frak tal hobs. Uara zid, ftit perzut imkatta irkiek, tursin u naqra teuma, bzar u melh, u zid ftit cull tant cocc brodu sachem tara li saret. Fl'ahhar nett roxx pariggian mahkuk u guamigha b'fetti tal ħobs imkolli.*

**CHIRXA BIT-TADAM**

*Naddaf chif ghdna u ghalli seuua il chirxa, aktahha strixxi tauualin, sad an ittant qalli geuua ftit xaham il basal u it-tursin u kighed il chirxa matOtadam maghxur u imsoffi bzar u melh; sachem thalligha it-tektek itfa ftit brodu cull darba sachem issir.*

*Servigha bil parmiggian mahkuk.*

**CHIRXA BIL CAPPAR**

*Uara li tcun ghalleit il chirxa, kattahha chif ghidna fuk, u kalligha bil butir u basal imkatta ċchekchen, u bixxa bl'imbit, zid bzar, melh u ftit estrat tal-laham u meta sejer is-servigha zidilha cocc cappar mishuk u ftit hall.*

**CHIRXA BIL "BACON"**

*Halli ftit bacon imkatta ċcheichen u zid mighu cocc tursin, ftit mertkux, hobsa zgheira tal birra imkatta quadrati, u daks ratlein chirxa li tcun gia' immghollia u imkattgha quadrati, ftit brodu, melh u halligha ittektek, u roxx cull tant ftit giobon Parmiggian mahkuk.*

**CHIRXA SAMPIERDARENA**

*Ghalligha ftit, kattahha irkieka bhal zagarelli. Kighed geuua cazzola basla imkattgha irkiek, tursin, ftit zfunnaria, u kallighom bil butir; imbghad ixhet mahhom ftit prinioli mishukin u sugu tat-tatdam u halligha itektek bil mod sa issir.*

*Meta tcun lesta roxxila fuka giobon Parmiggian mahkuk.*

Fl-1936 l-awtur ħareġ edizjoni ġdida tat-tieni ktieb "miżjud b'ħafna riċetti ġodda" stampat fl-Istamperija tas-Sależjani tas-Sliema. Fih l-stess twissija għall-indafa fil-kċina kif kienet dehret fl-edizzjoni ta' qabel, bejn wieħed u ieħor. Imbagħad fih tliet faċċati "Tagħlim Meħtieġ Għall-Kċina" fejn jagħti tagħrif, ngħidu aħna fuq "kif tisħaq ix-xaħam taċ-ċanga; kif tnaddaf il-passolina; kif tneħħi ż-żerriegħa miż-żbib; il-qxur tal-bajd". F'din tal-aħħar jgħid hekk: "Aħsel il-bajd meta jiġi mis-suq, jekk ikollok bżonn tal-qxur tiegħu biex tiċċara l-kafe', s-sopop eċċ." Wieħed mill-ewwel jinnota li issa l-awtur beda jikteb bil-Malti tal-Għaqda u waqqa' l-alfabett Taljan. Anke fil-ktieb ta' qabel tal-1903 il-motto ġa kien bidlu mit-Taljan għall-Ingliż. F'din it-tieni edizzjoni ta' "It-tieni Ctieb tal Chcina", l-awtur jerġa jagħti l-istess ħames riċetti tal-kirxa li kien ta fl-ewwel edizzjoni, imma jerġa jżid tlieta oħra li jidher li huma meħudin mill-kċina Taljana. Issa l-awtur bidel ukoll il-format tal-kitba tar-riċetta u qasamha fi tnejn: l-ewwel jibda biex isemmi l-ingredjenti meħtieġa u mbagħad wara jkompli jagħti l-metodu tas-sajran.

**KIRXA ALLA LIJONIŻA**

*Bżonnijiet: - Kirxa, butir, basal, dqieq, imbid, fungi, melħ, bżar u lumija.*

*Metodu: - Qalli bil-butir daqs tużżana basal imqatta' rqiq kull waħda f'erba' u ħallihom jiħmaru, wara qiegħed magħhom imgħarfa dqieq u ħawwad tajjeb. Żid nofs flixkun imbid abjad, ftit fungi melħ u bżar – qiegħed il-kirxa u ħalliha ssir fuq nar bati. Qabel ma ġġibha fuq il-mejda għasar fuqha lumija.*

**KIRXA FRAKASSIJA.**

*Bżonnijiet: - Kirxa, basal, twm, imsiemer tal-qronfol, butir, dqieq, fungi, bajd u lumija.*

*Metodu: - Naddaf tajjeb il-kirxa bil-mishun, wara qegħidha f'ilma frisk; sajjarha mal-basal imqatta', tewma, imsiemer tal-qronfol. Erfagħha u ħalliha toqtor, idlikha bil-butir, dqieq u qegħidha f'kazzola, xarrabha bil-brodu u żid magħha ftit fungi, għaqqad iz-zalza tagħha bl-isfar tal-bajd. Meta tkun sejjer is-serviha, agħsar lumija.*

**KIRXA ALL'INDJANA.**

*Bżonnijiet: - Kirxa, sonża, basal, melħ, bżar, brodu u mustarda.*

*Metodu: - Meta tkun naddaft il-kirxa qattagħha bċejjeċ kwadru u qegħidha f'kazzola ma' ftit sonża, basla, melħ, bżar, tliet imgħared brodu u ftit mustarda. Ħalli kollox isir sewwa u serviha sħuna.*

Illum ukoll għadha tittiekel il-kirxa għalkemm ma għadhiex daqshekk popolari. Naħseb li dan kemm minħabba l-iġjene jif ukoll peress li n-nies li qabel kienu jfittxu l-kirxa għall-borma llum kapaċi jixtru laħam taċ-ċanga, majjal, jew tiġieġ. Madankollu għad hawn min ifittixha u saħansitra ġieli tkun ukoll ippreżentata f'tiġijiet bħala parti mill-"mejda Maltija". Avolja ta' min wieħed jgħid li l-kirxa li ssib tixtri mill-ħanut illum mhix ta' Malta, peress li waqqfu l-produzzjoni tagħha minħabba liġijiet tal-Ewropa. Imma il-kirxa ta' barra, min daqha jgħid li ma ttigħemx bnina bħal dik ta' Malta. Kemm fir-riċetti li semmejt qabel kif ukoll f'oħrajn li jinkitbu llum meta jsemmu l-kirxa ma jispeċifikawx liema tip ta' kirxa tkun trid tixtri, jekk hux mill-lixxa, jew tax-xugamani jew tal-pajpijiet jew mill-irqiqa. Jgħidulek biss "kirxa". Sakemm int tkun trid issajjarha stuffat ma jimpurtax, imma ċertu tip ta' kirxa hija adattata għal ċertu platti u mhux oħrajn. Ngħidu aħna wieħed xiħ residenti San Vinċens li huwa minn Ħaż-Żabbar imma kien mar joqgħod Ħal Balzan wara li żżewweġ, qalli li martu kienet tixtri l-kirxa tal-pajpijiet, timliha bl-ikkapuljat u mbagħad tagħmilha l-forn. U ieħor li joqgħod fl-istess sptar u li nzerta minn Ħaż-Żabbar ukoll, qalli li kien jimla l-kirxa minn dik qisha falda u jagħmilha l-forn jew jaqliha fix-xaħam tagħha stess. Dan l-aħħar kien hawn ċertu qawmien biex infittxu l-għeruq ta' ġensna anke f'dak li għandu x'jaqsam mal-ikel. Fis-sit tal-internet minn Għawdex "għarbnet.com" wieħed isib ir-riċetta tas-*Soppa tal-Kirxa* fost ir-riċetti l-oħra tradizzjonali li jippreżentaw. Din tgħid hekk:

**Soppa tal-Kirxa**

Ikollok bżonn:
Nofs artal qara ħamra, 4 patatiet kbar, ġidra, basla, kaboċċa, 4 tadamiet, 6 ġbejntiet friski, ratal u nofs kirxa, u nofs lumija.

Kif tagħmilha:
1. Lesti l-kirxa ġumata qabel billi tnaddaf l-kirxa sewwa u tqattagħha f'biċċiet żgħar.
2. Sajjarha f'borma bl-ilma flimkien man-nofs lumija għal madwar nofs siegħa. Saffi l-ilma.
3. F'borma kbira itfa' l-kirxa u l-ħaxix kollu mqatta' rqieq.
4. Għatti bl-ilma u sajjar fuq nar bati għal siegħa jew sa ma tara li kollox ikun sar sewwa.
5. Itfa' l-ġbejniet friski mqattgħin irqaq u sajjarhom għal żewġ minuti f'forn sħun.

Din hija forma ta' kirxa bil-ħaxix bħal dik li kien ta' E.L.V. fl-ewwel ktieb tiegħu. Interessanti li fost l-ingredjenti żiedu l-ġbejniet friski u kif huwa magħruf l-ġbejniet huma marbutin mal-gżira t'Għawdex. Anne u Helen Caruana Galizia fil-ktieb "The Food and Cookery of Malta" (1997 p.37) jsejħu riċetta tixbaħ ħafna li din bħala "Minestra tal-Kirxa". Huma jiktbu li din it-tisjira tista' ssir billi wieħed jiftaħ il-pajpijiet tal-kirxa b'imqass, u wara jaħsilhom ripetutament fl-ilma bil-lumi. Imbagħad wieħed jitfa' l-kirxa mill-bidunett mal-bqija tal-ħaxix għall-minestra u jsajjar kollox f'daqqa. Din ir-riċetta setgħu sejħulha "Kawlata tal-Kirxa" għax l-ingredjenti li jsemmu huma l-istess bħal tal-kawlata minbarra l-majjal. Il-Minestra tal-Kirxa hija nteressanti imma trid issajjar minestra propja bl-ingredjenti propji fosthom xi ftit għaġin minn taż-żibeġ u għazz. F'paġni 111-112 tal-istess ktieb l-awturi jagħtu wkoll tlett ricetti ta' kif il-Maltin l-iktar li iħobbu jsajjru l-kirxa. Dawn huma, *torta tal-kirxa, kirxa fil-forn* u *kirxa moqlija.*

L-awtur Salvu Agius kien bniedem li qaleb għall-Malti u kiteb ħafna fuljetti dwar ir-reliġjon bħal ħajjiet tal-qaddisin u kiteb ukoll "Storja ta' Malta". Imma barra minn hekk għandu wkoll ħames kotba dwar ir-riċetti. Fl-ewwel ktejjeb li ħareġ fl-1938 paġna 7, huwa jinkludi riċetta tal-kirxa li sa fejn naf jien baqgħet l-unika waħda tal-kirxa fis-sensiela kollha. Jisimha "Kirxa Stuffat La Fiorentina" u għid hekk:

*Il-kirxa għandha tkun qabel xejn imnaddfa tajjeb, maħsula iktar minn darba u mgħollija. Imbagħad qattagħha strixxi moħxon nofs saba' u agħmilha tixxotta fi dvalja. Imbagħad qegħdha titqalla bil-mod f'kazzola bil-butir u meta tneħħiha minn fuq in-nar ixħet fuqha ftit zalza tat-tadam u fl-aħħArnett arġa ixħet fuqha ftit butir u parmiġjan maħkuk.*

Dwar kitbiet dan l-awtur kienu dehru xi apprezzamenti fil-ġurnali ta' dak iż-żmien "Il-Berka" u "Doctor Brombos" li l-awtur jinkludihom fid-daħla għal ktieb tiegħu. Jgħidu hekk:

Mid-*Doctor Brombos* ta' l-24 ta' Ġunju 1938 :-
*Waslilna l-ctieb jismu "L-Imgħallem Tal-Koki", mictub minn Salvu Agius. Dan il-ctieb huwa interessanti ħafna għax jgħallmec chif issajjar l'aħjar ichel fin u tajjeb u taħdem u tgħamel l'affarijiet tal-ħelu. Wakt li conna kgħedin nakrawh kabadna aptit ta' ngħama!! Nirrincmandawh lill karrejja tagħna. Jimbiegħ Sold u nofs minn għand Carmnu Psajla, dac li ibiegħ il-cotba kuddiem il-Posta, il-Belt. Nirringrazziaw lill'awtur.*

Mill-"Berka" tas-27 ta' Ġunju, 1938 :-
KTEJJEB TA' Ħ TIEĠA.
*Ġie f'idejna 'l ktejjeb li jismu "L-Imgħallem tal-Koki" mictub minn Salvu Agius. Fraħna, għax, barra milli huwa miktub wisq tajjeb bl-ortografija tal-Għaqda, huwa ktieb tassew ta' ħtieġa. Dan il-ktieb li fih 53 ricetta ma jimbiegħx ħlief sold u nofs biss. Aħna fil-waqt li nagħtu elf prosit lis-Sur Salvu Agius, nittamaw li ma ndumux ma naraw it-tieni ktieb ta' "L-Imgħallem tal-Koki"; anzi nixtiequ wkoll araw kotba oħra ta' fejda li b'din in-nefqa żgħira kulħadd ikun jista jixtrihom.*

*Nittamaw li s-Sur Salvu Agius, li 'l pinna tiegħu qatt ma għandha mistrieħ, jissokta jagħtina minn din ix-xorta ta' kitba, għax aħna żguri li hawn wisq ħtieġa tagħħhom; illum sold u nofs kullħadd jista' jonfqu, imma forsi kotba li, għad li huma wkoll mhux ftit ta' ħtieġa, ikunu jqumu tliet soldi, erba jew aktar, mhux kullħadd jista' jixtrihom.*

*Mela, fil-waqt li nittamaw li ma dnumux ma naraw it-tieni ktieb ta' "L-Imgħallem tal-Koki", nittamaw wkoll li naraw kotba oħra bħalu, għal ġid tal-kotra li jogħożżu kull għana tal l-għaziz Ilsien Malti, u għat-tirqim ta' l-ortografija ta' l-Għaqda.*

(Ta' min jinnota li għalkemm qed jiktbu fl-istess żmien l-ortografija tal-*Brombos* hija bil-Malti taljanizzat filwaqt li *Il-Berka* tuża l-ortografija tal-Għaqda - ħlief għal isimha.)

Piju Borg r-regettier mir-Rabat, Għawdex qalli li huma l-ewwel kienu jsajruha bil-ħaxix il-kirxa u mbagħad dak li jibqa' jagħmluh stuffat l-għada u tgħidx kemm kien jiġi tajjeb.

Illum hawn riċetti oħra iktar moderni u mħawwrin bħal dawn it-tnejn li ġejjin. L-ewwel waħda ngħatat minn Dounia Borg fil-porgramm tar-radju "Bonġu" li xxandar il-Ġimgħa 20 ta' Novembru 2009.

**Kuskus tax-xgħir bil-Kirxa**

*Ingredjenti għall-kirxa:*
Kilo kirxa, qattgħa tursin, 4 sinniet tewm, lumija, 200g ċiċri mxarrab minn lejl qabel, 50ml żejt, nofs litru ilma, kuċċarina bżar abjad, kuċċarina paprika, kuċċarina chilli (jekk trid), kuċċarina kemmun, kuċċarina ġinġer, ftit żafran.
*Ingredjenti għall-kuskus:*
Kilo dqiq tax-xgħir oħxon jew barley mitħun, 50 ml ilma, kuċċarina butir mielaħ.

Metodu:
1. Naddaf il-kirxa sew u għalliha fl-ilma sakemm issir bajda.
2. Kessaħha u qattagħha f'kaxxi.
3. F'borma ħallat l-kirxa ma' tursin mqattgħa rqiq, tewm, ħwawar, ċiċri u ż-żejt u qalliha għal ftit minuti.
4. Żid l-ilma u sajjar fuq nar qawwi sakemm tiftaħ tagħli.
5. Waqt li jkun qed jagħli, xarrab il-kuskus bi ftit ilma, poġġih f'passatur u poġġi l-passatur fuq il-borma.
6. Baxxi n-nar u sajjar sakemm issir – (Żid l-ilma jekk ikun hemm bżonn).
7. Meta jsir żid il-meraq tal-lumi u l-qoxra tagħha mqattgħa strixxi u tektek għal ftit minuti.
8. Neħħi l-kuskus mill-passatur, żid ftit butir fuqu u għarblu b'idejk.
9. Servi billi titfa' saff kuskus u fin-nofs poġġi l-kirxa.

Tista' wkoll tagħmel torta tal-kirxa, bħalma kien semma l-Pros.Aquilina, u fil-programm tal-RTK "Iftaħ Qalbek" ingħatat din ir-riċetta:

**Torta tal-Kirxa**
Temperatura tal-forn 190c, Gas mark 5

Ingredjenti:
400gr għaġina, nofs kilo kirxa, 400gr basal, mgħarfa żejt taż-żebbuġa, 2 bajdiet, 2 imgħaref tursin, 2 imgħaref ġbejniet jew ġbon maħkuk.
Turtiera ta' 23ċm dijametru.

Metodu:
1. Sajjar il-basal ġo mgħarfa żejt.
2. Ħawwad u sajjar sakemm il-basla tirtab. Jekk ikun hemm bżonn żid 50ml ilma.
3. Niżżel minn fuq in-nar u ħallih jibred.
4. Ħu ftit aktar min-nofs l-għaġina u iftaħha bil-bembuba biex tiksi l-qiegħ tat-turtiera.
5. Poġġi s-saff tal-basal fuq l-għaġina.
6. Fuq il-basal poġġi l-kirxa mqattgħa f'biċċiet żgħar.
7. Fi skudella ħabbat l-bajd u l-ġbejniet jew il-ġobon u żid it-tursin imqattgħa.
8. Ferra' din it-taħlita fuq il-kirxa.
9. Ħu l-kumplament tal-għaġina u iftaħha bil-lembuba.

1 Gerbibha mal-lembuba u poġġiha fuq il-mili.
2 Agħfas it-trufijiet flimkien u aqta' l-għaġina ż-żejda.
3 Taqqab il-wiċċ tal-għaġina f'żewġ postijiet.
4 Sajjar l-għaġina li tkun għażilt.

**XUPPATU**

Meta tkellimt ma' Feliċ tal-laħam miż-Żurrieq huwa qalli li dari fi żmien meta ommu u missieru kienu jmorru jbiegħu l-ġbejniet u l-irkotta lejn il-Belt u tas-Sliema, kienet teżisti ikla magħmula mill-kirxa jisimha **xuppatu**. Din il-kelma qiegħda mniżżla kemm fid-dizzjunarju ta' Aquilina kif ukoll fil-Miklem ta' Serracino Inglott. Skont dan tal-aħħar il-kelma ġejja mill-Calabria, "sciuppatu" u kienet tkun bħal kawlata ta' ħxejjex u kirxa mgħollija flimkien. Feliċ jgħid li kienet tkun borma mmerqa bil-biċċiet tal-kirxa rqiqa minn tal-muntun jgħumu fil-wiċċ. Kienu jitfgħulha l-ħaxix, piżelli, tadam, qara bagħli, patata, insomma, ħaxix imħallat. Wara li jkunu lestew mill-biegħa missieru kien jgħid lill-mara: "issa platt xupputu immorraw nieħdaw". Skond Feliċ, "il-kirxa l-ħaxix qaddisha". Feliċ qalli wkoll li l-istonku tal-majjal

jintuża għall-mili u **l-budullati** tal-majjal jisbkuhom u jimlew iz-zalzett fihom. Il-budullata skont Feliċ tkun musrana imwaħħla mad-**dawwara** (bħal biċċa xaħam). Anke il-**musrana l-għamja** taċ-ċanga tintuża għall-mili. Filwaqt li l-budullata tal-majjal tintuża għall-mili taz-zalzett, il-budullata taċ-ċanga jagħmlu l-kirxa minnha. Feliċ qalli wkoll li t-tames meta jkun għadu żgħir, ta' xi vitella, jkun lixx imbagħad jiġi folji folji żgħar. It-tames kif spjegali hu jiġi l-aħħar taqsima tal-istonku u jkollu l-musrana l-irqiqa jew iż-żgħira mqabbda miegħu. Meta tibda taħdem il-kirxa, tibdiha miċ-ċentupill, għax dan trid ixxarrbu fl-ilma u wara fil-misħun u mbagħad issawtu. Il-kirxa, kompla Feliċ, kollha trid issawwata anke tax-xugamani, biex jaqa' l-frak minnha. Kollha barra l-imsaren. Il-musrana l-għamja taċ-ċanga timliha u l-**kurjulin,** li hu l-aħħar biċċa tal-musrana taċ-ċanga jinħadem ukoll kirxa. Il-mara ta' Feliċ qaltli li kienet teżisti wkoll ikla msejħa **tat-tuġun**. It-tuġun huwa l-ġuf ta' majjala verġnija. Tkun majjaletta ta' taħt is-sentejn li qatt ma tkun wildet. It-tuġun tajjeb biex tagħmlu torta. David il-Giża mill-Furjana, li ilu jaħdem il-biċċerija għal dawn l-aħħar 37 sena qalli li l-**mindil** ukoll jitiekel. Il-mindil ikun bħal xibka jew fardal li jżomm l-imsaren sħan u l-borża tkun ġo fih. Skont David il-mindil tal-majjal tista' tgerbu u tagħmlu braġjolun mimli bl-ikkapuljat. Tagħmlu l-forn u tqatta' minnu. Il-kirxa fil-biċċerija tinħadem f'rokna għaliha, l'hemm mill-laħam, u dak li jkun se joqtol iġib lil xi ħadd miegħu biex inaddafha.

Kif għidt fil-bidu "il-kirxa" daħlet fil-vokabolarju tal-Maltin u l-Għawdxin. Ġa semmejna l-espressjoni "qatt ma kilt kirxa miegħu" għal meta wieħed ikun irid ifisser li qatt ma kien ħabib tal-qalb, jew ta' ġewwa ma' xi ħadd. Ġieli ngħidu wkoll, "mela l-kirxa" , biex infissru li xi ħadd mela żaqqu billi kiel kemm felaħ. Għal bniedem stonkuż, li ma jiddarras minn xejn ngħidu li hu "ta' kirxtu ħoxna". Meta xi ħadd ikun irid juri li jasal sa l-aħħar biex ipattieha lil xi ħadd anke jekk ikollu jiekol minnu, jgħid "nikollu kirxtu". Jiġifieri anke sa hemm nasal bla ma nitmeżmeż jew nitqażżeż, veru sa l-aħħar!!. "Bniedem kirxi" huwa bniedem li jibla' kollox, baħnan, babbu, jew bniedem merħi. "Bukrajx" hija kelma li m'għadhiex tintuża. Hija magħmula minn bu+krajx. Krajx huwa d-dimunittiv ta' kirxa. Kienet tingħad għal min hu żaqqieq, li għandu kirxa (stonku) kbir, kif ukoll għal xi raġel ta' qattagħni. U kienet tintuża wkoll għal min ikollu l-ġilda ta' wiċċu mkemmxa ħafna hekk li tkun qisha kirxa.

**@ Karmenu Pace**



# TOPONOMI T'GĦAJNSIELEM 1

### Joseph Caruana

**L-istudju tat-toponomastika tal-postijiet u nhawi Maltin u Għawdxin hu sabiħ u nteressanti ferm, għalkemm kultant xi ftit diffiċli u iebes u jġagħlek tqalleb ħafna kotba u rivisti. Lokalitajiet li ngħixi fihom u postijiet bħalma huma widien, għoljiet, xtajtiet, għejjun, oqsma t'art, u għelieqi, kollha għandhom l-isem toponomu tagħhom.**

Uħud mit-toponomi huma ħfief biex tasal għat-tifsira tagħhom, iżda oħrajn jeħtieġu studju fond biex wieħed jasal għal konklużjoni soda. Fin-nuqqas ta' dokumenti jew tradizzjoni soda li jistgħu jagħtu tifsira lill-isem, wieħed kull ma jista' jagħmel hu li jissuġġerixxi tifsira possibli, bbażata fuq għadd t'indikazzjonijiet li joħorġu mill-istess għerq. Iżda wieħed irid joqgħod ferm attent għax ċerti żbalji jistgħu jbegħduk milli tilħaq l-għan tiegħek li tasal għal tifsira soda u tajba. Wieħed mill-iżbalji li tista' tieħu hu li tmur fuq l-isem kif miktub jew imlissen illum. Ħafna toponomi Maltin u Għawdxin imorru lura sa żmien il-ħakma Għarbija, għalhekk x'aktarx li mal-medda taż-żmien il-kelma oriġinali tbiddlet xi ftit u ġieli ħafna, kemm fil-pronunzja kif ukoll fil-kitba meta kien isir xi testment jew kuntratt ta' bejgħ. L-aktar dokumentazzjoni abbundanti u ta' min jorbot fuqha hi dik li tinsab fl-arkivji notarili, l-arkivji tal-gvern, u l-arkivji ekkleżjastiċi. Barra dawn hemm ukoll mapep u portulani antiki. Illum bosta kittieba jaqblu li l-Għarab li kienu jokkupaw lil Malta huma l-istess Għarab li ħakmu lil Sqallija u Spanja. Dawn l-Għarab kienu mill-Afrika ta' fuq u għalhekk insibu xebħ ta' toponomi f'dawn il-pajjiżi ma' dawk ta' Malta u Għawdex. Naturalment, f'Malta l-influwenza Għarbija kienet ikbar minħabba li l-pajjiż hu żgħir fid-daqs u fil-popolazzjoni, u anke minħabba li l-ilsien mitkellem qabel kien semitiku ġej mill-Puniku. Għalhekk l-ilsien Għarbi seta' jaqbad aktar faċilment.

Fl-istudju tat-toponomastika, wieħed jista' jqassam it-toponomi taħt titli differenti u jagħmel klassifikazzjoni tagħhom. Eżempju; hemm dawk li jaqgħu taħt laqmijiet u persuni, ismijiet u kunjomijiet, ġeografija tal-post, eċċ. Illum minħabba żvilupp qawwi f'ċerti nħawi, uħud mit-toponomi qed jintnesew jew jinbidlu. Għalhekk ħassejt li jkun xieraq u f'waqtu li niġbor kemm nista' mit-toponomi tar-raħal tiegħi, Għajnsielem inkluż l-Imġarr. Se nipprova nagħti wkoll il-lok ta' fejn jinsabu u, sa fejn nista', xi tifsir tal-kelma. Dan hu biss tentattiv biex dawn l-ismijiet ma jintilfux u jibqgħu għall-posterita'.

**TRIQ TA' LAMBERT**: It-triq li tieħu mit-triq prinċipali msejħa Triq l-Imġarr ħdejn it-torri ta' Santa Ċeċilja sa fejn tispiċċa t-triq tal-kanal u tibda t-triq tal-Bwier.

illum saret frekwentata ħafna għax tieħu għall-*heliport*. Din it-triq hija wkoll imqassma bejn Għajnsielem u x-Xewkija. Lambert hu kunjom ta' familja ta' oriġini Franċiża.

**TA' SANTA ĊILJA/ĊEĊILJA:** Art fl-inħawi tal-kappella li kienet iddedikata lil Santa Ċeċilja. Dawn l-inħawi b'dan l-isem jinsabu ddokumentati sa mill-1564. Aktarx li dawn l-inħawi ħadu isimhom mill-istess kappella. Hawn insibu wkoll it-torri ta' Santa Ċeċilja, li nbena minn Bernardo Macedonia fl-1613. Din in-naħa t'Għajnsielem hi magħrufa wkoll bħala "Fejn it-Torri". L-isqof Camerasa (1635-1663) kien waqqaf benefiċċju msejjaħ "Ta' l-Isqof" jew "Ta' Santa Ċeċilja". Il-flus li jidħlu mir-renta kienu jipprovdu għall-ħlas tal-lettur tal-iskola tal-Għarbi.

**IL-BWIER:** 'L isfel mit-torri ta' Santa Ċeċilja, lejn Ta' Briegħen. L-isem jista' jkun alternattiva ta' Bwar, plural ta' Bur, li tfisser art li tiswa bħala mergħa iżda mhix tajba għaż-żriegħ.

**IL-MISRAĦ:** Fejn jingħaqdu t-toroq Tal-Misraħ, Tal-Kanal, Ta' Briegħen, u Tal-Bwier. Wesgħa art għall-wita, iżda mhix maħduma, bħal xagħra fejn kienu joħorġu jistrieħu n-nies tar-raħal u jirgħu l-bhejjem. Aktar 'l quddiem saru "pjazez".

**IĊ-ĊENS TA' KUTKUT:** Bejn it-triq tal-Bwier u t-triq ta' Briegħen. Il-kelma ċens tfisser ħlas ta' kera fuq art jew bini għal ċertu żmien jew perpetwu. Kutkut aktarx xi laqam ta' persuna li kienet is-sid tal-art.

**TRIQ TAL-MERKANTI:** It-triq li tieħu mit-triq tal-Imġarr minn hdejn it-Torri ta' Santa Ċeċilja għat-triq tal-Qala. Merkanti hija l-plural ta' merkant, li tfisser kummerċjant jew negozjant.

**SQAQ TA' WILĠA:** L-isqaq jew trejqa li tieħu mit-triq tal-Qala għat-triq ta Bordin.

**IL-WILEĠ:** Il-wita 'l isfel mit-triq tal-Merkanti bejn it-triq ta' l-Imġarr u t-triq tal-Qala. Il-kelma wilġa tfisser raba' aktarx wati li jdur mal-ġenb ta' wied. Fil-każ tagħna l-post imsemmi mhux qiegħed qrib jew ħdejn xi wied.

**IĊ-ĊENS:** Il-wita 'l isfel mill-Wileġ li tiġi bejn it-triq tal-Qala sa triq Bengħażi. Ċens huwa ħlas ta' kera fuq art jew bini għal ċertu numru ta' snin jew jista' jkun perpetwu.

**L-IMREJŻBIET:** 'L isfel miċ-ċens fejn jibdew Triq Borġ Għarib u Triq Bengħażi. Wettinger ifisser litteralment bħala marżebba żgħira, mrejżba, u għalhekk jista' jkun laqam. Erin Seeacino Inglott jgħid hekk: "Qasam art fil-limiti t'Għajnsielem, mhux bogħod minn Borġ Għarib mnejn kien jilqa' l-wied ġej minn-naħa ta' Kenuna, qabel jgħaddi bħallikieku minn imwieżeb lejn il-wied tal-qasab fuq ix-xaqliba l-oħra t'Għajnsielem". Din it-tifsira ma tantx naqblu magħha minħabba li l-imrejżbiet hu ftit 'il bogħod minn fejn jinżel il-wied minn ta' Kenuna. L-ilma ta' Kenuna jaqbad iżjed 'l isfel lejn il-wied ta' Simirat. Ġuże' Aquilina jirreferi għall-kelma Żarrab li tfisser tidħol fiċ-ċirku waqt logħob tal-boċċi. Taħt din il-kelma nsibu wkoll ŻRIB, li E.S.I ifisser bħala "għeluq ta' post – art b'ċint baxx". Jien aktar naqbel ma' din l-aħħar tifsira għar-raġuni li f'dan il-post insibu f'dal ta' ċirku megalitiku u l-post seta' ħa ismu minnu.

**TAL-KAXXA:** L-art li hi mdawra minn Triq Borġ Għarib, Triq Simirat u Triq Bengħażi.

**IL-WIED TA' SIMIRAT:** Il-kelma simirat jidher li hi varjazzjoni tal-kelma simar. Simar tfisser pjanta li għandha mill-qasab irqiq li tikber f'art imgħaddra. Tixbaħ lill-ġummar. Il-wied ta' Simirat nistgħu ngħidu li jaqsam ir-raħal t'Għajnsielem fi tnejn: il-Gudja u l-Ħamri fuq naħa, u l-bqija fuq in-naħa l-oħra. Dan il-wied jaqbad l-ilma minn taħt il-ġebel l-aħmar tan-Nadur u jibqa' nieżel paralel ma' Triq Simirat u jgħaddi minn fejn illum hemm il-Pjazza tad-Dehra. Aktar 'l isfel, jaqbad ma' Wied ir-Rajjes u jispiċċa x-xatt. Billi fejn hemm il-Pjazza tad-Dehra kien aktar baxx fin-naħa ta' fuq, kien jissejjaħ il-Kalanka.

**IL-QASMA:** Dik it-trejqa li tieħu minn Triq Bengħażi għal Triq Borġ Għarib. Fost bosta tifsiriet oħra , qasma tfisser ukoll mpgħdija minn naħa għall-oħra. Aktarx ħadet isimha minħabba li din it-trejqa taqsam minn triq għal oħra biex tevita d-dawra u tnaqqas it-tul.

**IL-KALANKA:** Il-kalanka hija dik il-parti fil-wied tas-simirat li tiġi fit-tarf tan-naħa ta' fuq tal-Pjazza tad-Dehra fejn jiġi bi dritt il-bidu ta Triq Anġlu Grch.

**TA' SAN MIKIEL:** Hija dik l-area ta' fejn l-iskola u fejn hemm il-każin tal-futbol.

**TAL-QIRGHAN:** Tal-Qiegħan huwa fdal ta' sit preistoriku. Dan il-post qiegħed fuq ix-xellug ta' Triq Borġ Għarib, int u dieħel lejn il-Qala u bejn wieħed u ieħor minn fejn tibda Triq Bengħażi. Qiegħan tfisser plural ta' qiegħa fejn jidirsu l-qamħ. Hawn min l-Imrejżbiet u l-Qiegħan jirreferi għalihom bħala l-Kumpless ta' Borġ Għarib.

**BORĠ GHARIB:** Borġ Għarib qiegħed in-naħa ta' fuq tal-Gudja fuq in-naħa tal-lemin tat-triq tal-Qala. Borġ Għarib hu ffurmat minn żewġ kelmiet: Borġ u Għarib. Borġ tfisser, fost l-oħrajn, turrun ġebel imwaqqaf waħda fuq l-oħra. Illum aktar nagħtu tifsira ta' affarijiet fuq xulxin. Għarib tfisser barrani, stranġier. Għalhekk issir "il-Borġ tal-Barrani". Bħal ma jaf kulħadd ma' dan il-post hemm marbuta leġġenda sabiħa ħafna li tat l-isem lill-post.

Il-leġġenda tgħid li fi żmien il-ħakma Għarbija, raġel misterjuż, ta' kuljum għall-ħabta tal-għabex, kien jiġi minn-naħa tal-Għarb riekeb fuq żiemel biex jixgħel lampa taż-żejt quddiem il-Madonna fis-santwarju tal-Madonna. Dan il-bniedem kien donnu mdawwar b'misteru. Għalkemm kien jiġi minn-naħa tal-punent, ħadd ma kien jaf il-post eżatt mnejn kien jiġi u lanqas fejn kien imur wara l-ġirja tiegħu għax qatt ma kellem lil ħadd. Darba waħda, wieħed Għarbi ried jikxef min kien dan il-bniedem misterjuż. Għalhekk staħba wara ħajt tas-sejjieħ jistenna lir-rikkieb misterjuż jasal. Hekk kif dan wasal ħdejh, l-Għarbi assaltah, iżda r-rikkieb xpruna liż-żiemel u dan ġera b'aktar qawwa 'l quddiem, bl-Għarbi mqabbad ma' denb iż-żiemel. X'ħin wasal fil-post li qed nitkellmu dwaru, l-Għarbi, wara dik it-tkaxkira kollha wara ż-żiemel, waqa' bla ħajja fl-art. In-nies sabuh l-għada filgħodu iżda ħadd ma ssogra jmissu. Minflok huma tefgħu fuqu ġebla wara l-oħra sakemm radmuh kollu u hekk ifforma l-borġ ġebel fuq xulxin. Dan il-borġ ta l-isem lil dan il-post.

**TA' BEĊĊUNA:** L-art li tiġi 'l isfel mill-isqaq tal-Wilġa, bejn it-triq tal-Qala u t-triq ta' Bordin. Beċċuna hija ħamiema żgħira li għadha ma bdietx ittir. Hawnhekk jista' jkun laqam.

**TA' BORDIN:** L-art 'l isfel minn ta' Beċċuna u bejn it-triq tal-Qala u t-triq ta' Bordin. Din l-art tinfirex sat-Triq tax-Xep, taħt in-Nadur. Din kienet art tal-familja Bordino (fis-seklu XV). Għalhekk din il-wesgħa art ħadet isimha mill-kunjom ta' din il-familja nobbli Bordino/Burdino.

**IL-GUDJA:** Il-wesgħa art imħattba li hi mdawra minn Triq Borġ Għarib minn-naħa ta' fuq, minn Triq il-Gudja u Triq Fuq il-Għajn minn-naħa t'isfel, u mill-Wied tas-Simirat u il-Wied ta' Martin fuq il-ġnub l-oħra. Gudja tfisser art aktarx għolja u fit-tond tiela' ħelu ħelu madwar, iżda mhux għolja ħafna. Fil-fatt il-Gudja, għalkemm ma tantx tagħti fil-għajn hija waħda mill-iżjed postijiet għoljin f'Għajnsielem.

**IĊ-ĊAGHKIJA:** Parti f'nofs il-Gudja li kienet tintuża għall-insib tal-għasafar. Ċagħkija tfisser qiegħa ta' mansab aktarx imdawra biċ-ċagħak u l-ħamrija.

**IL-WIED TA' MARTIN:** Jibda mit-triq tal-Qala, jaqsam il-Gudja minn wara l-knisja ta' Sant Antnin, jgħaddi minn taħt Triq il-Gudja, Triq il-Ħamri, u Triq Sant'Antnin u jibqa' nieżel sax-xatt. Jista' jkun li ħa ismu mill-familja li kienet taħdem ir-raba' li jagħmel miegħu.

**TA' GLIEX:** L-art li tiġi n-naħa ta' fuq ta' Triq Sant'Antnin sat-triq tal-Qala u tmiss mal-Gudja. Ta' Gliex huwa l-laqam tal-familja proprjetarja ta' din l-art. Ta' min isemmi li meta l-Patrijiet Franġiskani Minuri ta' Ġieżu ġew l-ewwel darba f'Għawdex fl-19 qagħdu f'dar ta' din il-familja ta' Gliex.

**WIED BILJUN:** Il-wied li jibda mill-Qala, jgħaddi minn quddiem il-knisja u l-kunvent ta' Sant'Antnin u jibqa' nieżel lejn iż-Żewwieqa. Dan huwa wied sabiħ ħafna, dejjem iħaddar bil-qasab, siġar tal-ħarrub u tal-frott, u uċuħ oħra tar-raba'. Skont il-Professur Wettinger, l-isem Wied Biljun ġej minn Wied Bin Iljun (gued bin liun – 1582)

**TAL-KLIN:** L-art ta' bejn triq iż-Żewwieqa u Triq Biljun. Klin hija xitla msaġġra dejjem imħaddra b'zokk wieqaf li jogħla sa żewġ metri; b'ħafna friegħi jarmu riħa tfuħ b'weraq aħdar sabiħ, bajdani minn taħt b'ward blu jagħti fil-vjola kważi s-sena kollha. Tikber fil-widien u l-blat, fin-niexef (*Rosmalinus Officinalis*).

**FUQ GHAJN IL-LONK:** X'aktarx li l-isem proprju tagħha hu Għajn il-Għonq, iżda mal-milja tas-snin sar popolarment magħruf bħala Għajn il-Lonk. Din l-għajn kienet tinsab fil-bidu ta' Triq iż-Żewwieqa fuq il-ġenb ta' Wied Biljun. Sa ftit tas-snin ilu kien fiha nixxiegħa t'ilma ġieri li kien jiġi mill-Gudja permezz ta' mini, kanali, u akwadott. Dan l-akwadott żgħir kien b'xi ħames arkati u kien jaqsam il-Wied ta' Martin fejn illum hemm il-*playing field Father Hersey* fil-Gudja. L-ilma ta' din l-għajn kien jintuża biex in-nisa jaħslu l-ħwejjeġ u għax-xorb, u minnha kienu jinqdew ukoll is-suldati li kien hemm fit-torri Garzes. L-ilma tagħha kien jibqa' sejjer biex isaqqi r-raba' taż-Żewwieqa.

**FUQ IL-ĦAMRI:** L-inħawi ta' fuq il-Ħamri huma fejn illum hemm il-Belveder. Probabbli li ħa ismu billi r-raba' li kien hemm f'dawk l-inħawi kien kollu raba' ħamri.

**BALZUNETTA:** In-naħa ta' fuq ta' Għajnsielem. Triq l-Imġarr, u Triq Cordina – l-inħawi ta' dik in-naħa. Il-kelma balzunetta ġejja mit-Taljan "Barcellonetta" li tfisser Barċellona żgħira.

**TA' LELLUXA:** 'L isfel mit-torri ta' Santa Ċeċilja lejn Għajnsielem, fejn hemm il-*Borehole* tal-ilma, ftit 'l isfel mill-*Gozo Heritage*. Hija art fil-qrib ta' Santa Ċeċilja li ġa kienet dokumentata fl-1553 u li fuqha kien imħolli legat biex isir il-quddies. Lelluxa hawn huwa laqam. Barra dan, lelluxa huwa isem ta' fjura komuni ta' kulur isfar karg – *Chrysanthemum Coronarium*.

**TA' ĠOLIN:** Aktar 'l isfel mit-triq tal-Briegħen lejn Mġarr ix-Xini. Ġolin jidher li hu xi isem ta' xi ħadd.

**TA' BRIEGHEN:** L-art imdawra minn triq Tal-Briegħen, Triq Cordina, u Triq tal-Bwier. Minn-naħa tal-Lvant tmiss ma' Sant'Elija. Il-Professur G. Wettinger, skont dokument tal-1570 iġib dan l-isem bħala tal-Briegel fit-territorju ta' Sant'Elija. Aktarx xi kunjom antik jew laqam.

**IL-ĦOTBA:** L-art bejn Ta' Lelluxa u Ta' Cordina. Art aktarx għolja aktar mill-madwar. Għolja żgħira, aktarx tonda fuq qasam art watja.

**TA' CORDINA:** Bejn Triq Cordina u Triq l-Imġarr. Cordina huwa kunjom li ilu Malta sa mis-seklu XVI. Hawn tfisser l-art ta' Cordina. Fuq mappa antika, sibt li din l-art tissejjaħ Tal-Ġonna.

**TA' MĠARR IX-XINI:** Il-medda ta' art kbira li tilħaq mill-bajja ta' Mġarr ix-Xini sa taħt il-Belt (Chambrey). Skont il-Kan. G.P. Agius de Soldanis u anke xi kittieba oħra, Mġarr ix-Xini tfisser port tax-xwieni. Dan minħabba li hawn teorija li Mġarr tfisser post mnejn iġorru, waqt li xini tfisser bastiment tal-qlugħ tal-imgħoddi. Għahekk, port tax-xwieni. Iżda skont il-professur Godfrey Wettinger, din it-teorija tradizzjonali hi żbaljata. Hu jsostni li l-kelma mġarr hi l-plural ta' miġra (nixxiegħa ta' ilma), u l-kelma xini oriġinarjament kiebet Xini – kunjom ta' persuna. Għalhekk, skont Wettinger it-tifsira għanda tkun l-Imġar ta' Xeni.

**IS-SIKKA TAL-FESSEJ:** Ras ta' blat baxxa mal-baħar bejn Mġarr ix-Xini u x-Xatt l-Aħmar. Fessej tfisser min jifsa. Dan il-post jingħad li hu msemmi hekk minħabba l-ħoss partikulari li jagħmel il-baħar fit-toqob ġol blat.

**L-ISKOLL TAL-FESSEJ:** Skoll imdaqqas fil-baħar, ftit 'il barra mill-post tal-Fessej.

**RAS IL-HOBŻ:** Ir-Ras ta' barra nett tal-Fessej; l-aktar parti maħruġa 'l barra għal ġoll-baħar. Fl-antik kien hemm waħda millhekk imsejħa għases tal-baħar. Bħala tifsira, tidher li hi l-ħotba tal-ħobża, iżda t-tifsira t-tajba ma tantx hija ċara. Skont G.P. Agius de Soldanis, hawn kien isir l-aħjar melħ fil-gżira t'Għawdex.

**IL-QALA TAL-MIKHAL:** Id-daħla ta' ġewwa mill-ponta tal-fessej. Għalkemm dan il-post insibuh imsemmi f'xi kotba, fosthom ta' De Soldanis u Annibale Preca, ħadd minn-nies li saqsejt ma jaf b'dan il-post jew b'dan l-isem. Il-kelma mikħal hija nom mimmat mill-aġġettiv ikħal, għalhekk tiġi l-Qala l-Kaħla.

**IL-HALQ:** Daħla żgħira fil-bajja tax-Xatt l-Aħmar. Il-kelma ħalq hawnhekk tfisser daħla ta' baħar f'art imqawsa.

**IL-MEJDA:** Il-parti ta' fuq l-art in-naħa ta' ġewwa tal-Ħalq. Mejda hawn tfisser wesgħa art watja u ċatta.

**IX-XATT L-AHMAR:** Bajja żgħira taħt Forti Chambray. Xatt tfisser xifer l-art li jmiss mal-baħar. Hemm teorija li din il-bajja tawha l-isem "aħmar" biex jiddistingwuha mix-xatt l-ieħor, jiġifieri l-port tal-Mġarr li popolarment hu magħruf bħala "x-Xatt". Jista' jkun ukoll li tawh dan l-isem għar-ramel ħamrani li jingħad li kien hemm f'dan il-post.

**GHAJN KLIN:** Din tinsab fuq ir-riħ tax-Xatt l-Aħmar.

**IL-KALANDRA:** Parti mill-bajja tax-Xatt l-Aħmar. Kalandra hu isem ta' għasfur.

**TAL-INGLIŻI:** Bħal ta' qabilha, din hi parti mix-Xatt l-Aħmar. Probabbli li ħa ismu mill-Ingliżi li kienu stazzjonati Chambrey u li kienu jinżlu jgħumu hawn.

**IL-PONTA TAL-MELLIEHA jew TAL-FUTMA:** Ir-ras ta' barra nett tax-Xatt l-Aħmar, il-minkeb li jdawwar l-istess bajja. Mellieħa hu post fejn ikun hemm is-salini biex jagħmlu l-melħ. Dan il-post hu magħruf ukoll, l-aktar minn-nies t'Għajnsielem, bħala "Tal-Futma". Fatma (varjanti ta' Futma) huwa isem ta' mara Għarbija u f'sens ġenerali jindika tfajla Misilma ta' ġilda samra. Dan l-isem, xi wħud jindikawh b'disprezz lil xi mara kerha. Skont tradizzjoni li smajt minn-nies frekwenti ma' dan il-post, qaluli li l-post ħa ismu minn mara jisimha Fatma/Futma li kienet toqgħod ġo għar li jinsab in-naħa tal-bejlikk, u kienet tmur tagħmel il-melħ fil-post imsemmi. Storja oħra li smajt dwar din il-mara hija li darba kien hemm raġel qiegħed jistad bit-terrieħa u f'daqqa waħda din ħaditu u kien se jegħreq f'dan il-post. Fatma kienet hemm tagħmel il-melħ u malli ndunat x'kien qiegħed jiġri, din ġriet u salvatu. In-nies baqgħu jsejħu dan il-post għaliha.

(ikompli)

**© Joseph Caruana**

maġenbha. Il-bqija tax-xtut tal-Gżejjer huma weqfin u jogħlew bosta sulari 'l fuq minn wiċċ il-baħar qrib l-istatwa ta' San Pawl, għalkemm imbagħad jitbaxxew aktar ma tersaq lejn Ras il-Gżejjer. F'dawn is-sisien hemm ukoll sensiela ta' għerien żgħar, kif ukoll il-fdalijiet ta' ieħor akbar (illum sfrundat) li kienu jsejħulu ***L-Għar tal-Gżejjer*** u tliet mini naturali żgħar li l-isbaħ waħda fosthom tinsab ftit passi biss 'il bogħod mis-Sillat. Taħt l-istatwa ta' San Pawl tispikka wkoll qasma ġeoloġika, fejn il-blat tal-qawwi jieqaf ħesrem f'sies lixx inċanat u minfloku tixref l-unika biċċa tafal li tinsab fil-Gżejjer; maqrusa taħthom hemm ukoll daħla ċkejkna b'ċagħqija mrekkna fiha. L-istess qasma (*fault*) tidher anke fuq in-naħa l-oħra tal-fliegu, f'ġenb il-Ħerrieqa. Għalkemm illum Il-Gżejjer huma diżabitati, għadu jidher il-fdal ta' razzett qadim biswit l-istatwa. Kien magħmul minn żewġt ikmamar imdaqqsin fuq xulxin u sa xi għoxrin sena ilu kien għadu kważi sħiħ, iżda minn dakinhar 'l hawn tħalla jiġġarraf kważi għal kollox minħabba t-telqa u l-vandaliżmu li ħakmuh. X'ħasra! Madwar dan ir-razzett naraw ukoll ħjiel tal-ħajja tal-imgħoddi fuq il-gżira: ħitan tas-sejjieġħ li kienu jdawru għelieqi b'ħamrija baxxa, bir (sewwasew nofs triq mir-razzett lejn Bejn il-Gżejjer), għar żgħir li kien jintuża bħala maqjel, u barriera ċkejkna li tittawwal għal fuq Bejn il-Gżejjer. Donnu li sas-seklu l-ieħor ir-raba' kien jinħadem, u hemm rakkonti dwar raħħâla li kienu jaqsmu l-fliegu minn Malta bil-merħla tagħhom (bl-għawm!) biex jieħdu l-bhejjem jirgħu fuq Il-Gżejjer. Qrib l-egħlieqi hemm ukoll roqgħa magħrufa bħala ***It-Toqba l-Ħamra***, li mid-dehra kienet imfittxija għall-kaċċa tal-fniek li kienu jiġġerrew fuq il-gżira.

## *Ix-Xemxija, il-Pwales u l-Manikata*

Biex tasal sal-Mellieħa, triq bilfors taqsam ***Il-Wied tal-Pwales*** (jew ***Wied il-Pwales***), billi dan il-foss naturali wiesa' li jinsab bejn Għajn Tuffieħa u San Pawl il-Baħar jaqtagħha mill-bqija ta' Malta. Bħalma rajna fil-bidu ta' dan l-artiklu, din il-medda ta' art baxxa bejn żewġ għoljiet issawret permezz taċ-ċaqliq tal-art aktar milli bħala wied minqux mill-ilma ġieri, iżda fil-fatt għandha wkoll pendil ħafif (l-istess bħalma rajna fil-każ tal-Wied tal-Qammieħ u ta' Qasam Barrani) u għaldaqstant l-ilma li jinġabar fiha jistagħdar f'tarfha, bejn ir-raba' ***tal-Pwales*** u dik ***Ta' Rkuplu***. B'hekk inħolqot għadira salmastra mdaqqsa ħdejn il-baħar, magħrufa bħala ***Is-Simar*** minħabba l-ħaxix iebes u ippuntat li jikber f'dan it-tip ta' ambjent u li dari kien jintuża biex minnu jinħadmu qfief u tagħmir ieħor minsuġ. Din l-għadira tiġbed lejha bosta għasafar tal-ilma tant li llum hija mħarsa. Hemm teoriji differenti dwar l-isem Pwales. Ħafna jaħsbu li hija verżjoni Semitika ta' l-isem "Pawlu" (jew tal-plural tiegħu) jew taħsira tal-isem Latin "Paulus", aktarx b'rabta ma' waħda mit-tradizzjonijiet popolari dwar il-miġja ta' San Pawl jew inkella minħabba xi mqades qodma li seta' kien hawn iddedikati lilu. Iżda skond id-dizzjunarju ta' Aquilina hemm ukoll min isostni li dan l-isem antik iktar għandu x'jaqsam mas-Simar stess, u huwa mnissel mill-kelma Latina għal dan it-tip ta' art mifqugħa bl-ilma (*"palus"*, li minnha tnisslet ukoll il-kelma Taljana *"palude"*). L-ilmijiet tax-xaba' tal-Wied tal-Pwales u tas-Simar ifuru għal ġol baħar sewwasew fejn hemm ramla żgħira (***Ir-Ramla tal-Pwales***) fil-parti l-ġewwenija nett ta' waħda mill-akbar qaliet tal-gżejjer Maltin, magħrufa bħala ***Il-Port ta' San Pawl***, ***Il-Qala ta' San Pawl***, jew ***Il-Qala ta' San Pawl il-Baħar***. Matul ix-xtut ta' dan il-port naturali maż-żmien żviluppa r-raħal kbir ta' San Pawl il-Baħar. Ir-Ramla tal-Pwales dari kienet akbar milli hi llum, u billi setgħet toffri post komdu għall-iżbark tal-għadu, fl-1716 ġiet imħarsa minn żewġ batteriji armati bil-kanuni, waħda fuq kull tarf tar-ramla. Minħabba li waħda kienet tara aktar xemx mill-oħra (minħabba li din tal-aħħar kellha għolja lejn in-nofsinhar tagħha), in-nies kienet issejħilhom ***It-Trunċiera x-Xemxija*** u ***It-Trunċiera d-Dellija***. Ix-xemxija għadha hemm sal-lum u tintuża bħala ristorant, filwaqt li d-dellija kienu ħattewha biex fetħu triq, u fil-post għadhom jidhru biss il-kopji ta' l-istemmi li kellha mal-faċċata tagħha. Aktarx li dawn iż-żewġ trunċieri maż-żmien taw isimhom liċ-ċentri abitati ta' madwarhom, appuntu ***Ix-Xemxija*** u t-tarf ta' San Pawl il-Baħar li għadu s'issa magħruf bħala ***Id-Dellija***. It-triq ewlenija li mir-Ramla tal-Pwales twassal għal fuq il-Mistra wkoll isibuha bħala ***It-Telgħa tax-Xemxija***, filwaqt li l-quċċata ta' l-għolja li tħares għal fuqha tissejjaħ ***Ix-Xagħra tax-Xemxija***. Din ix-xagħra tidher sew mit-triq tal-Mellieħa u dari kienet toffri xena li tpaxxi l-għajn; iżda fl-aħħar tletin sena, tilfet is-sbuħija tagħha minħabba l-bini għoli u ikrah li tħalla jinfirex għal fuqha u llum għandek dehra li tweġġa'. Max-xifer tax-xagħra għadhom jidhru xi fdalijiet arkeoloġiċi importanti, fosthom oqbra preistoriċi, kalati, il-fdal ta' tempju megalitiku ***f'ix-Xagħra ta' Żminka***, u ***L-Għar ta' Berbaħ*** li aktarx dari kien abitat. Minn ħdejn dan l-għar b'saqaf baxx tgħaddi trejqa antika ċċangata li tgħaddi minn ma***x-Xagħra ta' Żejżu*** u tieħdok lura lejn it-trunċiera; matulha hemm sensiela ta' għerien oħra maqtugħin fil-blat, u fi 3 minnhom għadek tista' tara l-imġiebaħ qodma tan-naħal mibnijin b'ċerta sengħa.

Ftit 'il ġewwa mis-Simar tinsab il-kappella qadima (1672) ta' ***Sant'Anna tal-Pwales***, maqrusa mal-ġenb tal-Wied tal-Pwales u mkennija taħt il-ġenb kemmxejn għoli ta***x-Xagħra tal-Għansar*** (jew sempliċement ***Tal-Għansar***) li tittawwal għal fuqha. Aktarx li x-xagħra ħadet isimha mix-xitla tal-għansar li hawnhekk tikber kotrana u li tispikka minħabba l-basal kbir tagħha li spiss jixref fil-wiċċ. Ħdejn il-kappella hemm mina qadima tal-ilma kif ukoll *shelter* u xi għerien oħra żgħar. Hemm ukoll wied ċkejken li jiġbor ilmijietu mix-Xagħra tal-Għansar u jinżel bi qlib wieqaf minn ħdejn il-kappella, qabel ma jferra' fil-Wied tal-Pwales; s'issa ma rnexxilix nitkixxef x'jismu. X'imkien fl-inħawi tissemma wkoll il-kappella medjevali ta' ***Santa Marija tal-Pwales*** li llum m'għadhiex teżisti. Ftit aktar 'il ġewwa hemm ukoll wied ieħor akbar, ***Il-Wied ta' Manna***, li jinżel minn taħt ġemgħa ta' djar f'***L-Imbordin*** qabel ma huwa wkoll jingħaqad mal-Wied tal-Pwales. Minn ġo dan il-wied tgħaddi t-triq li tieħu lejn il-Miżieb u l-Mellieħa, filwaqt li fil-blat ta' madwaru jinsabu xi għerien, kalati u oqbra antiki; isem dan il-wied jissemma wkoll fil-katalogu arkeoloġiku li kien ħejja l-istudjuż Ingliż

J.D. Evans fl-1971. Il-Wied ta' Manna jifred ix-Xagħra tal-Għansar m*id-Dar il-Bajda* (jew *Ix-Xagħra tad-Dar il-Bajda*), quċċata għolja li aktarx issemmiet hekk minħabba xi binja solitarja li kienet tispikka f'dawn l-inħawi fl-imgħoddi. B'xorti ħażina, xi kittieba (aktarx fis-snin '50) qabdu u kissru dan l-isem biex dawruh f'"Bajda Ridge" (isem ivvintat, b'nofs Malti u nofs Ingliż) u b'hekk ħolqu żball li baqa' jiġi kkupjat sal-lum, l-istess bħalma kienu għamlu b'daqqa ta' pinna fil-każ ta' l-Aħrax tal-Mellieħa li għalih ivvintaw l-isem falz "Marfa Ridge". Il-Wied tal-Pwales jilqa' fih ukoll l-ilmijiet li jinżlu minn tliet widien kbar li jinżlu mill-inħawi tal-Imġarr u l-Wardija: ***Il-Wied ta' Għoxx il-Ħida***, ***Il-Wied ta' San Martin*** u wied kemmxejn iqsar iżda wiesa' li jibda minn ħdejn ***Għajn Ballut*** fil-Wardija. Dwar dawn il-widien forsi nitkellmu xi darb'oħra, inkella nitbiegħdu żżejjed mill-inħawi tal-Mellieħa u x-Xemxija.

Jekk nibqgħu mexjin mat-tul ta' Wied il-Pwales, bi dritt l-egħlieqi f'***Ta' Ġannaru***, ***Tal-Imbordin***, u ***Il-Wilġa***, naslu f'***Tal-Arġentier*** (jew sempliċement ***L-Arġentier***), mnejn tgħaddi trejqa qadima li ttellgħek lura lejn ix-xagħriet għoljin tad-Dar il-Bajda u tal-Għansar. Fl-inħawi tal-Arġentier, il-ġenb tal-wied jieħu l-forma ta' sies għoli u wieqaf li mhux għajr il-ħjiel ta' waħda mill-qasmiet ġeoloġiċi li diġà semmejna. F'daħla mal-ġenb ta' dan is-sies hemm għadd ta' għerien kbar li aktarx kienu abitati fl-imgħoddi, tant li uħud minnhom saħansitra għandhom xi bini ġo fihom; hemm ukoll xi bini ieħor eżatt magħhom. Għerien oħra bħalhom narawhom ukoll ftit 'il bogħod taħt ***Tal-Qargħa*** (jew ***Ix-Xagħra tal-Qargħa***) mat-tarf ta***l-Manikata***, għalkemm hawnhekk huma aktar mheddin minħabba l-bini ġdid u t-tqattiegħ ta' blat li għaddej f'dawn l-aħħar snin. Qrajt li wieħed mill-għerien ta' ħdejn il-Manikata, ***L-Għar ta' Mezzjettu***, kien jintuża min-nies tal-Manikata bħala kenn mill-ħbit tal-għadu waqt it-Tieni Gwerra. U b'hekk wasalna f'ras il-Wied tal-Pwales li tinsab bejn wieħed u ieħor fejn hemm l-artijiet maħduma ta' ***Ta' Tabuni***, ***Ħabel Ċillaq***, ***Il-Ħabel il-Kbir*** u ***Il-Ħabel l-Iswed***. Hawnhekk, il-kelma "ħabel" tindika għalqa tawwalija, bħalma wieħed kien għadu jara qabel ma seħħ ħafna qsim tar-raba' fi mkatar iżgħar. Wasalna wkoll il-Manikata, illum raħal imdaqqas li jittawwal għal fuq dan ir-raba'. Il-bini tal-Manikata tista' tgħid jaqta' x-Xagħra tad-Dar il-Bajda mix-Xagħra l-Ħamra. Hawn ta' min ifakkar li x-xagħriet li għadna kemm semmejna (kif ukoll Ix-Xagħra ta' Għajn Tuffieħa u x-Xagħra tal-Majjiesa li jinsabu aktar lejn il-punent) ikomplu ma' xulxin u flimkien jiffurmaw il-quċċata tal-istess għolja tawwalija li twassal mill-Mistra sa Ras il-Waħx. Mat-tarf tal-Manikata hemm ***Ir-Razzett tal-Qasam***, kumpless qadim ta' mqawel b'ħafna għerien żgħar madwaru, fosthom mina tal-ilma. Jinsab imrekken f'wied ċkejken li jaqleb lejn l-artijiet ta***l-Bajjâd*** (mad-daħla tal-*barracks* ta***l-Kamp ta' Għajn Tuffieħa***) qabel ma jiġi fix-xejn f***il-Qasam ta' Għajn Tuffieħa***, l-art watja fuq ir-riħ tar-Ramla tal-Mixquqa. X'imkien f'dawn l-inħawi jissemmew ***Għar Keteb*** u ***Għar Nifus*** (it-tnejn marbutin mal-kunjomijiet ta' xi Lhud li jissemmew fil-kitbiet ta' l-1417, għalkemm mhux ċar għal kollox jekk dawn iż-żewġ għerien jinsabux ħdejn ir-Razzett tal-Qasam jew inkella aktar lejn il-Manikata jew l-Arġentier. Minn ħdejn dan il-qasam agrikolu, kif ukoll minn mal-egħlieqi ta***l-Wilġa***, tgħaddi triq li titla' lura lejn il-Manikata wara li tilwi mar-razzett solitarju ***Tas-Sold***. Aktar 'il fuq fil-qalba ċkejkna tar-raħal, din it-triq tikser f'daqqa lejn ***It-Telgħa tal-Ħorob*** fejn tinsab il-kappella ta' San Ġużepp (mibnija fl-1920) u minn hemm tibqa' tiela' f'żigużajg kemmxejn wieqaf li fl-aħħar iwassal lejn il-knisja parrokkjali aktar moderna tas-sittinijiet li tiddomina r-raħal minn fuq il-quċċata tal-għolja.

## *Il-Miżieb u l-Wied tal-Kalkara*

L-istess bħalma l-għolja dejqa ta' bejn ix-Xemxija u l-Manikata tixref għal fuq il-Wied tal-Pwales fuq naħa, daqstant ieħor taqleb lejn l-artijiet baxxi ta***l-Miżieb*** fuq in-naħa l-oħra. Il-Miżieb huwa gandott naturali kbir u wiesa' li jifred l-għolja ta' bejn il-Manikata u x-Xemxija minn dik tal-Mellieħa, u fforma bl-istess mod bħall-Wied tal-Pwales meta l-art fejn jinsab sfat imbuttata 'l isfel minħabba li nqarset bejn l-artijiet tal-Mellieħa u l-Manikata li ntrefgħu 'l fuq. Jidher li l-għamla tiegħu issaħħaħ l-effett tal-irjieħ li jonfħu għal ġo fih, u b'hekk ġieli jsibuh ukoll bħala ***Miżieb ir-Riħ***. Fil-qiegħ tiegħu jgħaddi wied twil (***Il-Wied tal-Kalkara***) li jibda minn post imsejjaħ ***Il-Għonq*** (ismu miegħu, bħalma rajna fil-Wied ta' Għajn Żejtuna) u jibqa' sejjer sal-Mistra. L-inħawi ta' madwar l-Għonq jgħidulhom ***Għajn Żnuber***, minħabba li sal-bidu tas-Seklu XX kien għad fadlilhom il-fdalijiet ta' bosk qadim magħmul minn siġar taż-żnuber (jiġifieri tal-prinjoli) biswit nixxiegħa tal-ilma, u fil-fatt l-ewwel parti tal-Wied tal-Kalkara ġieli jsejħulha wkoll ***Il-Wied ta' Għajn Żnuber***. Hawnhekk l-art tinżel bi qlib kemmxejn qawwi mill-Għonq lejn ir-raba' aktar baxx f'***Tax-Xatba*** (jew ***Ix-Xatba***), mnejn ħadu isimhom l-artijiet tal-madwar (***Fuq ix-Xatba***) kif ukoll ir-razzett qadim (***Ir-Razzett tax-Xatba***) li jinsab fil-qrib. Madwar Tax-Xatba nsibu l-artijiet ogħla ***Tal-Qortin*** u ***Il-Mejjieli*** (ismu miegħu, għax imil lejn ġenb il-wied) man-naħa tal-Manikata, u dawk Ta' Ciantar u Tat-Tomna man-naħa tal-Mellieħa. Minn taħt Ta' Ciantar jinżel ukoll ***Il-Wied l-Abjad***, wied ċkejken b'xi egħlieqi mtarrġin ġo fih li jingħaqad mal-Wied ta' Għajn Żnuber sewwasew ħdejn l-Għonq. Il-Wied l-Abjad huwa biss wieħed minn sensiela ta' widien qosra li jibdew minn max-xifer tal-għolja tal-Mellieħa u jċarċru bi qlib qawwi lejn il-Wied tal-Kalkara. Fil-fatt, qrib ħafna ta' xulxin fl-inħawi tal-*pumping station* tal-Miżieb hemm ***Il-Wied ta' Sufa***, ***Il-Wied tax-Xaqrani*** (jew ***Il-Wied tar-Rabti***) u ***Wied il-Miżieb*** (li minnu tgħaddi t-triq sekondarja li mill-Imbordin twassal lejn il-Mellieħa). Xi ħbieb Melliħin kienu qaluli li "ta' Sufa" u "tax-Xaqrani" huma laqmijiet ta' familji li għadhom magħrufin sal-lum f'raħalhom; il-kelma "xaqrani" hija kelma qadima li tindika lil xi ħadd b'karnaġjon ruxxan. Fuq l-artijiet ta' madwar dawn it-tliet widien, li jsibuhom bħala ***Fuq il-Miżieb***, għadha tikber fl-istat naturali s-siġra kemmxejn rari tal-għargħar, illum meqjusa bħala s-siġra nazzjonali Maltija. U madwar l-irjus ta' dawn il-widien hemm ukoll ġabra ta' madwar għoxrin għar, fosthom ***L-Għar tal-Miżieb*** (li minn taħt ***Ix-Xifer tal-Miżieb*** u 'l-art għolja Ta' Masrija jittawwal għall-fuq il-wied li jġib l-istess

isem) kif ukoll miġbħa u xi oqbra fuq Il-Wied tax-Xaqrani. Jekk fhimt sew, huma propja dawn l-għerien li jissemmew minn Borg bħala ***L-Għerien ta' Fuq ir-Raff*** f'artiklu li kien kiteb fl-1995. Fil-parti t'isfel tal-Wied ta' Sufa hemm ukoll xi Depożiti Kwaternarji li jidhru bħala roqgħa ta' blat skur magħmul minn ħamrija ffossillizzata; il-ġebel ittundjat li jinsab ingastat fiha juri li din il-ħamrija nġabret hawn wara li nġarret mill-wied. F'Wied il-Miżieb hemm ukoll mina tal-ilma, kif ukoll (aktar 'l isfel ma' ġenb it-triq) vaska li donnha kienet tiġbor l-ilma ġieri u tintuża bħala għajn, għalkemm illum tinsab nofsha mirduma bl-imbarazz. Aktar lejn il-lvant, m***ix-Xagħra tal-Ħawlija*** (ħdejn ir-*roundabout* mad-daħla tal-Mellieħa) jinżel ukoll ***Il-Wied tax-Xemgħa*** (jew ***Il-Wied tal-Għansar***), li jgħaddi minn ħdejn l-artijiet weqfin ***Tax-Xemgħa*** u ***Il-Migduma*** qabel ma jingħaqad huwa wkoll mal-Wied tal-Kalkara fl-inħawi ta' ***Taħt il-Migduma***, sewwasew bi dritt ix-Xagħra tal-Għansar li diġà ltqajna magħha qabel. Minn mal-Wied tax-Xemgħa tgħaddi wkoll mogħdija qadima li kienet tinżel mill-Mellieħa, taqsam il-Wied tal-Kalkara (fejn hemm anke xi turġien maqtugħin fil-blat), u tibqa' tiela' lejn ix-Xemxija minn maġenb l-art immejla ta***s-Sagħtrija*** li aktarx tissejjaħ hekk minħabba li miżgħuda bix-xtieli tas-sagħtar kif wieħed jistenna f'dan it-tip ta' ambjent. L-istess mogħdija għandha fergħa oħra li tingħaqad ma***ċ-Ċangar***, kif kienet tissejjaħ it-triq il-qadima li titla' ma***l-Mejjieli tal-Ibraġ*** (l-artijiet imżerżqin bejn Tal-Braġ u l-wied) u tieħu lejn Selmun. Minn hawn 'il quddiem, il-kanal dejjaq tal-Wied tal-Kalkara jieħu s-sura ta' ħondoq baxx u mserrep, u fil-ġnub tiegħu nsibu għaxar għerien żgħar (fosthom tlieta li kienu jintużaw fl-imgħoddi bħala mġiebaħ, u tnejn oħra li aktarx kienu oqbra antiki). Imbagħad, sewwasew taħt ***Tal-Ħanċ*** (fejn tilwi t-telgħa tal-Mellieħa), il-wied jerġa' jitwessa', jaqsam minn taħt it-triq, u jibdel ismu għal Wied il-Mistra li jibqa' nieżel lejn il-baħar. It-tarf tax-Xagħra tax-Xemxija li jagħti għal fuq Wied il-Mistra fih irdum wieqaf u pjuttost inaċċessibbli, minħabba s-siġar u għollieq folti li jikbru fih. Jidher sew mit-triq ewlenija, eżatt wara binja żgħira (***Ir-Rixtellu***) li nbniet fi Żmien il-Kavallieri b'rabta mal-*Monte della Redenzione degli Schiavi*. Dawn l-inħawi jsibuhom bħala ***Il-Ġnien tal-Kalkara***. Mal-faċċata tal-irdum hemm żewġ għerien imdaqqsin, li wieħed minnhom fil-fatt għandu żewġ livelli fuq ġewwa u jerġa' jitfaċċa bħal tieqa maqtugħa fl-għoli; jidher li kien jintuża bħala *gunpost*, peress li qiegħed f'pożizzjoni tassew strateġika u fl-istess waqt moħbija. Mhux wisq 'il bogħod, u tista' tgħid imiss mal-bini tax-Xemxija, hemm ukoll rixtellu li mhux għajr id-daħla ta' mitħna taħt l-art; din kienet inbniet fis-snin '50 bħala parti mit-tħejjijiet għall-Gwerra l-Bierda.

## *It-toponomastika ta' taħt il-baħar*

Fl-artklu li kont ktibt għal "L-Imnara" fl-2005 dwar l-Aħrax tal-Mellieħa, kont semmejt xi ħaġa fil-qosor dwar qiegħ il-baħar madwar il-Mellieħa, b'mod partikolari dwar Is-Sikka l-Bajda. Minn dak iż-żmien 'l hawn, ksibt aktar tagħrif toponomastiku mingħand xi sajjieda, u xtaqt naqsmu magħkom. Billi s-Sikka l-Bajda hija daqstant mifruxa, ix-xaqlibiet differenti tagħha għandhom ukoll il-laqmijiet tagħhom. Il-ġenb li jħares lejn it-tramuntana (bi dritt il-Ponta ta' l-Aħrax) isibuh bħala ***Ix-Xifer ta' Barra***. Aktar 'il fuq minnu, aktarx bi dritt Kemmuna, hemm ħofra fil-qiegħ wiesgħa xi 400 metru li tissejjaħ ***Il-Qrolla*** jew ***Il-Qrolla tas-Sikka l-Bajda***. Hemm ukoll ***Ix-Xifer ta' Ġewwa***, li jinsab bejn wieħed u ieħor bi dritt il-Madonna ta' l-Aħrax u jaqleb lejn in-nofsinhar. Is-sena l-oħra nżilt nogħdos bejn ix-Xifer ta' Ġewwa u l-Għejjer, fejn hemm sikka oħra sabiħa f'għamla ta' tumbata mdaqqsa tal-qawwi li tisporġi mill-qiegħ; il-ġnub li jħarsu lejn il-lvant jaqilbu bil-mod lejn xifer baxx li mbagħad jagħti għal fuq qiegħ ċatt u ramli. Ngħid għalija t-tarf tagħha rajtu jixbaħ xi ftit lix-xtut ta' Bejn il-Kmiemen, bid-differenza li hawn kollox jinsab mistur taħt wiċċ l-ilma. L-istess sikka fiha wkoll sensiela ta' widien baxxi iżda tawwalin, u lejn il-quċċata tagħha għandha ħofra baxxa iżda wiesgħa li aktarx hija l-fdal ta' għar kbir sfrundat (l-istess bħall-Maqluba fil-Qrendi, u l-Latnija u d-Dragunara fil-Mellieħa). Semmewli wkoll ***Is-Sikka tal-Qanpiena***, li tinsab bejn Is-Sikka l-Bajda u l-post fejn jinsab mgħarraq is-sottomarin HMS Stubborn, iżda dwar din ma nafx wisq aktar. Hemm imbagħad ***Il-Banka***, sikka oħra aktar fil-fond li qiegħda xi 26 mil lejn il-grigal tal-Għejjer ta' San Pawl. Aktar qrib l-art, madwar nofs triq bejn Il-Għejjer u Buġibba, hemm sikka oħra żgħira (***L-Iskolji***) fejn qiegħ il-baħar jtbaxxa sa madwar 11-il metru.

## *Egħluq*

F'dan l-artiklu ppruvajt naqsam magħkom xi informazzjoni li ġbart matul is-snin dwar it-toponomastika Mellieħija, kemm minn għadd ta' kitbiet imxerrdin, kif ukoll direttament minn fomm xi nies tal-inħawi, fosthom xjuħ li ma nafx jekk minn dakinhar 'l hawn għadhomx magħna. Nittama li b'dan il-mod għent xi ftit biex dan il-tagħrif ġeografiku ma jintilifx, kif ukoll li forsi nexxieli nqanqal xi naqra interess f'dan il-qasam tal-wirt kulturali Malti. Fil-każ tal-Mellieħa għandi ngħid li sibt minjieri sħaħ ta' tagħrif fi ktieb mill-isbaħ li kien ħareġ il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa fl-2002 bil-kontribut ta' diversi awturi, kif ukoll fil-kitbiet varji ta' Paul P. Borg speċjalment dwar Selmun. U ma nistax ma nsemmix l-għajnuna kbira li kienu tawni l-Mellieħin David Muscat u Ernest Vella f'dan l-istħarriġ matul is-snin '90. Minkejja li b'dan il-mod ksibt kwantità kbira ta' dettalji, joħroġ ċar li għad hemm ferm aktar x'jinġabar qabel ma jkun tard wisq. Ngħidu aħna, f'dan l-artiklu stess aċċennajt għal numru kbir ta' għerien (kemm fuq l-art kif ukoll mal-baħar) bla ma stajt ngħidilkom x'jgħidulhom, u daqstant ieħor semmejt postijiet li naf b'isimhom iżda għadni ma fhimtx fejn jinsabu eżatt. Ma' dawn ta' l-aħħar inżid ukoll ***Il-Wied ta' Psiepes***, ***Wied il-Ħarrub*** u l-***Wied id-Delli*** li jinsabu x'imkien fl-inħawi tal-Mellieħa, iżda s'hemm naf. U, mhemmx xi ngħidu, dwar it-toponomastika ta' qiegħ il-baħar qbadt biss tarf żgħir ta' dak li, żgur mhux forsi, jkunu jafu bih is-sajjieda tal-mestier. Għaldaqstant, f'każ li xi ħadd mill-qarrejja ta' *L-Imnara* jaf xi ħaġa aktar dwar dan is-suġġett, napprezza jekk ikellimni jew, saħansitra aħjar, jekk jogħġbu jikteb dwarha sabiex b'hekk dan it-tagħrif ma jintesiex. Qabel nagħlaq nixtieq inrodd ħajr ukoll lill-*Mapping Unit* tal-MEPA li pprovdewli l-

mappa li fuqha stajt nimmarka d-dettalji toponomastiċi għal ma' dan l-artiklu.

## *Riferenzi*


1. Abela, Gio. Francesco (1647): *Della Descrittione di Malta Isola nel Mare Siciliano con le sue Antichità ed Altre Notitie* (sic). Edizzjoni facsimile mitbugħa minn Midsea Books Ltd. (1984).
2. Anonima ? (c. 1733-1787): *Vue du Plan General des Isles de Malte, du Cumin, et du Goze.* Mappa tal-Gżejjer Maltin, riprodotta fil-kalendarju tal-Bank of Valletta għall-1999.
3. Anonima (2009): *L-Inħawi ta' Selmun.* Artiklu f'*In-Nota* (fuljett ta' l-Għaqda Korali u Orkestrali "Maria Bambina", Mellieħa), Ħarġa nru. 26, Settembru 2009.
4. Aquilina, Joseph (1987): *Maltese-English Dictionary.* Midsea Books Ltd.
5. Atti notarili dwar artijiet ħdejn Daħlet il-Fekruna ġNutar Francis Micallef 21.04.1965; Nutar Tonio Spiteri 14.03.1989ħ.
6. Bonniċi Calì, Rafel (1994): *Il-Mellieħa post ta' folklor u storja.* "L-Imnara" Vol. 4 nru. 4 ġĦarġa nru. 17ħ.
7. Bezzina, John (bla data). *Toponomastika tal-Mellieħa.*
8. Borg, Paul P. (1989). *Selmun u l-Inħawi.* Bugelli Publications.
9. Borg, Paul P. (1995). Artiklu fil-gazzetta "It-Torċa" (29.10.1995)
10. Borg, Paul P. (1996). *Selmun: A Story of Love.*
11. Borg, Paul P. (2002): *Selmun.* F' Catania, J (ed.) *Mellieħa Through the Tides of Time.* Kunsill Lokali tal-Mellieħa.
12. Cardona, Mario (2002): *Għajn Tuffieħa and Manikata.* F' Catania, J (ed.) *Mellieħa Through the Tides of Time.* Kunsill Lokali tal-Mellieħa.
13. Cardona, Mario (2008): *Manikata and its Rural Aspects.* Artiklu f'*Il-Majjistral Nature and History Park.* Nature Trust (Malta) Publications.
14. Castagna, Pietro Paolo (1866): *Lis Storia ta Malta Bil Gzejer Tahha* (sic). Edizzjoni facsimile mitbugħa minn Midsea Books Ltd. (1985).
15. Ciantar, Giovannantonio (1772): *Malta colle sue città, fortificazioni, terre, villaggi, valloni e luoghi alpestri, con le sue isole adiacenti.* Malta, 1772. ġmappa meħuda mill-ktieb ta' l-istess awtur *Malta Illustrata*ħ, riprodotta f'Ganado (2002).
16. De Fer, Nicholas & Scutter, Georg Mattheus (1730): *Melite vulgo Malta cum vicinis Goza, quae olim Gaulos, et Comino insulis.* Augsburg, 1730. ġmappa riprodotta f'Ganado (2002) ħ.
17. De Rossi, Gio. Giacomo (1686): *Isola di Malta, Gozzo, Comino e Cominotto.* Ruma, 1686. ġmappa riprodotta f'Ganado (2002)ħ.
18. Du Val, Pierre (1667): *Les Isles de Malthe, Goze, Comin, Cominot, etc.* Pariġi, 1667. ġmappa riprodotta f'Ganado (2002)ħ.
19. Evans, John D. (1971): *The Prehistoric Antiquities of the Maltese Islands: A Survey.* Athlone Press.
20. Falzon, Annalise (2008): *Nature Walks at Il-Majjistral Nature and History Park.* Artiklu f'*Il-Majjistral Nature and History Park.* Nature Trust (Malta) Publications.
21. Ganado, Albert (2002): *Mellieħa on Maps of the 16th to early 19th Centuries.* F' Catania, J (ed.) *Mellieħa Through the Tides of Time.* Kunsill Lokali Mellieħa.
22. Geographical Section General Staff, War Office (1940): *Malta Sheets I-X.* GSGS No. 3852. ġPrinted at Ordnance Survey Office, Southampton, 1911-1940ħ
23. Gervais de Palmeus, A.F. (fils) & Lattre, Jean (1752): *Carte générale de le Principauté Souveraine des Isles de Malte et du Gozo dressé sur les memoires des grand officiers de l'Ordre.* Pariġi, 1752. ġmappa riprodotta f'Ganado (2002)ħ.
24. Għaqda Ex-Studenti Liċeo: *Il-Kappella ta' Sant'Anna.* ġkif deher fuq il-paġna ta' l-Internet http://www.alpsmalta.com/civics/stanabooklet.pdf, nhar l-1 t'Ottubru 2011ħ
25. Jaccarini, Carol (2002): *Giren and Imġiebaħ of Mellieħa.* F' Catania, J (ed.) *Mellieħa Through the Tides of Time.* Kunsill Lokali Mellieħa.
26. Kunsill Lokali tal-Mellieħa: *Il-Bir tal-Ħnejja – Il-Bir tal-Ħnejja f'Selmun.* ġkif deher fuq il-paġna ta' l-Internet http://www.mellieha.gov.mt/?module=content&id=511, nhar l-1 t'Ottubru 2011ħ
27. Michelot, Henri & Bremond, Laurens (1718): *Nouvelle carte de Lisle de Malthe.* Pariġi, 1718. ġmappa riprodotta f'Ganado (2002)ħ.
28. Mifsud-Circop, Ġorġ (2002): *A look at some legends.* F' Catania, J (ed.) *Mellieħa Through the Tides of Time.* Kunsill Lokali Mellieħa.
29. Muscat, David (2002): *Mellieħa in the First half of the 19th Century.* F' Catania, J (ed.) *Mellieħa Through the Tides of Time.* Kunsill Lokali Mellieħa.
30. Muscat, David: Il-Mellieħa 2,500 Q.K. - 870 W.K. Minn Żmien il-Bronz sa tmiem l-Imperu Ruman (2,500 Q.K. - 870 W.K.) ġkif deher fuq il-paġna ta' l-Internet tal-Kunsill Lokali Mellieħa http://www.mellieha.gov.mt/?module=content&id=505, nhar l-1 t'Ottubru 2011ħ
31. Muscat, Jimmy (2002): *Inhabited Areas and Street Names.* F' Catania, J (ed.) *Mellieħa Through the Tides of Time.* Kunsill Lokali Mellieħa.
32. *Records* tad-Dipartiment ta' l-Artijiet (avviżi dwar esproprijazzjoni ta' art fir-Ramla tal-Mellieħa)
33. Saliba, Raymond (2002): *The Sanctuary at Mellieħa.* F' Catania, J (ed.) *Mellieħa Through the Tides of Time.* Kunsill Lokali Mellieħa.
34. Spiteri, Stephen C. (1994). *Fortresses of the Cross.* Heritage Interpretation Services.
35. Spiteri, Stephen C. (1996). *British Military Architecture in Malta.*
36. Teuma, Eugene P. (2003). *San Pawl il-Baħar: A Guide.* Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.
37. Vella, Alfred (2002): *Mellieħa in the 20th Century.* F' Catania, J (ed.) *Mellieħa Through the Tides of Time.* Kunsill Lokali Mellieħa.
38. Vella, David (2010): *Home Cave Home – Peek into the Għar u Casa.* Ħarga nru. 3 tar-rivista "*Vida*" (Marzu 2010).
39. Vella, Ernest (2002): *The Archaeological Legacy.* F' Catania, J (ed.) *Mellieħa Through the Tides of Time.* Kunsill Lokali Mellieħa.
40. Wettinger, Godfrey (2002): *Mellieħa in the Middle Ages.* F' Catania, J (ed.) *Mellieħa Through the Tides of Time.* Kunsill Lokali Mellieħa.
41. Zingarelli, Nicola (2003). *Vocabolario della Lingua Italiana.* Zanichelli Editore.


*Komunikazzjonijiet personali:*

1. Dun Alwiġ Deguara (Mġarr), 1993
2. Charles Vella (mill-Mellieħa), 1997
3. David Muscat (mill-Mellieħa), 1995
4. Ernest Vella (mill-Mellieħa), 1995
5. Ġamri Vella (mill-Mellieħa), 1995
6. Ġanni Debono (mill-Mellieħa), 1995
7. Gilbert Cutajar, 2000
8. Joseph Cachia (mill-Mellieħa), 2001
9. Paul P. Borg (mill-Mellieħa), 1995

10. Sammy Vella (ex-Sindku tal-Mellieħa), 1998

11. Bdiewa (anonimi) f'dawn il-lokalitajiet: Il-Wied tal-Qammieħ (1994); Il-Wied tax-Xaqrani (1994 & 1997); Rdum Majjiesa (1997); Il-Wied tax-Xemgħa (1998).

12. Gwardjan tar-riserva ta' l-Għadira (anonimu), 1994

13. Kaċċaturi (anonimi) f'dawn il-lokalitajiet: Bunaħħâla (1990)

14. Barklor (anonimu), 2008

**FIL-PAĠNI LI JMISS ISSIBU WERREJ TAL-ISMIJIET TAL-POSTIJIET MURIJA FIL-MAPPA TA' PAĠNA 169-170.**

**© Alex Camilleri**



L-Għadira u madwarha

| | |
|---|---|
| 1. Il-Qammieħ | 2. Il-Ħarq tan-Niġes |
| 3. Ġebel Imbark | 4. Rdum il-Qammieħ |
| 5. Il-Mejjieli | 6. Iċ-Ċumnija |
| 7. "Għar Bettiewes" (?) / L-Imbidjuż (?) | 8. Il-Bisqra |
| 9. Il-Wied tal-Qammieħ | 10. L-Għadira |
| 11. Ir-Ramla tal-Mellieħa | 12. Tan-Nofs |
| 13. L-Iskoll | 14. L-Irziezet tal-Għadira |
| 15. Il-Ħamra | 16. L-Aħdar (Ta' l-Aħdar) |
| 17. Is-Sontina | 18. Il-Gudja |
| 19. Il-Ħofra | 20. Qasam Barrani |
| 21. Il-Wied tal-Ħanżira | 22. Tat-Tomna |
| 23. Il-Wied tal-Għajn | 24. Ta' Pennellu |
| 25. Tal-Għajn | 26. Ir-Razzett tax-Xjaten |
| 27. L-Għar ta' Żamberat | 28. Ta' Randa |
| 29. Il-Ħalqun | 30. Wied San Niklaw |
| 31. San Niklaw (L-Għar ta' San Niklaw) | 32. Ġnien San Niklaw |
| 33. Bejn il-Ġonna | 34. Ġnien Ingraw |
| 35. Il-Wied ta' Ġnien Ingraw | 36. Iċ-Ċens |

L-irdumijiet tal-punent

| | |
|---|---|
| 37. L-Irdum l-Ikrah | 38. Ras in-Niexfa |
| 39. Irdum l-Ixquq | 40. Il-Prajjet (Il-Għant) |
| 41. Ix-Xquq | 42. Ras il-Prajjet (Il-Ponta ta' Bunaħħâla) |
| 43. Bunaħħâla | 44. L-Għar ta' Bunaħħâla |
| 45. L-Għerien ta' Bunaħħâla | 46. Il-Wied ta' Rdum |
| 47. Il-Poppa tal-Ġifen | 48. L-Għawseġ |
| 49. Irdum il-Għawseġ | 50. Il-Mansab (Iċ-Ċens tal-Mansab) |
| 51. Ta' Ciantar | 52. Għajn Żnuber |
| 53. It-Torri ta' Ciantar (It-Torri ta' Għajn Żnuber) | 54. L-Irdum ta' Beċċuna |
| 55. Ix-Xagħra ta' Għajn Żnuber | 56. Il-Minżel |
| 57. Irdum id-Delli | 58. L-Iskoll ta' l-Agħsafar |
| 59. Dahar il-Ħmar | 60. Il-Qortin ta' Għajn Tuffieħa |
| 61. Ras il-Waħx (Il-Ponta tal-Mejjiesa) | 62. L-Iskoll tal-Waħx (Ras il-Mewt) |
| 63. Ix-Xagħra tal-Majjiesa (Ix-Xagħra tal-Qortin) | 64. Irdum Majjiesa (L-Irdum tal-Mejjiesa; Il-Mejjiesa; jew L-Irdum) |
| 65. Il-Minżel tal-Majjiesa | 66. In-Naħlija |
| 67. Il-Wied tan-Naħlija | 68. Ix-Xagħra ta' Għajn Tuffieħa (Il-Moxa ta' Għajn Tuffieħa) |
| 69. Ix-Xagħra l-Ħamra | 70. Il-Ponta tal-Mixquqa |
| 71. Ir-Ramla tal-Mixquqa | 72. Għajn Mixquqa |
| 73. Il-Wied ta' Għajn Tuffieħa | 74. Il-Qala tal-Mixquqa |
| 75. Il-Wita tat-Torri (Tat-Torri) | 76. It-Torri ta' Għajn Tuffieħa (It-Torri ta' Għajn Mixquqa) |
| 77. Il-Borġ ta' Għajn Tuffieħa | 78. Il-Qala ta' Għajn Tuffieħa |
| 79. Ir-Ramla ta' Għajn Tuffieħa (Ir-Ramla tar-Rdum) | 80. Ras il-Qarraba |

Il-Mellieħa

| | |
|---|---|
| 81. Il-Madonna tal-Mellieħa | 82. Il-Wied ta' Santa Marija (Il-Wied tal-Mellieħa; Il-Wied tal-Madonna; jew Il-Wied ta' Ruman) |
| 83. Ta' Snajjin | 84. Is-Salib tal-Pellegrini |
| 85. Il-Fortizza tal-Mellieħa (Il-Fortizza tas-Salib) | 86. Ix-Xagħra tal-Mellieħa |
| 87. L-Għar tal-Madonna (L-Għar tal-Ilma) & Il-Madonna tal-Għar | 88. Ta' Skrajda |
| 89. L-Għajn tal-Mellieħa | 90. L-Għarukaża (L-Għarkaża; Għar San Pawl; Id-Dar ta' San Pawl) |
| 91. Fuq San Pawl (Tat-Tramblett) | 92. Il-Qortin |
| 93. Tas-Salib | 94. Ta' Masrija |
| 95. Ta' Peswella | 96. Tal-Braġ (L-Ibraġ) |
| 97. Ix-Xagħra ta' Barra | 98. Il-Qortin ta' Għajn Żejtuna |
| 99. Taz-Zoppa | 100. Ta' Ċangulin |
| 101. Għajn Żejtuna | 102. Il-Wied ta' Għajn Żejtuna |
| 103. Fuq il-Qigħan | 104. Ir-Ramla ta' Għajn Żejtuna |
| 105. L-Għajn ta' Fuq | 106. L-Għajn t'Isfel |
| 107. L-Għonq | 108. Il-Ħabel it-Twil |

| | |
|---|---|
| 109. L-Għar tal-Bajjadan | 110. Il-Ħarq |
| 111. Ix-Xerrieqa | 112. L-Għerien |
| 113. L-Għar tat-Tramuntana | 114. L-Imxaxa |
| 115. Wied Ballut | 116. Taħt l-Imxaxa |
| 117. Il-Ġebliet | 118. Tas-Sellum (Is-Sellum) |
| 119. It-Tunnara | 120. Ta' Gerbulin |
| 121. Tal-Ġrieden | 122. Ix-Xagħra tat-Tunnara |
| 123. It-Trunċiera (It-Trunċiera tal-Mellieħa) | 124. L-Għar tat-Trunċiera |
| 125. Iċ-Ċagħqija | |

Selmun u x-xtut tal-lvant

| | |
|---|---|
| 126. Taħt il-Palma | 127. Il-Kopp |
| 128. L-Irdum tal-Griebeġ | 129. Ras il-Griebeġ |
| 130. Il-Griebeġ | 131. Ix-Xagħra tal-Kurunell |
| 132. Xagħret Għekek | 133. Ix-Xagħra tal-Gardillu |
| 134. Il-Latnija | 135. Il-Bir tal-Latnija |
| 136. Ġebel Żnajbar | 137. L-Imġiebaħ |
| 138. Wied l-Imġiebaħ (Il-Wied ta' l-Imġiebaħ) | 139. Il-Ħewwiexa |
| 140. Il-Ħawlija | 141. Tal-Mellieħi |
| 142. Ta' Kettu | 143. L-Għerien ta' l-Imġiebaħ |
| 144. Il-Ponta s-Sewda | 145. Ir-Ramla ta' l-Imġiebaħ |
| 146. Ir-Ramla ta' Għajn Ħadid | 147. Għajn Ħadid |
| 148. Ix-Xagħra ta' Għajn Ħadid (Ix-Xagħra tat-Torri) | 149. L-Irdum ta' Għajn Ħadid |
| 150. Iċ-Ċens ta' Għajn Ħadid | 151. It-Torri ta' Għajn Ħadid |
| 152. Tal-Lembi | 153. Iċ-Ċens tal-Merħla |
| 154. Il-Palazz ta' Selmun | 155. Selmun |
| 156. Il-Bir tal-Ħnejja | 157. It-Taqtigħat |
| 158. Ta' Rumini | 159. Tal-Blata |
| 160. Il-Blata l-Bajda (Il-Blata) | 161. Is-Sikka tal-Blata |
| 162. Bugazzin | 163. Is-Salini |
| 164. Il-Ħerrieqa | 165. Rdum il-Bies |
| 166. It-Trunċiera | 167. L-Għar ta' Rdum il-Bies |
| 168. Il-Fortizza ta' Selmun (Il-Fortizza ta' Campbell) | 169. Ir-Razzett tal-Blata |
| 170. Is-Sarġ (Tas-Sarġ) | 171. Ġebel it-Tork |
| 172. Ras il-Miġnuna | 173. Tal-Miġnuna |
| 174. Ix-Xagħra tat-Trunċiera | 175. L-Għar ta' Bazzu |
| 176. L-Għar ta' Marozz | 177. L-Għar tal-Furbani |
| 178. L-Għar ta' San Pawl | 179. Il-Ħalq tal-Klieb |
| 180. It-Trunċiera tal-Mistra (It-Trunċiera) | 181. Il-Gardjola |
| 182. L-Għar ta' Ġebel it-Tork | 183. Il-Qala tal-Mistra (Il-Mistra) |
| 184. Wied il-Mistra | 185. Il-Bajjâd |
| 186. Il-Ħbula l-Bojod | 187. Il-Bur (Il-Bur tal-Ħarruba) |
| 188. L-Ulieġi | 189. Il-Ġdida |
| 190. Ix-Xifer | 191. L-Isqaq tal-Bajjâd |
| 192. Ix-Xagħra ta' Selmun | 193. Wied Għarbiel |
| 194. Iċ-Ċens ta' Wied Għarbiel | 195. L-Imgħalaq (Il-Magħlaq) |
| 196. Il-Forn | 197. Ix-Xagħra tal-Qortin (Tal-Qortin) |
| 198. Rdum Irxaw | 199. Ta' Rxaw (Ta' Rdum Irxaw, jew Ta' Għar Fekruna) |
| 200. L-Irdum ta' Coleiro | 201. Rdum Stoppin |
| 202. Daħlet il-Fekruna (Dar il-Fekruna) | 203. Il-Ponta tal-Fekruna (Ras Irxaw) |
| 204. Għar Fekruna | 205. Għajn Fekruna |
| 206. Il-Mogħxa | 207. Iċ-Ċens tal-Bir |
| 208. Ix-Xagħra tal-Bur tal-Ħarruba | 209. Qortin Simber |
| 210. Iċ-Ċens | 211. Il-Ġnien |
| 212. Il-Ħabel ta' Demel | 213. Ir-Ranċis |
| 214. Id-Dukkiena | 215. Il-Kalkara |
| 216. Stoppin | |

Il-Gżejjer

| | |
|---|---|
| 217. Il-Gżejjer (Il-Gżejjer ta' San Pawl; Il-Gżejjer ta' Selmun; L- | 218. Selmun |

| | |
|---|---|
| Iskoll ta' Selmun; Tal-Barba Marku) | |
| 219. Selmunett | 220. Bejn il-Gżejjer |
| 221. San Pawl tal-Gżejjer | 222. Ras il-Gżejjer |
| 223. Is-Sillat (Is-Sillat tal-Gżejjer) | 224. L-Għar tal-Gżejjer |
| 225. It-Toqba l-Ħamra | |

Ix-Xemxija, il-Pwales u l-Manikata

| | |
|---|---|
| 226. Il-Wied tal-Pwales (Wied il-Pwales) | 227. Il-Pwales |
| 228. Ta' Rkuplu | 229. Is-Simar |
| 230. Ir-Ramla tal-Pwales | 231. Il-Port ta' San Pawl (Il-Qala ta' San Pawl; Il-Qala ta' San Pawl il-Baħar) |
| 232. It-Trunċiera x-Xemxija | 233. It-Trunċiera d-Dellija |
| 234. Ix-Xemxija | 235. Id-Dellija |
| 236. It-Telgħa tax-Xemxija | 237. Ix-Xagħra tax-Xemxija |
| 238. Ix-Xagħra ta' Żminka | 239. L-Għar ta' Berbaħ |
| 240. Ix-Xagħra ta' Żejżu | 241. Sant'Anna tal-Pwales |
| 242. Ix-Xagħra tal-Għansar (Tal-Għansar) | 243. Il-Wied ta' Manna |
| 244. L-Imbordin | 245. Id-Dar il-Bajda (Ix-Xagħra tad-Dar il-Bajda) |
| 246. Il-Wied ta' Għoxx il-Ħida | 247. Il-Wied ta' San Martin |
| 248. Għajn Ballut | 249. Ta' Ġannaru |
| 250. Ta' l-Imbordin | 251. Il-Wilġa |
| 252. Ta' l-Arġentier (L-Arġentier) | 253. Tal-Qargħa (Ix-Xagħra tal-Qargħa) |
| 254. Il-Manikata | 255. L-Għar ta' Mezzjettu |
| 256. Ta' Tabuni | 257. Ħabel Ċillaq |
| 258. Il-Ħabel il-Kbir | 259. Il-Ħabel l-Iswed |
| 260. Ir-Razzett tal-Qasam | 261. Il-Bajjâd |
| 262. Il-Kamp ta' Għajn Tuffieħa | 263. Il-Qasam ta' Għajn Tuffieħa |
| 264. Il-Wilġa | 265. Tas-Sold |
| 266. It-Telgħa tal-Ħorob | |

Il-Miżieb u l-Wied tal-Kalkara

| | |
|---|---|
| 267. Il-Miżieb (Miżieb ir-Riħ) | 268. Il-Wied tal-Kalkara |
| 269. Il-Għonq | 270. Il-Wied ta' Għajn Żnuber |
| 271. Tax-Xatba (Ix-Xatba) | 272. Fuq ix-Xatba |
| 273. Ir-Razzett tax-Xatba | 274. Tal-Qortin |
| 275. Il-Mejjieli | 276. Il-Wied l-Abjad |
| 277. Il-Wied ta' Sufa | 278. Il-Wied tax-Xaqrani (Il-Wied tar-Rabti) |
| 279. Wied il-Miżieb | 280. Fuq il-Miżieb |
| 281. L-Għar tal-Miżieb | 282. Ix-Xifer tal-Miżieb |
| 283. L-Għerien ta' Fuq ir-Raff | 284. Ix-Xagħra tal-Ħawljia |
| 285. Il-Wied tax-Xemgħa (Il-Wied tal-Għansar) | 286. Tax-Xemgħa |
| 287. Il-Migduma | 288. Taħt il-Migduma |
| 289. Is-Sagħtrija | 290. Iċ-Ċangar |
| 291. Il-Mejjieli ta' l-Ibraġ | 292. Tal-Ħanċ |
| 293. Il-Ġnien tal-Kalkara | 294. Ir-Rixtellu |

It-toponomastika ta' taħt il-baħar

| | |
|---|---|
| 295. L-Iskolji | 296. Ix-Xifer ta' Barra |
| 297. Il-Qrolla (Il-Qrolla tas-Sikka l-Bajda) | 298. Ix-Xifer ta' Ġewwa |
| 299. Is-Sikka tal-Qanpiena | 300. Il-Banka |

Oħrajn (mhux identifikati sew)

| | |
|---|---|
| 301. Irdum Stas | 302. *"Censo dei Falconi"* |
| 303. Rdum Fossa | 304. Il-Ponta tal-Vas |
| 305. Il-Ponta ta' Għajn Tuffieħa | 306. Għar Nifus |
| 307. Għar Keteb | 308. Taħt il-Ħanin |
| 309. Ta' Kullatu | 310. Taħt il-Palazz |
| 311. Il-Wied ta' Psiepes | 312. Wied il-Ħarrub |
| 313. Wied id-Delli | |